DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/115

tal-10 ta' Lulju 2018

dwar il-miżuri SA.37977 (2016/C) (ex 2016/NN) implimentati minn Spanja favur Sociedad Estatal de Correos y Telégrafos, S.A.

(notifikata bid-dokument C(2018) 4233)

(It-test Spanjol biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li appellat lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) li saret referenza għalihom aktar 'il fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2013 u fl-10 ta' April 2014, il-Kummissjoni rċeviet żewġ ilmenti anonimi kontra l-Istat Spanjol fir-rigward tal-għoti allegat ta' għajnuna illegali u inkompatibbli lil Sociedad Estatal Correos y Telégrafos, S.A. (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Correos"). Iż-żewġ ilmenti ressqu l-kwistjonijiet li ġejjin dwar Correos: (i) l-allegat kumpens żejjed mogħti lil Correos għat-twettiq tal-USO sa mill-1998, (ii) allegati eżenzjonijiet inkompatibbli mit-taxxa mogħtija lil Correos, u (iii) allegati kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhux imħallsa għal impjegati taċ-ċivil impjegati minn Correos.

(2) Fl-14 ta' Frar 2014, fis-26 ta' Frar 2014 u fil-15 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni bagħtet il-verżjonijiet mhux kunfidenzjali taż-żewġ ilmenti lill-awtoritajiet Spanjoli.

(3) Fil-11 ta' April 2014 u fit-18 ta' Settembru 2014, l-awtoritajiet Spanjoli wieġbu għal dawn l-ilmenti.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2014, fit-22 ta' Ottubru 2014 u fl-4 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Spanjoli għal aktar informazzjoni.

(5) L-awtoritajiet Spanjoli wieġbu għal dawn it-talbiet fis-7 ta' Awwissu 2014, fid-19 ta' Diċembru 2014, fid-19 ta' Jannar 2015 u fil-21 ta' Diċembru 2015 rispettivament.

(6) Bl-ittra tal-11 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni infurmat lil Spanja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward ta' diversi miżuri favur Correos. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016") ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(7) Il-Kummissjoni rċeviet l-ewwel kummenti minn Spanja dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ bl-ittra tal-21 ta' April 2016.

(8) Il-Kummissjoni rċeviet l-ewwel kummenti mingħand Correos dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ bl-ittra tal-11 ta' Mejju 2016.

(9) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand parti terza bl-ittra tat-12 ta' Mejju 2016.

[1] ĠU C 129,12.4.2016, p.10.
[2] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(10) Il-Kummissjoni baġħtet il-kummenti li rċeviet lil Spanja fit-8 ta' Ġunju 2016.

(11) Spanja pprovdiet il-kummenti tagħha dwar il-kummenti tal-partijiet terzi bl-ittra tas-6 ta' Lulju 2016.

(12) Matul il-proċedimenti l-Kummissjoni rċeviet kummenti addizzjonali minn Spanja fl-24 ta' Ottubru 2017 u fit-23 ta' Mejju 2018.

(13) Il-Kummissjoni rċeviet aktar osservazzjonijiet mingħand kompetitur preċedenti ta' Correos, Unipost, bl-ittra tal-20 ta' Marzu 2018.

2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA**

2.1. *IS-SUQ POSTALI SPANJOL*

(14) Qabel l-adeżjoni ta' Spanja mal-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) fl-1986, is-servizzi postali fi Spanja kienu operati mill-Amministrazzjoni Ġenerali. Id-Digriet 1113/1960 tad-9 ta' Mejju 1960 dwar l-Ordni Postali, implimentat mir-Regolament dwar is-Servizzi Postali, adottat permezz tad-Digriet Nru 1653/1964 tal-14 ta' Mejju 1964, iddefinixxa s-servizzi postali u afda l-forniment tas-servizz f'idejn id-Direttorat Ġenerali ta' "Correos y Telégrafos". L-adozzjoni tal-Ordni Postali u r-regolament ta' implimentazzjoni tiegħu rrapreżentaw il-bidu tal-liberalizzazzjoni tas-suq postali Spanjol. Filwaqt li l-monopolju ta' "Correos y Telégrafos" kien ċirkostrett għal ittri u kartolini interurbani u internazzjonali, is-servizzi tal-posta urbana u tal-pakketti postali ġew liberalizzati totalment. Fis-snin sebgħin (1970s) l-ewwel operaturi privati kbar daħlu fis-suq postali Spanjol.

(15) Wara l-adeżjoni ta' Spanja mal-KEE, seħħet liberalizzazzjoni gradwali tas-servizzi postali bejn l-1998 u l-2010 fuq il-bażi tad-Direttivi Postali tal-Unjoni Ewropea. B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ġiet trasposta fil-liġi nazzjonali fl-1998 permezz tal-Liġi 24/1998 tat-13 ta' Lulju 1998 dwar is-Servizzi Postali Universali u l-Liberalizzazzjoni tas-Servizzi Postali (il-Liġi Postali tal-1998), li għall-ewwel darba fdat l-obbligu tas-servizz universali ("USO") lil Correos ([4]). Il-liġi tipprevedi lista mnaqqsa ta' servizzi tal-USO ([5]) li kienu riżervati għal Correos bħala fornitur tal-USO ("is-settur riżervat"), filwaqt li s-servizzi postali l-oħrajn kollha ġew liberalizzati ("is-settur mhux riżervat").

(16) Il-liberalizzazzjoni tas-servizzi postali fi Spanja kompliet bit-traspożizzjoni fil-Liġi Spanjola tad-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), bil-Liġi 53/2002 tat-30 ta' Diċembru 2002 dwar il-Miżuri tat-Taxxa, Miżuri Amministrattivi u Soċjali, li emendat il-Liġi Postali tal-1998 li ssemmiet qabel u naqqset aktar l-ambitu tas-settur riżervat.

(17) Fl-2010 s-settur postali ġie liberalizzat kompletament bil-Liġi 43/2010 tat-30 ta' Diċembru 2010 dwar is-servizz postali universali, id-drittijiet tal-utenti u s-suq postali (l-Liġi Postali tal-2010) li ttrasponiet id-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) fil-Liġi Spanjola. Il-Liġi Postali tal-2010 tat definizzjoni ġdida għall-ambitu tal-USO (pereżempju s-servizz ta' money order ġie eskluż mill-USO) u neħħiet is-settur riżervat.

2.2. *IL-BENEFIĊJARJU*

2.2.1. CORREOS

(18) Correos hija kumpanija kollha kemm hi proprjetà tal-Istat li hija l-kumpanija omm tal-Grupo Correos, bis-Sociedad Estatal ("SEPI") bħala l-uniku azzjonist. SEPI hija kumpanija azzjonarja għall-parteċipazzjonijiet tal-Istat f'impriżi.

([3]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

([4]) Id-Dispożizzjoni Addizzjonali u l-Artikolu 15(2) tal-Liġi Postali tal-1998 jelenkaw is-servizzi li ġejjin bħala inklużi fl-ambitu tas-servizz postali universali: (1) servizzi ta' money order; (2) il-forniment regolari ta' servizzi postali nazzjonali u internazzjonali għal oġġetti postali li jinkorporaw indirizz indikat mill-ispeditur fuq l-oġġett innifsu jew fuq l-imballaġġ. Dawn jistgħu jkunu: (a) Ittri u kartolini li jkun fihom komunikazzjonijiet miktuba, sa żewġ (2) kg; (b) Pakketti, ta' valur ekonomiku jew mingħajr, sa 10 kg.

([5]) L-Artikolu 18 tal-Liġi Postali tal-1998 jiddefenixxi settur riżervat bħala: servizzi ta' money order; l-ikklerjar, l-organizzazzjoni u t-tqassim ta' oġġetti ċertifikati jew mhux ċertifikati bejn il-bliet, u ta' ittri u kartolini, sa 100 gramma (mill-1 ta' Jannar 2006, il-limitu tal-piż ġie stabbilit għal 50 gramma); is-servizzi postali transfruntiera (mibgħuta jew irċevuti minn Stat ieħor), fosthom ittri u kartolini mibgħuta u rċevuti, bil-limitazzjoni msemmija hawn fuq fir-rigward tal-prezz, il-piż u d-data; ir-riċevuta ta' applikazzjonijiet, ittri u komunikazzjoni li ċ-ċittadini jindirizzaw lill-korpi tal-amministrazzjoni pubblika.

([6]) Id-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għal kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji (ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21).

([7]) Id-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji (ĠU L 52, 27.2.2008, p. 3).

(19) Correos toffri servizzi postali, inkluż servizzi universali, servizzi ta' kurjer u servizzi oħra (pereż. servizzi relatati ma' servizzi postali u attivitajiet assoċjati, fosthom operazzjonijiet ta' trasferiment ta' flus, filatelija, eċċ.). Fl-2016, Correos kellha fatturat ta' madwar EUR 1 761 miljun, bagħtet 2 774 miljun oġġett postali (inkluż pakketti) u impjegat 49 785 ħaddiem.

(20) Corroes hija l-akbar fornitur ta' servizzi postali fi Spanja, bi 8 787 punt ta' kuntatt postali fl-2016. Hija l-mexxejja tas-suq fis-settur postali Spanjol bl-aktar sehem mis-suq tas-servizzi postali Spanjoli, għajr fis-servizzi tal-pakketti. Sal-2017, Unipost S.A. kien il-kompetitur ewlieni ta' Correos fis-suq postali Spanjol, madankollu l-kumpanija għaddiet minn diffikultajiet finanzjarji u daħlet fi proċess ta' likwidazzjoni fid-19 ta' Frar 2018. Operaturi postali Ewropej oħrajn (jiġifieri, Deutsche Post, TNT, La Poste, UPS, CTT Correios Portugal u Royal Mail) għandhom sehem mis-suq sinifikanti fis-servizzi tal-pakketti.

2.2.2. IL-QAFAS LEGALI APPLIKABBLI GĦAL CORREOS

(21) Fi Spanja, l-Istat ilu jamministra direttament is-servizz postali sa mill-1716. Correos kienet parti mill-Amministrazzjoni Pubblika, billi kienet taqa' taħt Ministeri differenti bħall-Ministeru għall-Intern u wara l-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet.

(22) Il-Korp Awtonomu "Correos y Telégrafos" inħoloq permezz tal-Liġi tal-Baġit Ġenerali tal-Istat 31/1990 tas-27 ta' Diċembru 1990. Il-korp awtonomu "Correos y Telégrafos" twaqqaf fl-1992, u kien jaqa' taħt il-Ministeru għat-Trasport, it-Turiżmu u l-Komunikazzjonijiet.

(23) "Correos y Telégrafos" saret Entità Kummerċjali Pubblika taħt il-Ministeru għall-Iżvilupp f'konformità mal-Liġi 6/1997 tal-14 ta' April 1997 dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat.

(24) Il-Liġi 14/2000 tad-29 ta' Diċembru 2000 dwar il-Miżuri Fiskali, Amministrattivi u Soċjali adottat il-qafas legali għas-"Sociedad Estatal Correos y Telégrafos, S.A.", u l-Kumpanija twaqqfet f'Ġunju tal-2001. Fil-5 ta' Ġunju 2012 il-kumpaniji kollha li kienu jaqgħu taħt il-Correos Group (jiġifieri Correos u s-sussidjarji tagħha Correos Express, Nexea u Correos Telecom) ġew inkorporati fis-SEPI holding, li saret l-azzjonist uniku.

2.3. *DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI PUBBLIĊI FAVUR CORREOS*

2.3.1. IL-KUMPENSI TAL-USO MOGĦTIJA LIL CORREOS

(25) Fl-1998, Correos ġiet fdata bl-USO mil-Liġi Postali tal-1998. Bħala kumpens biex twettaq l-USO, Correos ingħatat finanzjament pubbliku bejn l-1998 u l-2010. Sussegwentement, il-Liġi Postali tal-2010 fdat lil Correos bil-forniment tal-USO għal perjodu ta' 15-il sena li beda fl-1 ta' Jannar 2011.

2.3.1.1. ***Il-kumpensi tal-USO mogħtija taħt il-Liġi Postali tal-1998***

(26) Mill-11 ta' Marzu 2000, mal-Liġi Postali tal-1998 inżied "Plan de Prestación" ("il-Plan de Prestación tal-2000") li jistipula l-mekkaniżmu ta' kumpens li jistma l-kost nett li tkun ġarrbet Correos fir-rigward tal-issodifar tal-obbligu tagħha bħala fornitur ta' servizz universali ("USP") u l-kriterji ta' kwalità għall-forniment tal-USO.

(27) Mill-2000 sal-2010, Correos ingħatat il-kumpens tal-USO abbażi ta' metodoloġija żviluppata mill-awtoritajiet Spanjoli (il-"metodoloġija Spanjola"), li tinsab spjegata fil-Plan de Prestación tal-2000. Barra minn hekk, il-Plan de Prestación tal-2000 jistabbilixxi li Correos jenħtieġ li timplimenta kontabbiltà analitika b'separazzjoni tal-kontijiet kif previst fl-Artikolu 29 tal-Liġi Postali tal-1998.

(28) Il-metodoloġija Spanjola biex tinħadem stima tal-kost nett tal-piż inġust tal-USO kienet tikkonsisti minn dawn il-passi li jmiss:

(a) PASS 1: Jiġi stabbilit id-dħul unitarju u l-kosti ta' kull prodott/servizz u kull ċentru tal-kost skont l-informazzjoni kontabilistika tal-kostijiet ta' Correos. Għal kwalunkwe prodott/servizz partikolari, dawk iċ-ċentri tal-kostijiet fejn il-kostijiet unitarji jkunu ogħla mid-dħul unitarju jitniżżlu bħala telf. Iċ-ċentri tal-kost l-oħrajn, fejn id-dħul unitarju jkun ogħla mill-kostijiet unitarji jitniżżlu bħala profitt.

(b) PASS 2: Issir valutazzjoni għal kull Servizz riżervat (RSi) dwar liema ċentri tal-kost ikunu qed jagħmlu telf/profitt fl-għoti ta' dak is-servizz u jiġi kkalkolat it-telf/profitt aggregat għall-għoti ta' dak is-servizz (Telf/Profitt tal-RSi). Il-kost nett tas-Servizzi riżervati jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn l-ammont ta' Telf tal-RSI u l-ammont ta' Profitt tal-RSi.

(c) PASS 3: Issir valutazzjoni għal kull Servizz mhux riżervat (NRSi) dwar liema ċentri tal-kost ikunu qed jagħmlu telf fl-għoti ta' dak is-servizz u jiġi kkalkolat it-telf aggregat ta' dawk iċ-ċentri għall-għoti ta' dak is-servizz (Telf tal-NRSi). Il-kost nett tas-servizzi mhux riżervati jiġi kkalkolat bħala l-ammont tat-Telf tal-NRSi

(d) PASS 4: Il-kumpens tal-USO jkopri l-kost nett tas-Servizzi riżervati u mhux riżervati kkalkolat skont il-Passi 2 u 3.

(29) It-Tabella 1 turi l-kumpensi li ngħataw lil Correos għall-għoti tal-USO matul il-perjodu 2004-2010 u li ġew ikkalkolati skont il-metodoloġija Spanjola:

Tabella 1

Kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos

(Miljuni ta' Eur)

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
Kost nett tal-RSi	46,171	40,435	39,558	80,823	101,783	176,559	152,521
Kost nett tal-NRSi	44,859	47,294	55,199	39,441	40,863	45,919	43,812
Kumpens tal-USO	91,030	87,729	94,757	120,264	142,646	222,478	196,333

2.3.1.2. ***Il-kumpensi tal-USO mogħtija skont il-Liġi Postali tal-2010***

(30) Il-Liġi Postali tal-1998 ġiet sostitwita mil-Liġi Postali tal-2010, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011. Il-Liġi Postali tal-2010 fdat lil Correos bil-forniment tal-USO għal perjodu ta' 15-il sena li beda fil-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi (jiġifieri sal-1 ta' Jannar 2026).

(31) L-Artikoli 27 u 28 tal-Liġi Postali tal-2010 tipprevedi li l-fornitur tal-USO jista' jingħata kumpens li jlaħħaq sal-kost nett li jġarrab fit-twettiq tal-obbligi tiegħu. Il-kost nett jenħtieġ li jiġi kkalkolat skont il-metodu tal-kost nett evitat (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-metodoloġija tal-NAC") bħala d-differenza bejn il-kost nett tal-USP biex jopera bil-USO u l-kost nett tal-USP biex jopera mingħajr USO. Il-kalkolu għandu jikkunsidra l-elementi rilevanti l-oħra, fosthom kwalunkwe benefiċċju intanġibbli u tas-suq li jkun dovut lil fornitur ta' servizz postali magħżul biex jipprovdi servizz universali, l-intitolament għal profitt u inċentivi raġonevoli għall-kosteffiċjenza fl-isfond tal-Anness 1 tad-Direttiva 2008/6/KE.

(32) Kif inhu previst fl-Artikolu 22(3) u fl-Artikolu 27(2)(b) tal-Liġi Postali tal-2010, il-metodoloġija tal-NAC deskritta fil-premessa 31 jenħtieġ li tiġi żviluppata fi "*Plan de Prestación*" ġdid. Madankollu, sal-lum għadu ma ġie adottat l-ebda *Plan de Prestación* bħal dan. Għaldaqstant, mill-2011 ma kien hemm l-ebda metodoloġija fis-seħħ li tistma l-kost nett tal-USO.

(33) F'dan l-istadju, skont l-awtoritajiet Spanjoli, Correos ilha ma tirċievi kumpens formali tal-USO sa mill-2011 għalkemm ibbenefikat minn pagamenti bil-quddiem fuq bażi provviżorja għas-snin 2011-2017. Il-kost nett attwali li jikkorrispondi għal dawk is-snin għadu jrid jiġi kkalkolat ladarba jiġi adottat il-*Plan de Prestación* il-ġdid u tiġi definita l-metodoloġija tal-NAC. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kumpensi tal-USO skont il-Liġi Postali tal-2010 f'deċiżjoni oħra.

2.3.2. L-EŻENZJONIJIET MIT-TAXXA MOGĦTIJA LIL CORREOS

(34) F'konformità mal-Artikolu 19(1)(b) tal-Liġi Postali tal-1998, il-USP jibbenefika mill-"eżenzjoni minn kull taxxa imposta fuq is-servizzi tiegħu fis-settur riżervat, għajr mit-taxxa korporattiva". L-Artikolu 22(2) tal-Liġi Postali tal-2010 żammet din l-eżenzjoni mit-taxxa u estendietha għall-USO kollu kemm hu.

(35) Skont l-awtoritajiet Spanjoli, l-unika taxxa li possibbilment tkun taqa' fl-ambitu ta' din l-eżenzjoni minbarra l-VAT tkun it-Taxxa fuq l-Attivitajiet Ekonomiċi (*Impuesto de Actividades Económicas*, minn hawn 'il quddiem imsejħa "IAE") għaliex din hija taxxa li hija imposta fuq il-prestazzjoni tal-attività ekonomika u hija marbuta mal-għoti tal-USO. Taxxi oħrajn bħat-taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà, it-taxxa fuq il-kostruzzjoni, it-taxxa fuq iż-żieda fil-valur tal-art urbana u t-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur ma jaqgħux fl-ambitu tal-eżenzjoni għaliex mhumiex marbuta mal-attività ekonomika tal-forniment tal-USO.

(36) L-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li Correos kienet eżentata parzjalment mit-taxxa tal-IAE għaliex tħallas 50 % biss tal-ammont normali ta' taxxa.

(37) Fir-rigward tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (*Impuesto sobre Bienes Inmuebles*, minn hawn 'il quddiem imsejħa "IBI"), l-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li din hija taxxa li ma tiġix imposta fuq il-forniment tal-USO jew servizzi postali oħrajn, izda hija imposta fuq il-valur tal-beni immobbli. Għaldaqstant, din tkun taqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġijiet Postali. Madankollu, bejn l-2008 u l-2013 Correos ressqet diversi pretensjonijiet ibbażati fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(1)(b) tal-Liġi Postali tal-1998, u fuq l-Artikolu 22(2) tal-Liġi Postali tal-2010, fejn hija ddikjarat li jenħtieġ li hija tkun eżentata mill-IBI fir-rigward ta' għadd ta' uffiċċji f'muniċipalitajiet differenti. Fis-segwitu tat-talba min-naħa ta' Correos għal eżenzjoni mill-IBI, diversi amministrazzjonijiet u qrati lokali ddeċidew favur Correos u tawha rifużjoni tat-taxxi li kienet ħallset qabel.

2.3.2.1. ***L-eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Proprjetà Immobbli (IBI)***

(38) L-IBI hija taxxa lokali fis-sistema fiskali Spanjola li hija rregolata mid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 tal-5 ta' Marzu 2004. Skont l-Artikolu 60 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali, din it-taxxa "hija taxxa diretta oġġettiva imposta fuq il-valur tal-proprjetà skont it-termini stipulati fid-Digriet Leġiżlattiv Irjali". L-avveniment taxxabbli tal-IBI huwa l-intitolament għal kwalunkwe dritt stipulat fl-Artikolu 61 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 fuq proprjetajiet rurali u urbani u fuq proprjetà b'karatteristiċi speċjali. L-IBI ma tiġix imposta fuq kwalunkwe attività, izda fuq il-valur tal-proprjetà.

(39) Bejn l-2008 u l-2013 Correos ressqet diversi pretensjonijiet ibbażati fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(1)(b) tal-Liġi Postali tal-1998, u fuq l-Artikolu 22(2) tal-Liġi Postali tal-2010, fejn hija ddikjarat li jenħtieġ li hija tkun eżentata mill-IBI fir-rigward ta' għadd ta' uffiċċji f'muniċipalitajiet differenti. Fis-segwitu tat-talba ta' Correos li tkun eżentata mill-IBI, diversi Amministrazzjonijiet u qrati lokali ddeċidew favur Correos. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, ir-rifużjonijiet tat-taxxa li ngħataw effettivament lil Correos jammontaw għal EUR 752 840,50.

(40) Dawn l-interpretazzjonijiet tal-qrati kemm tal-Liġi Postali tal-1998 kif ukoll dik tal-2010 li ppermettew li l-USP jkun eżentat mill-IBI ġew irrifjutati mill-Qorti Suprema Spanjola fl-2013 wara appell tal-kassazzjoni mill-awtoritajiet lokali tal-provinċja ta' Huesca. Fis-sentenza tagħha l-Qorti Suprema kkunsidrat li l-Artikolu 22(2) tal-Liġi Postali tal-2010 jenħtieġ li jiġi interpretat b'manjiera restrittiva. Skont il-Qorti Suprema, l-eżenzjonijiet mit-taxxa stipulati f'dak l-Artikolu jistgħu jiġu applikati biss għal taxxi imposti fuq attivitajiet marbuta direttament mal-forniment tal-USO, u għaldaqstant ma setgħux jiġu applikati għall-IBI li hija taxxa diretta imposta fuq il-valur tal-proprjetà.

(41) L-eżenzjonijiet mill-IBI li ngħataw lil Correos bejn l-2008 u l-2013 baqgħu ma ġewx irkuprati. Tabilħaqq, skont is-sistema tal-liġi nazzjonali Spanjola l-appell tal-kassazzjoni favur il-liġi ("recurso de casación en interés de ley") huwa ta' natura straordinarja u sussidjarja bil-għan esklussiv li junifika d-duttrina legali u, għaldaqstant, ma jistax ikollu effett fuq il-kwistjoni riferuta fl-appell (jiġifieri, f'dan il-każ partikolari, ma għandux is-setgħa li jannulla s-sententenzi u d-deċiżjonijiet dwar l-eżenzjonijiet mit-taxxa).

2.3.2.2. ***L-eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Attivitajiet Ekonomiċi (IAE)***

(42) L-IAE ġiet stipulata bil-liġi 39/1988 tat-28 ta' Diċembru 1988, issostitwita mid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 tal-5 ta' Marzu 2004. L-Artikolu 78 ta' dan id-Digriet Leġiżlattiv Irjali jistipula li l-impriżi li jwettqu attivitajiet ekonomiċi, kummerċjali, professjonali jew artistiċi jenħtieġ li jkunu suġġetti għal din it-taxxa.

(43) Skont l-Artikolu 78 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004, l-IAE "hija taxxa diretta oġġettiva li għaliha l-avveniment taxxabbli hija l-prestazzjoni, fit-territorju nazzjonali, ta' attivitajiet ekonomiċi, kummerċjali, professjonali jew artistiċi, kemm jekk imwettqa f'post speċifiku u kemm jekk ma jkunux speċifikati fir-rati tat-taxxa".

(44) It-Tariffi tal-IAE ġew stipulati fid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1175/1990 tat-28 ta' Settembru. Dawn jikklasifikaw l-attività postali taħt il-Grupp 847 "Servizzi postali u telekomunikazzjonijiet" mill-1999 'il quddiem. Dan il-grupp jinkludi l-forniment ta' servizzi postali li jikkonsistu mill-ġbir, l-ammissjoni, il-klassifikazzjoni, it-trattament, it-trasportazzjoni, it-tqassim u l-konsenja ta' oġġetti tal-posta fil-forom kollha tagħhom. Madankollu, in-nota 3 tal-Grupp Tariffarju 847 tiddikjara li l-Entità Kummerċjali Pubblika Correos hija intitolata li tħallas 50 % biss tal-ammont stabbilit għal dan il-grupp. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, dan ifisser li Correos ibbenefikat minn eżenzjoni ta' EUR 8 113,66 kull sena sa mill-2004. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li Correos għadha tibbenefika minn din l-eżenzjoni parzjali mit-taxxa stipulata fin-nota 3 tal-Grupp Tariffarju 847.

2.3.3. IT-TLIET ŻIDIET TA' KAPITAL MOGĦTIJA FL-2004, FL-2005 U FL-2006

(45) Fil-perjodu li qiegħed jiġi analizzat, Correos ibbenefikat minn tliet żidiet ta' kapital li jammontaw għal total ta' EUR 48 081 000:

(a) żieda ta' kapital ta' EUR 16 027 000 mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2004;

(b) żieda ta' kapital ta' EUR 16 027 000 mogħtija fil-25 ta' Novembru 2005;

(c) żieda ta' kapital ta' EUR 16 027 000 mogħtija fl-24 ta' Novembru 2006.

(46) Skont l-awtoritajiet Spanjoli, dawn iż-żidiet ta' kapital kienu parti mill-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-perjodu 2004-2006 bħala kumpens għar-rallentament tas-suq postali. Il-linji strateġiċi bażiċi ta' dan il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju kienu:

(a) l-iżgurar tas-sostenibbiltà futura tan-negozju postali abbażi tal-effiċjenza;

(b) it-tisħiħ tat-tkabbir tan-negozji fuq terminu medju permezz tal-promozzjoni tas-servizzi finanzjarji u tal-pakketti bħala l-objettivi ewlenin tat-tkabbir ta' Correos;

(c) it-tkabbir tal-portafoll tal-opzjonijiet ta' tkabbir fil-futur permezz tal-iżviluppar tal-ġestjoni ta' bażijiet tad-*data*, il-"mailroom" u l-kummerċ elettroniku;

(d) il-modernizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' Correos u l-adattament tal-mudell tal-immaniġġjar għall-kuntest tas-suq attwali, bil-promozzjoni tad-diversifikazzjoni.

2.3.4. IL-KUMPENS MOGĦTI LIL CORREOS GĦAT-TQASSIM TA' MATERJAL ELETTORALI

(47) Il-Liġi Organika 5/1985 tad-19 ta' Ġunju 1985 dwar is-Sistema Elettorali Ġenerali ("LOREG"), u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħha, jirregolaw il-proċedura elettorali fi Spanja, u jirrikonoxxu d-dritt tal-vot kemm fiżikament kif ukoll b'vot postali.

(48) L-Artikolu 22 tal-Liġi Postali tal-1998 u l-Artikolu 22(5) tal-Liġi Postali tal-2010 jipprevedu li l-Istat jista' jimponi ċerti obbligi fuq il-USP magħżul fil-qafas tal-proċessi elettorali. L-istess Artikolu 22(5) tal-Liġi Postali tal-2010 jipprevedi li "l-impożizzjoni ta' obbligi addizzjonali ta' servizz pubbliku għandha tiġi kkompensata".

(49) F'konformità mal-Ewwel Dispożizzjoni Addizzjonali tal-Liġi Postali tal-2010, Correos hija l-USP magħżul u hija fdata bl-obbligu li tipprovdi diversi servizzi fil-kuntest tal-elezzjonijiet differenti li jseħħu fi Spanja (jiġifieri elezzjonijiet Statali, reġjonali, Ewropej u muniċipali).

(50) L-obbligi ta' servizz pubbliku ta' Correos fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-proċessi elettorali fi Spanja jikkonċernaw dan li ġej:

(a) It-trattament tal-voti bil-posta (fosthom li jiġu fornuti, aċċettati, mibgħuta u mqasssma b'posta ċertifikata u urġenti) fil-kuntest ta':

(1) Voti bil-posta għall-eletturi residenti fi Spanja;

(2) Voti bil-posta għall-votanti residenti assenti;

(3) Voti bil-posta għall-votanti li jkunu barra mill-pajjiż temporanjament;

(4) Voti bil-posta għall-persunal abbord;

(5) Voti bil-posta għall-persunal tal-forzi armati jew f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali marbuta mad-difiża nazzjonali; u

(6) Voti bil-posta għall-priġunieri.

(b) It-trattament ta' materjal elettorali bil-posta li jintbagħat mill-kandidati politiċi: L-ammissjoni u t-tqassim sussegwenti ta' oġġetti ta' propaganda elettorali maħruġa mill-kandidati politiċi għal prezz simboliku għal kull oġġett (EUR 0,006).

(c) It-trattament ta' oġġetti postali oħrajn mibgħuta mill-Uffiċċju tar-Reġistru Elettorali (bħal karti ta' reġistrazzjoni tal-votanti, reġistri elettorali ta' referenza għall-kunsilli lokali, eċċ.)

(d) Il-ġbir tad-dokumentazzjoni elettorali mill-kumitat tal-elezzjoni ladarba jispiċċa l-għadd tal-voti. Dan jinkludi l-ġbir, il-kustodja u l-kunsinja sussegwenti tal-envelop li jkun fih ir-rapport u d-dokumentazzjoni pertinenti għal kull kumitat, lill-bord elettorali pertinenti.

(51) L-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li meta wieħed jikkunsidra r-restrizzjonijiet tal-ħin relatati mal-proċess elettorali, Correos hija obbligata tipprijoritizza l-attivitajiet fil-premessa 50 meta mqabbel ma' attivitajiet postali oħrajn. L-għadd kbir ta' oġġetti li jridu jitqassmu, il-konċentrazzjoni kbira tagħhom fuq ftit jiem, u r-rekwiżiti li l-biċċa l-kbira tad-dokumenti jitqassmu personalment (fil-każ ta' posta ċertifikata, bħall-voti bil-posta) jfisser li jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali sinifikanti. B'riżultat ta' dan, Correos trid issaħħaħ l-għadd ta' persunal tagħha u riżorsi oħra b'mod temporanju (pereż. trasport, sigurtà, eċċ.).

(52) Correos irċeviet kumpensi (ara t-tabella 2) għall-obbligi differenti tagħha fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet sa mill-2004.

Tabella 2

Ammonti ta' kumpens mogħti lil Correos għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet

(EUR)

Sena	L-ambitu tal-elezzjoni	Kumpens għat-tqassim ta' materjal elettorali
2004	Nazzjonali	27 182 926
2005	Reġjonali	3 670 281
2006	Reġjonali	4 528 376
2007	Nazzjonali/Reġjonali	19 536 604
2008	Nazzjonali/Reġjonali	19 609 632
2009	Nazzjonali/Reġjonali	14 603 021
2010	Reġjonali	4 620 588
2011	Nazzjonali/Reġjonali	40 092 858
2012	Reġjonali	14 268 978
	TOTAL	**148 113 264**

3. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(53) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali minħabba dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà ta' diversi miżuri li ttieħdu favur Correos sa mill-2004:

(a) il-kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998,

(b) l-eżenzjoni mill-IBI u l-eżenzjoni parzjali mill-IAE,

(c) it-tliet żidiet ta' kapital mogħtija fl-2004, fl-2005 u fl-2006,

(d) u l-kumpens mogħti lil Correos għat-tqassim ta' materjal elettorali.

(54) Notevolment il-Kummissjoni esprimiet id-dubji dwar:

(a) il-livell ta' kumpens riċevut minn Correos għall-forniment tal-USO bejn l-2004 u l-2010 li, *prima facie*, qieset bħala għajnuna mill-Istat, u l-potenzjal ta' kumpens żejjed lill-operatur,

(b) il-kompatibbiltà jew il-karatteristiċi tal-għajnuna eżistenti tal-eżenzjoni mill-IBI u l-eżenzjoni parzjali mill-IAE li, *prima facie*, qieset li t-tnejn li huma jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(c) il-konformità tal-injezzjoni ta' kapital mogħtija fl-2004, fl-2005 u fl-2006 mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "MEIP").

(d) il-kompatibbiltà jew il-karatteristiċi tal-għajnuna eżistenti tal-kumpens mogħti lil Correos għat-tqassim tal-materjal elettorali li, *prima facie*, qieset bħala għajnuna mill-Istat.

4. IL-KUMMENTI MILL-ARTIJIET INTERESSATI

(55) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn żewġ partijiet interessati, jiġifieri l-benefiċjarju li allegatament ingħata miżuri ta' għajnuna - Correos - u parti terza oħra (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-parti terza anonima") li talbet biex l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali.

4.1. *IL-KUMMENTI TA' CORREOS*

4.1.1. IL-KUMPENS GĦALL-FORNIMENT TAL-USO MA JIKKOSTITWIXXIX GĦAJNUNA INKOMPATIBBLI MILL-ISTAT

(56) Skont Correos, il-kumpens tal-USO mogħti lill-kumpanija għall-perjodu 2004-2010 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, Correos tqis li l-kumpens ma jikkostitwixxix vantaġġ għaliex jissodisfa l-erba' kriterji stabbiliti fil-Kawża C-280/00 ("il-kriterji Altmark") ([8]). Correos tikkontesta l-konklużjoni li ntlaħqet fid-deċiżjoni tal-ftuħ li kumpens tal-USO mhuwiex konformi mat-tielet u r-raba' kriterji Altmark.

(57) Fir-rigward tat-tielet kriterju Altmark, Correos issostni li dan jirrekjedi li l-kumpens li jkun ingħata għall-forniment ta' servizz pubbliku ma jistax jiżboq il-kost nett, li hija d-differenza bejn il-kostijiet u d-dħul biż-żieda ta' profitt raġonevoli. Correos tqis li t-tielet kriterju Altmark huwa marbut intrinsikament mal-analiżi tal-kompatibbiltà tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ("Il-Qafas tal-SGEI tal-2012") ([9]). B'mod partikolari, Correos tisħaq li l-kumpens li rċeviet għall-forniment tal-USO huwa konformi mal-metodoloġija tal-Kost Nett Evitat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "NAC") li tinsab fil-paragrafu 27 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012 u għaldaqstant jenħtieġ li titqies konformi mat-tielet kriterju Altmark.

(58) Correos tispjega li l-metodoloġija Spanjola li ntużat sabiex jiġi stabbilit il-kumpens ta' Correos hija bbażata fuq ir-rapport li kien ikkummissjonat lill-kumpanija ta' konsulenza National Economic Research Associates mill-Kummissjoni (ir-rapport NERA) ([10]). Skont Correos, il-metodoloġija tal-kumpens misjuba fir-rapport NERA hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC.

(59) Barra minn hekk, Correos tqis li l-issodisfar tat-tielet kriterju Altmark huwa kopert mill-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi. Skont Correos, permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapport NERA, li rrikonoxxa l-metodoloġija tal-NAC bħala metodu validu għall-ikkalkolar tal-kumpens għall-forniment tal-USO, il-Kummissjoni ħolqot aspettattivi leġittimi.

(60) Fl-opinjoni ta' Correos, għall-konformità mat-tielet kriterju Altmark huwa irrelevanti li l-metodoloġija tal-NAC ma kinitx bdiet tiġi implimentata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas tal-SGEI tal-2012.

(61) Correos tikkunsidra wkoll li l-kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos huma konformi mar-raba' kriterju Altmark. Fin-nuqqas ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, il-livell ta' kumpens li ngħata jkun xieraq abbażi ta' analiżi tal-kostijiet, daqs li kienet tieħu impriża tipika li hija amministrata sew fl-istess settur, b'kunsiderazzjoni tad-dħul u l-profitt raġonevoli mit-twettiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku.

([8]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* EU:C:2003:415.

([9]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

([10]) Final report on costing and financing of universal service obligations in the postal sector in the European Union, Novembru 1998, National Economic Research Associates (NERA). http://ec.europa.eu/internal_market/post/doc/studies/1998-nera_en.pdf

(62) Skont Correos, il-Frontier Economics Study ippreżentat minn Spajna juri li l-kostijiet imġarrba minn Correos huma anqas minn dawk imġarrba minn impriża tipika tas-settur pubbliku. Correos tikkontesta d-dubji murija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Frontier Economics:

(a) L-ewwel nett, fid-deċiżjonijiet tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat il-Kummissjoni ma kkonkludietx li l-forniturі tal-USO fil-Greċja u fl-Italja ma kinux kostineffiċjenti u għaldaqstant l-inklużjoni ta' dawn l-operaturi postali fil-kampjun ta' kumpaniji kkunsidrati minn Frontier Economics biex juri l-kosteffiċjenza ta' Correos ma tistax titqies problematika.

(b) It-tieni nett, il-fatt li l-Frontier Economics Study inkiteb a posteriori ma jkunx element sinifikanti fid-dawl tal-ġurisprudenza u l-prattika tal-Kummissjoni, li kienet taċċetta li tqis studji li nktibu a posteriori tal-adozzjoni ta' mizura fil-passat.

(c) Fl-aħħar nett, il-fatt li l-metodu użat għall-ikkalkolar tal-kost nett tal-USO huwa bbażat fuq ir-rapport NERA maħruġ mill-Kummissjoni jikkontradixxi l-argument tal-Kummissjoni li l-metodoloġija tal-kalkolu tal-kost użata minn Spanja ma tqisx l-effiċjenza. Għaldaqstant il-metodu jeħtieġ li jitqies konformi mad-dritt tal-UE.

(63) Correos tindika wkoll li jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li titqies kompatibbli mas-suq intern f'konformità mal-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

(64) Correos ittenni li l-metodoloġija tal-kumpens użata mill-awtoritajiet Spanjoli u misjuba fir-rapport NERA hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC u jenħtieġ li tiġi aċċettata mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, Correos tikkunsidra li ma ngħatatx kumpens żejjed għall-forniment tal-USO għall-perjodu 2004-2010 għaliex il-kumpens ġie kkalkolat skont il-metodoloġija tal-NAC mingħajr ma ġie inkluż ebda profitt raġonevoli.

(65) Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tista' tinvolvi għajnuna inkompatibbli mill-Istat, Correos tinsisti li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra d-dividendi mħallsa lill-Istat matul il-perjodu 2004-2010 bħala tnaqqis mill-kumpens li ngħata lil Correos.

4.1.2. L-EŻENZJONIJIET MIT-TAXXA FUQ IL-PROPRJETÀ IMMOBBLI (IBI) U MIT-TAXXA FUQ L-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI (IAE)

(66) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa IBI, Correos tispjega li jenħtieġ li dawn il-miżuri ma jiġux ivvalutati fl-isfond tal-Liġi Postali tal-1998 jew tal-Liġi Postali tal-2010, iżda b'referenza diretta għal-leġiżlazzjoni li tirregola kull taxxa.

(67) Barra minn hekk, Correos tqis li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat għaliex mhijiex imputabbli għall-Istat. L-eżenzjoni mit-taxxa ma hija stipulata fl-ebda dispożizzjoni legali. Għadd żgħir ta' Amministrazzjonijiet tat-Taxxa lokali, kif ukoll għadd żgħir ta' Qrati lokali applikaw l-eżenzjoni mit-taxxa għal 94 uffiċċju ta' Correos minn 13 000. Fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2013 il-Qorti Suprema Spanjola kkonkludiet li l-Artikolu 22(2) tal-Liġi Postali tal-2010 ma kienx jinkludi l-eżenzjoni mit-taxxa IBI.

(68) Aktar minn hekk, Correos tqis li l-eżenzjoni mit-taxxa IBI ma tistax tiġi rkuprata billi hija *res judicata*. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni ([11]), jekk is-soluzzjoni ġudizzjarja finali tkun ivvalutat l-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat, il-prinċipju ta' *res judicata* jenħtieġ li jiġi rrispettat. Correos tqis li s-sentenza tal-Qorti Suprema Spanjola tapplika d-Dritt tal-Unjoni u tirreferi għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' res judicata jenħtieġ li jiġi rrispettat u l-irkupru f'dan il-każ jenħtieġ li jiġi evitat.

(69) Barra minn hekk, Correos tqis li l-prinċipju ta' *res judicata* jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala l-Prinċipju Ġenerali tad-Dritt tal-Unjoni u dan il-prinċipju jenħtieġ li jiġi rrispettat meta l-irkupru jkun impossibbli minħabba l-eżistenza ta' sentenza finali f'każi fejn l-eżistenza tkun diġà ġiet determinata.

([11]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Marzu 2006 - C-234/04, *Kapferer*, ECLI:EU:C:2006:178, il-paragrafi 20 u 21; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2009, C40/08, *Asturcom Telecomunicaciones*, ECLI:EU:C: 2009:615; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2015 - C-505/14, *Klausner Holz Niedersachsen*, ECLI:EU:C:2015:742, il-paragrafi 36 u 45.

(70) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa IAE, Correos tisħaq li l-eżenzjoni parzjali mit-taxxa IAE ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, Correos tistqarr li l-eżenzjoni parzjali mit-taxxa mhijiex selettiva għaliex hija ġustifikata mill-loġika tas-sistema tat-taxxa IAE. Skont Correos, in-natura jew il-loġika intrinsika tal-IAE hija l-impożizzjoni ta' taxxa fuq attivitajiet ekonomiċi bil-għan li tintervjeni fil-produzzjoni jew fid-distrubuzzjoni ta' oġġetti u servizzi. Correos hija impenjata f'attivitajiet ekonomiċi li jikkonsistu fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi, iżda hija wkoll impenjata fil-forniment ta' servizzi pubbliċi bħall-USO, li ma jsegwux l-iskop ekonomiku ta' dawk li għadhom kemm issemmew. Għaldaqstant din tkun il-ġustifikazzjoni tal-eżenzjoni parzjali mit-taxxa IAE.

(71) Aktar minn hekk, Correos tqis li l-eżenzjoni parzjali mit-taxxa IAE tikkostitwixxi għajnuna eżistenti. L-eżenzjoni mit-taxxa tal-IAE ilha fis-seħħ minn qabel l-adeżjoni ta' Spanja mal-KEE. L-hekk imsejħa Kwota ta' Liċenzja, li kienet modalità tat-Taxxa fuq l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Kummerċjali u Industrijali, ġiet adottata bid-Digriet 3313/1966 tad-29 ta' Diċembru 1966. Il-Liġi 39/1988 tat-28 ta' Diċembru 1988 tissostitwixxi t-Taxxa fuq l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Kummerċjali u Industrijali fil-modalità tagħha ta' Kwota ta' Liċenzja mal-IAE. Skont Correos, ma saret l-ebda modifika sostanzjali fl-avveniment taxxabbli mill-1966 lil hawn.

4.1.3. L-INJEZZJONIJIET TA' KAPITAL FL-2004, FL-2005 U FL-2006

(72) Correos tallega li l-injezzjonijiet ta' kapital li twettqu fl-2004, fl-2005 u fl-2006 huma konformi mal-MEIP u li dawn ma jagħtu l-ebda vantaġġ lil Correos.

(73) Skont Correos, l-analiżi tal-investimenti li saru b'riżultat tal-injezzjonijiet ta' kapital bejn l-2004 u l-2006 juru li l-Istat Spanjol għamel l-injezzjonijiet ta' kapital fir-rwol tiegħu ta' azzjonist u li dawk l-investimenti setgħu saru minn investitur privat.

(74) Correos issostni li l-injezzjonijiet ta' kapital jwieġbu għall-ħtieġa li Correos tagħmel investimenti li jmorru lil hinn mil-livell medju ta' investiment tal-kumpanija. L-għan tal-injezzjonijiet ta' kapital huwa ddikjarat fir-rapport dwar id-dehra ta' Correos quddiem il-Kongress tad-Deputati ("el Congreso de los Diputados") tal-4 ta' Ottubru 2005. Ir-rapport jorbot l-injezzjonijiet ta' kapital mal-ħtieġa li jsiru investimenti ġodda fil-kumpanija. L-għan tal-injezzjonijiet ta' kapital kien li jitwettaq proċess ta' modernizzazzjoni fi ħdan Correos biex tiżdied l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi mogħtija mill-kumpanija.

(75) Corroes issostni li l-profitabbiltà tal-investiment turi li kwalunkwe investitur privat kien jagħmel investiment simili għaliex ir-rata ta' redditu interna tal-injezzjonijiet ta' kapital kienet ogħla mill-kost tal-kapital ta' Correos.

(76) Barra minn hekk, Correos issostni li l-konformità mal-MEIP mhux neċessarjament tirrekjedi valutazzjoni preċiża tal-profitabbiltà *ex-ante* meta tiġi applikata għas-sitwazzjoni tal-azzjonisti ta' fornitur ta' SGEI bħall-USO. Tali azzjonist ikun meħtieġ li jqis l-obbligu li jingħata l-SGEI tal-kumpanija fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu dwar jekk jagħmilx investiment jew le.

(77) F'ċirkostanzi bħal dawn, ikun biżżejjed li jintwera, abbażi ta' evidenza oġġettiva u verifikabbli, li investitur privat bl-istess obbligu ta' servizz pubbliku kien jaġixxi bl-istess mod.

(78) Skont Correos din hija l-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Chronopost I ([12]) u Chronopost II ([13]), fejn hija aċċettat li r-rata ta' redditu interna kkalkolata *ex post* kien mezz xieraq sabiex jiġi deċiż jekk l-injezzjoni ta' kapital kinitx konformi mal-MEIP.

4.1.4. IL-KUMPENS GĦAT-TQASSIM TA' MATERJAL ELETTORALI

(79) Correos issostni li t-tqassim ta' materjal elettorali ta' kandidati politiċi fil-kuntest tal-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet jenħtieġ li jitqies bħala parti mill-prerograttivi tal-Istat.

([12]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 2003, il-każijiet magħquda C-83/01 P, C-93/01 P u C-94/01 P, *Chronopost/UFEX et.*, ECLI:EU:C2003:388

([13]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, il-każijiet magħquda C-341-06 u C-342/06P, *Chronopost u La Poste/UFEX et.*, ECLI:EU:C2008:375

(80) B'mod partikolari, Correos issostni li t-tqassim ta' materjal elettorali huwa funzjoni essenzjali tal-Istat għaliex huwa parti mis-sistema elettorali ġenerali, huwa relatat mar-rwol istituzzjonali tal-partiti politiċi, u għaliex fit-twettiq ta' din l-attività l-persunal ta' Correos jkun qiegħed jaġixxi fir-rwol ta' impjegati taċ-ċivil.

(81) Għaldaqstant, skont Correos, minħabba l-għan, in-natura u r-regolamentzzjoni, it-tqassim ta' materjal elettorali mill-kandidati politiċi huwa marbut intrinsikament mal-eżerċitar tal-awtorità pubblika min-naħa tal-Istat. Għalhekk, din mhijiex attività ekonomika u jenħtieġ li Correos ma titqiesx bħala impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(82) Anke li kieku l-Kummissjoni tqis li t-tqassim ta' materjal elettorali tal-kandidati politiċi huwa attività ekonomika, Correos tikkunsidra li dan ma jikkostitwixxix vantaġġ selettiv mogħti lil Correos. Din l-attività hija fdata f'idejn Correos mill-Istat għaliex hija l-unika operatur postali li kapaċi jipprovdi servizz bil-karatteristiċi u l-kwalità tas-servizz meħtieġa. Għaldaqstant, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tal-materjal elettorali ta' kandidati politiċi, Correos mhijiex f'sitwazzjoni legali u fattwali li hija kumparabbli ma' kwalunkwe impriża oħra fis-settur postali.

(83) Anke li kieku l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, Correos issostni li l-miżura jenħtieġ li titqies bħala għajnuna eżistenti. L-eżistenza ta' tariffa mnaqqsa għall-kandidati politiċi biex jibagħtu l-materjal elettorali ilha fis-seħħ mill-1977, meta saru l-elezzjonijiet tal-15 ta' Ġunju 1977. L-elezzjonijiet tal-15 ta' Ġunju 1977 ġew organizzati bid-Digriet Irjali 20/1997 tat-18 ta' Marzu 1977, li għall-ewwel darba stabbilixxa tariffa speċjali għat-tqassim ta' materjal elettorali.

(84) Correos tispjega li l-ammont eżatt tat-tariffa mnaqqsa (peseta waħda li hija ekwivalenti għal EUR 0,006) ġie rregolat ulterjorment f'ordni ministerjali tal-1977. Skont Correos, din it-tariffa mnaqqsa ilha fis-seħħ minn dakinhar. Fis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2006 ([14]), il-Qorti Suprema Spanjola kkonkludiet li t-tariffa mnaqqsa eżistenti fir-rigward tat-tqassim ta' materjal elettorali relatat ma' kandidati politiċi kienet tammonta għal peseta waħda (EUR 0,006).

(85) Aktar tard id-Digriet Irjali 20/1977 ġie ssostitwit bil-Liġi Organika 5/1985 tad-19 ta' Ġunju 1985 dwar is-Sistema Elettorali Ġenerali ("LOREG"), li kienet tinkludi l-istess formulazzjoni rigward it-tariffi mnaqqsa għat-tqassim ta' materjal elettorali dwar kandidati politiċi.

(86) Fil-każ li l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, Correos tikkunsidra wkoll li jenħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

(87) L-ewwel nett, il-miżuża inkwistjoni tikkostitwixxi servizz ġenwin ta' interess ekonomiku. Kemm l-Artikolu tal-Liġi Postali tal-1998 kif ukoll l-Artikolu 22(5) tal-Liġi Postali tal-2010 jirrikonoxxu li l-fornitur tal-USO jista' jiġi fdat bl-obbligi relatati mat-tqassim ta' materjal elettorali bil-għan li jissalvagwardja l-iżvilupp korrett tal-proċessi elettorali. Barra minn hekk, l-Artikolu 22(5) tal-Liġi Postali tal-2010 jirrikonoxxi li tali inkarigu jenħtieġ li jkun suġġett għal kumpens.

(88) Correos tqis li l-miżura hija kompatibbli mad-Deċiżjoni tal-SGEI tal-2012 ([15]). Correos tispjega li d-Deċiżjoni tal-SGEI tal-2012 tkun applikabbli ladarba l-kumpens medju annwali mogħti lil Correos ikun anqas minn EUR 15-il miljun.

4.2. *IL-KUMMENTI MILL-PARTI TERZA ANONIMA*

(89) Il-parti terza anonima taqbel mal-konklużjonijiet preliminari li waslet għalihom il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tal-miżuri li ġejjin:

(a) Il-kumpensi għall-forniment tal-USO mogħtija lil Correos.

(b) L-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (IBI) u mit-taxxa fuq l-attivitajiet ekonomiċi (IAE).

([14]) Is-sentenza tal-Qorti Suprema Spanjola tat-2 ta' Ottubru 2006, Rec. 89/2004.

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

(c) Iż-żidiet ta' kapital mogħtija lil Correos fl-2004, fl-2005 u fl-2006.

(d) Il-kumpens mogħti lil Correos għat-tqassim ta' materjal elettorali.

(90) Il-parti terza anonima taqbel ukkoll b'mod espliċitu li l-investigazzjoni li tinsab għaddejja jenħtieġ li tiffoka fuq il-miżuri elenkati fil-premessa 89.

(91) Madankollu hija tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal diversi miżuri li ma ġewx indirizzati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha tal-2016 u li fil-fehma tagħha jenħtieġ li jiġu vvalutati.

(92) Skont il-parti terza anonima ([16]):

— Bejn l-1998 u l-2003 Correos tkun irċeviet għajnuna mill-Istat li tammonta għal mill-anqas EUR 794 miljun;

— Correos wirtet netwerk postali mingħajr ħlas li jinkludi 9 054 punt ta' servizz għall-konsumaturi li jirriżulta mill-forniment tal-USO u dan jagħti lil Correos vantaġġ kompetittiv fir-rigward tal-konsenja ta' pakketti li jiżnu sa 20 kg ([17]);

— Correos tkun ibbenefikat minn xi drittijiet intanġibbli jew eklussivi bħall-kuntratti ffirmati bejn Correos u l-Amministrazzjoni Pubblika, id-dritt li tawtentika komunikazzjonijiet postali, id-dritt li tuża t-terminu "Spanja", il-lokazzjoni ta' dominju pubbliku kif ukoll privileġġi doganali;

— Correos tkun ibbenefikat minn kumpensi mogħtija mill-Istat sabiex tiffinanzja l-kampanji ta' reklamar u ta' komunikazzjoni tagħha;

— Il-fatt li l-awtoritajiet Spanjoli jinsabu fil-korpi governattivi ta' Correos jagħti ċerti vantaġġi u privileġġi lil Correos. Wieħed mill-vantaġġi huwa li sal-lum Correos ma ġietx imġiegħla tapplika l-liġi fir-rigward tal-metodoliġija l-korretta dwar il-kumpens. Correos tkun irċeviet kumpens għall-perjodu 2011-2016 li jammonta għal madwar EUR 1,3 biljun, permezz tal-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-kumpens li ġiet ikkontestata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ ([18]);

— Correos ma tkunx tapplika r-rati tal-VAT fuq ċerti servizzi postali li huma suġġetti għal arranġamenti negozjati individwali li jkunu jinvolvu għajnuna inkompatibbli mill-Istat;

— Correos tkun wettqet żidiet ta' kapital f'Correos Express, li hija kumpanija sussidjarja tal-Group Correos, sabiex tkopri telf li jammonta għal madwar EUR 233 miljun li jkun jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Correos Express;

— Correos tuża politika ta' pprezzar predatorju li tirriżulta mill-għajnuna li tirċievi mill-Istat.

5. **IL-KUMMENTI TA' SPANJA**

5.1. *IL-KUMMENTI TA' SPANJA DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ FL-2016*

5.1.1. IL-KUMPENS GĦALL-FORNIMENT TAL-USO MOGĦTIJA PERMEZZ TAL-LIĠI POSTALI TAL-1998

(93) Spanja tqis li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-miżura ma tagħti l-ebda vantaġġ ekonomiku lil Correos għaliex il-kumpensi tal-USO huma konformi mal-kriterji stabbiliti fis-sentenza Altmark ([19]). L-awtoritajiet Spanjoli spjegaw ukoll li l-miżura msemmija ma ġietx notifikata għaliex qiesu li kienet konformi mal-kriterji stabbiliti fis-sentenza Altmark.

([16]) Il-Kummissjon tinnota li ma jidhirx li whud minn dawn il-kwistjonijiet huma kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat (pereż. l-ipprezzar allegatament predatorju), li oħrajn ma jirreletawx direttament ma' Correos (pereż. is-sussidju inkroċjat ta' Correos express) u li ma hemmx provi dwar oħrajn (pereż. il-kumpens allegat għall-finanzjament tal-kampanji ta' reklamar u komunikazzjoni ta' Correos).

([17]) Il-parti anonima tirreferi wkoll għall-estensjoni tal-USO bil-Liġi Postali tal-2010 għal pakketti li jiżnu sa 20 kg bħala indikazzjoni tal-interess ta' Correos li tespandi n-negozju tagħha sabiex tikkompeti, billi tieħu vantaġġ mill-pożizzjoni tagħha ta' USO, mal-kumpaniji ta' servizz tal-pakketti postali fis-suq tas-servizz tal-pakketi postali fi Spanja.

([18]) Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kumpensi tal-USO ta' Correos skont il-Liġi Postali tal-2010 f'deċiżjoni oħra (ara l-premessa 32).

([19]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* ECLI:EU:C:2003:415.

(94) L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-miżura tissodisfa t-tielet kundizzjoni Altmark, li tirrekjedi li l-kumpens tal-USO ma jkunx jaqbeż il-kost nett (jiġifieri l-kostijiet li minnhom jitnaqqas id-dħul rilevanti filwaqt li jiżdied profitt raġonevoli) tal-obbligu ta' servizz pubbliku. Spanja ssostni li hija implimentat metodoloġija ta' kumpens valida li tikkorrispondi mal-metodoloġija tal-kost nett evitat preskritt mid-Direttiva 2008/6/KE. L-awtoritajiet Spanjoli jagħmlu l-argument li l-metodoloġija li użaw irriżultat mir-rapport NERA, li kien ikkummissjonat lill-kumpanija ta' konsulenza National Economic Research Associates min-naħa tal-Kummissjoni. Skont Spanja, il-metodoloġija tal-kumpens misjuba fir-rapport NERA hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC. Il-Kummissjoni tiżbalja meta tassumi li l-kumpens żejjed, inkluż fil-kuntest Altmark, jista' jiġi kkalkolat permezz tal-metodoloġija tal-kontabbiltà tal-kost, li twassal għall-konklużjoni li fil-perjodu 2004-2010 Correos qabżet dak li jista' jiġi kkunsidrat bħala neċessarju biex ikopri l-kostijiet kollha, jew parti minnhom, li ġew imġarrba fit-twettiq tal-USO.

(95) L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu wkoll li l-miżura hija konformi mar-raba' kriterju Altmark. Ir-raba' kriterju Altmark jirrekjedi li fin-nuqqas ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, il-livell ta' kumpens li ngħata jkun xieraq abbażi ta' analiżi tal-kostijiet, daqs li kienet tieħu impriża tipika li hija amministrata sew u mogħnija adegwatament fl-istess settur, b'kunsiderazzjoni tad-dħul u l-profitt raġonevoli fit-twettiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-paragun jista' jsir biss ma' impriżi fl-istess settur, f'dan il-każ, is-settur postali. Spanja tikkontesta d-dubji tal-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport ta' Frontier Economics li sostna li l-miżura kienet konformi mar-raba' kriterju Altmark. Skont Spanja, il-Kummissjoni ma wriet fl-ebda deċiżjoni minn tagħha li l-operaturi mill-Greċja u mill-Italja kienu ineffiċjenti. Barra minn hekk, Spanja tqis li għall-konformità mar-raba' kriterju Altmark mhuwiex rilevanti li l-istudju sar *ex-post*. F'deċiżjonijiet preċedenti tagħha l-Kummissjoni ma qisitx li studju *ex-post* jikkostitwixxi ostaklu sabiex jiġi aċċettat ir-raba' kriterju Altmark. B'mod partikolari, Spanja tirreferi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar Poste Italiane ([20]). Barra minn hekk, skont Spanja, il-każistika stabbilita aċċetat rapporti li saru *ex-post*. B'mod partikolari Spanja tirreferi għall-kawża Chronopost-La Poste ([21]), fejn il-Qorti Ġenerali aċċettat rapport miktub *ex-post*.

(96) L-awtoritajiet Spanjoli jqisu li jekk il-miżura tiġi kwalifikata bħala għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat. B'mod partikolari Spanja tqis li l-miżura hija konformi mal-kriterji ta' kompatibbiltà tal-Qafas tal-SGEI tal-2012.

(97) L-awtoritajiet Spanjoli jikkontestaw id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-kompletezza tal-att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizzi pubbliku u metodi għall-ikkalkolar tal-kumpens. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, l-att ta' inkarigu jista' jiġi ikkostitwit minn att legali vinkolanti wieħed jew diversi. L-Istat Membru huwa ħieles li jagħżel is-sura speċifika tal-att ta' inkarigu. Barra minn hekk, ma jkunx neċessarju li dan jinkludi referenza speċifika għat-terminu "att ta' inkarigu". B'mod partikolari, l-awtoritajiet Spanjoli jqisu li l-miżura hija konformi mar-rekwiżit tal-paragrafu 16(e) tal-Qafas tal-SGEI tal-2012, li jistipula li l-att ta' inkarigu jenħtieġ li jinkludi l-arranġamenti għall-evitar u l-irkupru ta' kumpens żejjed. Dan intwera mill-fatt li l-kumpens eċċessiv mogħti fl-2005 ġie rkuprat sussegwentement fis-snin ta' wara.

(98) Fir-rigward tal-possibbiltà li jintuża l-kost nett evitat bħala l-metodoloġija għall-ikkalkolar tal-kumpens, l-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-paragrafu 69 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012 ma jistabbilixxi l-ebda obbligu biex tiġi applikata l-metodoloġija tal-kost nett evitat; ma jipprojbixxix l-Istati Membri milli jużaw din il-metodoloġija. Barra minn hekk, il-paragrafu 184 tal-Gwida għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u b'mod partikolari għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali ([22]) jiċċara li l-għan tan-nuqqas ta' applikabbiltà tal-metodoloġija tal-NAC stabbilita fil-paragrafu 69 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012 huwa li ma jitpoġġiex piż żejjed fuq l-Istat Membru b'rabta ma' dawk il-miżuri li kienu jeżistu qabel ma daħal l-obbligu li tintuża l-metodoloġija tal-NAC. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Spanjoli jqisu li l-metodoloġija tal-NAC, kif ġiet implimentata minn Spanja, hija waħda valida u li tista' tintuża legalment għall-ikkalkolar għall-kumpens mogħtiqabel l-2012.

([20]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/554/KE tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar l-Għajnuna mill-Istat C 49/06 (ex NN 65/06) li implimentat l-Italja biex tirremunera lil Poste Italiane għall-allokazzjoni tal-investiment tal-bonds ta' tfaddil postali (ĠU L 189, 21.7.2009, p. 3).

([21]) Il-Kawża T-613/97, Ufex et. vs il-Kummissjoni, ECLI:EU:T:2006:150

([22]) Ippubblikati mill-Kummissjoni fit-18 ta' Frar 2013 (http://ec.europa.eu/competition/state_aid/overview/new_guide_eu_rules_procurement_mt.pdf)

(99) Kif inhu spjegat fil-premessa 94, l-awtoritajiet Spanjoli jqisu li l-metodoloġija Spanjola għall-ikkalkolar tal-kumpens tal-forniment tal-USO, u li kienet ibbażata fuq ir-rapport NERA, hija ekwivalenti għall-metodoloġija tal-kost nett evitat. L-awtoritajiet Spanjoli jqisu li f'dan ir-rigward huwa irrelevanti li l-metodoloġija Spanjola ma fihiex inċentivi ta' effiċjenza u benefiċċji intanġibbli ladarba dawn iż-żewġ kriterji ma kinux jeżistu meta Spanja implimentat din il-metodolġija. Dawn il-kriterji ġew introdotti aktar tard bid-Direttiva 2008/6/KE u mill-Qafas tal-SGEI tal-2012.

(100) L-awtoritajiet Spanjoli kkontestaw il-metodoloġija u l-kriterji applikati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-profitt raġonevoli fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016. L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li jenħtieġ li ma jkunx hemm parametru referenzjarju tal-profitt raġonevoli fil-konfront tal-operaturi postali kollha u li jenħtieġ li dan jiġi vvalutat każ b'każ. Il-parametru referenzjarju tal-profitt raġonevoli applikat mill-Kummisjsoni fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-bpost tal-25 ta' Jannar 2012 ([23]) ma tistax titqies bħala referenza għall-operaturi postali l-oħra. L-ewwel nett, il-każ tal-bpost huwa konsiderevolment differenti mis-sitwazzjoni ta' Correos, sa fejn il-każ tal-bpost ma kienx jirrigwarda l-forniment tal-USO, iżda SGEI oħrajn. It-tieni nett, il-Kummissjoni ma applikatx il-parametru referenzjarju tal-profitt raġonevoli stabbilit fid-Deċiżjoni dwar il-bpost b'mod konsistenti għaliex ippermettiet parametri referenzjarji oġħla f'deċiżjonijiet oħrajn tagħha ([24]).

5.1.2. L-EŻENZJONI MIT-TAXXA FUQ IL-PROPRJETÀ IMMOBBLI (IBI) U MIT-TAXXA FUQ L-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI (IAE)

(101) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa tal-IBI, l-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li l-Liġi Postali tal-1998 u l-Liġi Postali tal-2010 ma eżentawx lil Correos mill-IBI. Madankollu, fl-interpretazzjoni tagħhom tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Postali tal-1998 u l-Liġi Postali tal-2010, ċerti qrati Spanjoli kkunsidraw li l-eżenzjoni mit-taxxa tal-IBI kienet applikabbli għal Correos. L-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li l-eżenzjoni mit-taxxa ġiet applikata f'okkażjonijiet limitati ferm. Fil-fatt, ġiet applikata effettivament f'94 uffiċċju mit-13 000 li għandha Correos.

(102) L-awtoritajiet Spanjoli qiesu li l-eżenzjonijiet mit-taxxa ma jistgħux ikunu imputabbli għall-Istat għaliex dawn jidderivaw mill-Qrati Spanjoli li ddeċidew favur ir-rifużjoni lil Correos tat-taxxi tal-IBI li l-kumpanija kienet ħallset qabel.

(103) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa tal-IAE, l-awtoritajiet Spanjoli qiesu li l-eżenzjoni mit-taxxa tal-IAE jenħtieġ li titqies bħala għajnuna eżistenti. L-eżenzjoni mit-taxxa tal-IAE ilha fis-seħħ minn qabel l-adeżjoni ta' Spanja mal-KEE. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, l-eżenzjoni mit-taxxa tal-IAE tmur lura għall-1966 meta t-taxxa fuq l-Attivitajiet u l-Benefiċċju Kummerċjali u Industrijali ġiet adottata bid-digriet 3313/1966 tad-29 ta' Diċembru 1966. Il-Liġi 39/1988 tat-28 ta' Diċembru 1988 issostitwixxiet it-Taxxa fuq l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Kummerċjali u Industrijali fil-modalità tagħha ta' Kwota ta' Liċenzja mat-Taxxa fuq l-Attivitajiet Ekonomiċ (IAE). Skont Spanja, din it-taxxa ma nbidlitx b'mod sinifikanti mill-1966 minkejja l-fatt li Correos kienet tgawdi minn eżenzjoni sħiħa meta kienet korp amministrattiv minħabba fin-natura tagħha.

5.1.3. L-INJEZZJONIJIET TA' KAPITAL FL-2004, FL-2005 U FL-2006

(104) L-awtoritajiet Spanjoli qiesu li l-injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-2004, fl-2005 u fl-2006 ma jinvolvux għajnuna mill-Istat għaliex huma konformi mal-MEIP.

(105) Huma jenfasizzaw li l-injezzjonijiet ta' kapital kienu ppreċeduti minn evalwazzjonijiet ekonomiċi *ex ante*, kumparabbli ma' dawk li kien jagħmel kull investitur privat. L-injezzjonijiet ta' kapital kienu previsti fil-pjanijiet ta' azzjoni pluriennali approvati mill-Istat fir-rwol tiegħu ta' azzjonist u kienu inklużi fil-Baġits Ġenerali tal-Istat, li min-naħa tagħhom irriflettewhom fil-pjanijiet strateġiċi tal-kumpanija li tfasslu biex jespandu n-negozju tagħha f'oqsma bi prospetti aħjar u biex tittejjeb l-effiċjenza tagħha, fil-kuntest ta' tnaqqis sinfikanti fir-ritmu tas-suq postali.

([23]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/321/UE tal-25 ta' Jannar 2012, dwar il-miżura SA.14588 (C 20/2009) implimentat mill-Belġju favur De Post – La Poste (illum bpost) (ĠU L 170, 29.6.2012, p. 1).

([24]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2012 fil-każ SA.33054 (2012/N) - Kumpens għal kostijiet netti mġarrba biex jinżamm netwerk mhux kummerċjalment vijabbli għall-perjodu 2012-15 u l-kontinwazzjoni ta' faċilità ta' kapital operatorju (ĠU C 121, 26.4.2012, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/636/UE tal-25 ta' Jannar 2012 Il-miżura C 36/07 (ex NN 25/07) implimentata mill-Ġermanja għal Deutsche Post AG (ĠU L 289, 19.10.2012, p. 1).

(106) Speċifikament, il-pjanijiet strateġiċi għall-perjodu 2001-2006 daħħlu fis-seħħ azzjonijiet bil-għan li jikkompletaw il-proċess ta' modernizzazzjoni tal-impriża sabiex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

(a) L-iżgurar tas-sostenibbiltà futura tan-negozju postali permezz tat-titjib tal-effiċjenza, il-promozzjoni tal-linji ta' negozju bl-akbar valur miżjud;

(b) It-tisħiħ tan-negozji bl-aħjar prospetti ta' tkabbir fuq terminu medju;

(c) Il-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku għall-ġestjoni ta' bażijiet tad-*data*, "mailroom", eċċ.

(d) Il-modernizzazzjoni tal-ġestjoni u l-mudell organizzattiv ta' Correos u l-adattament tiegħu għall-kuntest tas-suq.

(107) Skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-ksib ta' dawn l-għanijiet kollha fissru li l-kumpanija kellha tiġi mogħnija b'riżorsi addizzjonali sabiex tagħmel l-investimenti meħtieġa. Wara li analizza l-istrateġija tal-impriża, l-azzjonist iddeċieda li jagħti tliet żidiet ta' kapital li kienu jammontaw għal EUR 48,08 miljun, b'kull waħda miż-żidiet tlaħħaq is-EUR 16,027-il miljun, li kellhom jiġu applikati fis-snin finanzjarji 2004, 2005 u 2006. Dik iż-żieda ta' kapital kienet meqjusa bħala element ewlieni fil-ksib tal-previżjonijiet tal-proporzjoni tal-profitabbiltà fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-kumpanija u rriflettiet l-evalwazzjonijiet li saru mill-azzjonist waħdieni. Fil-verità iż-żidiet ta' kapital kienu mġiegħla mill-ħtieġa tal-kumpanija li tagħmel investimenti li kienu ta' natura "inkrementali" jew addizzjonali għal dawk li kienet tagħmel normalment il-kumpanija.

(108) L-awtoritajiet Spanjoli sostnew ukoll li l-evalwazzjoni kienet inkorporata fil-qafas ta' prospetti u riżultati kummerċjali assoċjati maż-żieda ta' kapital, li tfasslu fuq perspettiva ta' ħames snin, meqjusa bħala perjodu raġonevoli sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni dwar jekk id-deċiżjonijiet ta' investiment kummerċjali jkunux sodisfaċenti. Dawn il-projezzjonijiet ġew riflessi fil-pjanijiet ta' azzjoni pluriennali (MAPs), li min-naħa tagħhom ġew inkorporati fil-Baġits Ġenerali tal-Istat. Il-MAP approvat fis-sena finanzjarja tal-2004 wera tkabbir ta' 3,6 % fil-fatturat annwali u titjib fil-profitti netti bi profitti medji ta' madwar 5 % kull sena, meta mqabbel ma' xenarju statiku b'ebda żieda ta' kapital. Dawn ir-riżultati nkisbu abbażi tal-istess għadd ta' żborżi ta' kapital fl-2004, fl-2005, u fl-2006, li għaldaqstant ippermettew l-implimentazzjoni tal-linji ta' azzjoni previsti fil-pjanijiet strateġiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-investiment.

(109) Il-previżjonijiet inklużi fil-MAP u inkorporati fil-Baġit Ġenerali tal-Istat kienu jkunu komparabbli bis-sħiħ ma' dawk ta' investitur privat f'ekonomija orjentata lejn is-suq. Huma l-bażi li fuqhom l-Istat, fir-rwol tiegħu ta' azzjonist, iddependa meta ddeċieda li jagħti tliet żidiet fil-kapital tal-ishma tal-kumpanija li flimkien kienu jammontaw għal EUR 48 081 000.

(110) Dawn il-previżjonijiet li saru *ex ante* jidhru fit-tabella 3.

Tabella 3

MAP tal-2004

	2005	2006	2007	2008
Fatturat nett (Eluf ta' EUR)	1 897 475	1 975 031	2 047 873	2 115 371
Tkabbir tal-fatturat	3,4 %	4 %	3,6 %	3,2 %
Profitt jew telf nett għas-sena finanzjarja (Eluf ta' EUR)	78 092	97 214	106 038	113 403
Profitt nett previst	**4,1 %**	**4,9 %**	**5,1 %**	**5,3 %**

(111) L-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li l-MAPs huma analiżi *ex ante* tajba tal-projezzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji. Il-previżjonijiet li hemm fihom jixhdu livelli ta' redditu ekwivalenti għal dawk li jkun qiegħed jistenna investitur privat, bl-effett li d-deċiżjoni li jiżdied il-kapital tal-ishma biex il-kumpanija tkun tista' tagħmel l-investiment meħtieġ biex jinksibu l-profitti previsti hija ġustifikata bis-sħiħ. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, dawk il-marġni ta' redditu kienu jwasslu sabiex anke investitur privat kien jieħu deċiżjoni simili.

(112) Spanja tindika li hija ħadet id-deċiżjoni li żżid il-kapital tal-ishma u tiżborża EUR 16,027 miljun fit-13 ta' Diċembru 2004, abbażi tal-MAP għas-sena finanzjarja tal-2004 li tinkludi l-projezzjonijiet finanzjarji favorevoli murija fit-Tabella 1. Bl-istess mod, l-azzjonist ħa d-deċiżjonijiet dwar iż-żidiet suċċessivi fil-5 ta' Diċembru 2005 u fid-29 ta' Diċembru 2006 rispettivament, fejn dan sar ukoll fuq il-bażi tal-MAPs korrispondenti. Spanja indikat ukoll li l-evoluzzjoni reali tal-parametri użati fl-MAPs tjiebet b'mod ċar, kif muri fit-tabella 4.

Tabella 4

Riżultati reali

	2005	2006	2007	2008
Fatturat nett (Eluf ta' EUR)	1 940 000	2 014 400	2 106 600	2 141 000
Profitt jew telf nett għas-sena finanzjarja	9,1 %	7 %	4,9 %	3,6 %
Profitt nett	**4,3 %**	**9,1 %**	**7 %**	**4,9 %**

(113) Biex jissupplimentaw dan ta' hawn fuq, l-awtoritajiet Spanjoli pprovdew ukoll test ta' investitur privat imwettaq *ex-post* min Ernst & Young, li jikkonkludi li r-Rata ta' Redditu Interna (minn hawn 'il quddiem "RR") taż-żidiet fil-kapital eżaminati kienet ta' 9,29 %, u l-kost fis-suq tal-kapital ta' dak l-investiment kien ta' 7,87 % fiż-żmien meta sar l-investiment.

(114) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Spanjoli jikkunsidraw li r-rimarki magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016, abbażi tal-Kawża il-Kummissjoni vs EDF ([25]), dwar il-ħtieġa li titwettaq analiżi tal-profitabbiltà qabel l-investiment inkwistjoni, jonqsu milli jqisu li twettqet evalwazzjoni ekonomika *ex ante*, fejn it-test tal-investitur privat inkluż fir-rapport iservi ta' evidenza supplimentari għar-ratifika tal-validità tal-MEIP użat.

(115) L-awtoritajiet Spanjoli jikkontestaw b'mod aktar fundamentali r-rilevanza tas-sentenza tal-Kummissjoni vs EDF fil-każ attwali għax EDF kienet qed topera skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq filwaqt li Correos ingħatat l-USO. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li meta jiġu analizzati l-miżuri adottati fir-rigward ta' impriża pubblika li topera f'settur b'USO, l-analiżi tal-profitabbiltà *ex post* ma tistax titqies invalida, peress li l-għoti tas-servizz ekonomiku ġenerali m'huwiex regolat b'loġika strettament kummerċjali, u jeħtieġ li f'dak il-każ titqies id-*data* oġġettiva u verifikabbli disponibbli kollha.

(116) Skont din il-loġika, l-awtoritajiet Spanjoli jqisu li ġurisprudenza aktar relevanti hija dik tal-każijiet Chronopost I ([26]) u Chronopost II ([27]), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea approvat l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 98/365 ([28]), fiż-żewġ sentenzi li tat bħala riżultat tal-appelli korrispondenti kontra din id-deċiżjoni. F'din id-deċiżjoni msemmija, il-Kummissjoni vvalutat jekk l-imġiba tal-operatur postali Franċiż (La Poste) bħala azzjonist ta' SFMI-Chronopost, kinitx ġustifikata f'termini kummerċjali f'konformità mal-kriterji ta' investitur privat tal-ekonomija tas-suq u kienet qabblet l-IRR tal-injezzjonijiet ta' kapital magħmula mill-Istat favur La Poste mal-kost tal-ekwità tiegħu fuq bażi *ex-post*.

(117) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Spanjoli spjegaw li jekk il-Kummissjoni tistma li l-injezzjonijiet ta' kapital ma jissodisfawx l-MEIP, jenħtieġ li dawn jiġu kkunsidrati fl-isfond tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat peress li jirrappreżentaw riżorsi ddedikati biex ikopru s-servizz pubbliku, u ma huma taħt l-ebda ċirkostanza għajnuna operatorja, la skont id-destinazzjoni tal-fondi u lanqas min-natura tagħhom.

([25]) Il-Kawża C-124/10 P, Kummissjoni vs EDF, ECLU:EU:C:2012:318

([26]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 2003, il-Każijiet Magħquda C-83/01 P, C-93/01 P u C-94/01 P, *Chronopost/UFEX et.*, ECLI:EU:C2003:388

([27]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, il-Każijiet Magħquda C-341-06 u C-342/06P, *Chronopost u La Poste/UFEX et.*, ECLI:EU:C2008:375

([28]) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/365/KE tal-1 ta' Ottubru 1997 rigward l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza lil SMFI-Chronopost (ĠU L 164, 9.6.1998, p. 37).

5.1.4. IT-TQASSIM TA' MATERJAL ELETTORALI DWAR KANDIDATI POLITIĊI

(118) L-awtoritajiet Spanjoli jqisu li t-tqassim tal-materjal elettorali minn Correos ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. L-attivitajiet kollha mwettqa minn Correos fil-kuntest tal-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, u b'mod partikolari d-distribuzzjoni tal-propaganda elettorali rigward il-kandidati poliċiti, mhumiex attivitajiet ekonomiċi peress li dawn jikkostitwixxu prerogattiva tal-Istat.

(119) B'mod partikolari, fir-rigward tat-tqassim tal-propaganda elettorali tal-kandidati politiċi, l-awtoritajiet Spanjoli jikkontestaw il-konklużjonijiet milħuqa fid-deċiżjoni ta' ftuħ li l-miżura tikkostitwixxi attività eknonomika. L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-Istat ma introduċa ebda mekkaniżmu tas-suq biex jiżgura li l-votanti jirċievu propaganda elettorali tal-kandidati politiċi. Il-proċedura elettorali hija komposta minn għadd ta' attivitajiet, kollha kemm huma meħtieġa u interkonnessi, li għandhom l-għan li jiżguraw id-dritt fundamentali tal-votazzjoni. Għalhekk, din l-attività għandha titqies bħala prerogattiva tal-Istat.

(120) L-awtoritajiet Spanjoli jikkunsidraw li jekk il-miżura titqies bħala għajnuna, din hija għajnuna eżistenti peress li għandha data li tmur lura għal qabel l-adeżjoni ta' Spanja mal-Komunità Ekonomika Ewropea fl-1986. Il-kumpens mogħti lil kandidati elettorali għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali ilu fis-seħħ mill-1977 mingħajr ma għadda minn ebda modifika sostanzjali. L-Artikolu 44(3) tad-Digriet Amministrattiv 20/1977 tal-18 ta' Marzu 1977 dwar Dispożizzjonijiet Elettorali stabbilixxa li l-Ordni Ministerjali se jistabbilixxi tariffi postali speċjali li għandhom jiġu applikati għal materjal elettorali mibgħut mill-kandidati politiċi. L-Ordni Ministerjali tat-3 ta' Marzu 1977 u l-Ordni Ministerjali tal-4 ta' Mejju 1977 stabbilew tariffa fissa ta' peseta għal ittri sa 50 gramma, li baqgħet l-istess minn dak iż-żmien.

(121) L-Artikolu 59 tal-Liġi Organika 5/1985 tad-19 ta' Ġunju 1985 dwar is-Sistema Elettorali Ġenerali tenna l-obbligu li permezz ta' Ordni Ministerjali, tiġi stabbilita tariffa speċjali li għandha tintalab lil kandidati politiċi biex jibagħtu materjal elettorali. L-Artikolu 1 tal-Ordni Ministerjali tat-13 ta' Ottubru 1985 iddikjara li t-tariffi speċjali tal-Ordni Ministerjali tat-3 ta' Mejju 1977 kienu għadhom applikabbli. Aktar tard, l-Artikolu 1 tal-Ordni Ministerjali tat-30 ta' April 1986 stabbilixxa li t-tariffi speċjali stipulati fl-Artikolu 1 tal-Ordni Ministerjali tat-30 ta' Ottubru 1985 kienu għadhom applikabbli, jiġifieri, it-tariffi speċjali tal-Ordni Ministerjali tat-3 ta' Mejju 1977. L-Artikolu 12 tad-Digriet Amministrattiv 605/1999 tas-6 ta' April 1999 u l-Liġijiet Postali tal-1998 u l-2010 ma biddlux it-tariffa speċjali applikabbli għall-kandidati politiċi, li attwalment hija stabbilita fl-Artikolu 59 tal-Liġi Organika 5/1985 tad-19 ta' Ġunju 1985 dwar is-Sistema Elettorali Ġenerali u li tirreferi għat-tariffi speċjali stabbiliti fl-Ordni Ministerjali tat-3 ta' Marzu 1977.

(122) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli jallegaw li jekk il-miżura għandha tiġi kkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

(123) Minħabba l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' 10 snin previst fid-deċiżjoni tal-ftuħ (l-14 ta' Frar 2004 - l-14 ta' Frar 2014), l-awtoritajiet Spanjoli jallegaw li l-perjodu taħt skrutinju għandu jkun 2004-2012 peress li fl-2013 ma kien hemm l-ebda elezzjoni.

(124) L-għoti ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali matul il-perjodu 2004-2011 ġie stipulat fl-Ordnijiet Ministerjali, li inkludew il-kontenut, l-ambitu u d-durata tal-obbligu tas-servizz pubbliku. L-għoti tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali lil Correos matul is-snin 2011 u 2012 ġie stipulat fil-Ftehim tal-Kunsill tal-Ministri għal kull elezzjoni. Dawn il-Ftehimiet jindikaw in-natura, il-kontenut, l-ambitu u d-durata tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Barra minn hekk, it-tabella 5 turi li, fi kwalunkwe każ, il-kumpens totali li Correos irċeviet għall-konsenja tal-materjal tal-elezzjoni matul l-elezzjonijiet miżmuma mill-2004 sal-2012 ma qabiżx l-ispejjeż sostnuti.

Tabella 5

Kumpens nieqes għal Correos għall-konsenja ta' materjal elettorali

(EUR)

Sena	Elezzjoni ambitu	Kostijiet totali	Dħul EUR 0,006 għal kull oġġett	Kumpens għat-tqassim tal-materjal tal-elezzjoni	Dħul + kumpens kostijiet totali
2004	Nazzjonali	[…] (*)	[…]	27 182 926	[…]
2005	Reġjonali	[…]	[…]	3 670 281	[…]

(EUR)

Sena	Elezzjoni ambitu	Kostijiet totali	Dħul EUR 0,006 għal kull oġġett	Kumpens għat-tqassim tal-materjal tal-elezzjoni	Dħul + kumpens kostijiet totali
2006	Reġjonali	[…]	[…]	4 528 376	[…]
2007	Nazzjonali/Reġjonali	[…]	[…]	19 536 604	[…]
2008	Nazzjonali/Reġjonali	[…]	[…]	19 609 632	[…]
2009	Nazzjonali/Reġjonali	[…]	[…]	14 603 021	[…]
2010	Reġjonali	[…]	[…]	4 620 588	[…]
2011	Nazzjonali/Reġjonali	[…]	[…]	40 092 858	[…]
2012	Reġjonali	[…]	[…]	14 268 978	[…]
2013	M/A	[…]	[…]		[…]
	TOTAL	**[…]**	**[…]**	**148 113 264**	**[…]**

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

5.2. *IL-KUMMENT TA' SPANJA DWAR IL-KUMMENTI MINN PARTIJIET TERZI*

(125) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Spanjoli jindikaw li l-ilmentatur li l-ittra tiegħu tat lok għal dawn il-proċedimenti ma ppreżenta l-ebda osservazzjoni dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016. L-awtoritajiet Spanjoli jinnotaw li l-uniċi partijiet terzi li ppreżentaw l-osservazzjonijiet huma Correos y Telégrafos, S.A. u parti anonima li tirrappreżenta s-settur tal-konsenja tal-pakketti, skont kif jista' jinftiehem mill-kontenut tal-kummenti li saru.

5.2.1. L-OSSERVAZZJONIJIET DWAR IL-KUMMENTI MRESSQA MILL-PARTI TERZA ANONIMA

(126) L-awtoritajiet Spanjoli jirreferu għall-kummenti tagħhom li saru dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016 dwar għadd ta' kwistjonijiet li għalihom il-parti terza anonima ma pprovdiet ebda argument addizzjonali speċifiku.

(127) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli jipprovdu xi kummenti addizzjonali dwar il-kwistjonijiet li ġejjin.

5.2.1.1. ***L-estensjoni taż-żmien tal-investigazzjoni***

(128) L-awtoritajiet Spanjoli jikkunsidraw li t-talba sabiex l-investigazzjoni tiġi estiża għall-perjodu preskritt hija inammissibbli u inkonsistenti peress li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tissottometti biss miżuri li jqajmu dubji serji ta' kompatibbiltà għall-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat, sakemm dawn il-miżuri jkunu twettqu barra l-perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin. L-awtoritajiet Spanjoli jinnotaw ukoll li l-parti interessata anonima rrikonoxxiet dan il-punt legali fil-kummenti tagħha stess li jgħidu li "Huwa ċar li dawn l-ammonti ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' proċedura ta' investigazzjoni, peress li l-perjodu ta' limitazzjoni taż-żmien għar-rieżami skada".

(129) L-awtoritajiet Spanjoli jqisu wkoll li t-talba biex l-investigazzjoni tiġi estiża għall-perjodu wara l-2010 mhijiex ġustifikata peress li l-Istat Spanjol illimita ruħu li jagħmel pagamenti bil-quddiem mill-Baġit Ġenerali tal-Istat li se jiġu aġġustati ladarba jiġi ddeterminat il-kost nett, wara li jkun ġie notifikat il-Plan de Prestación ġdid u l-Kummissjoni Ewropea tkun tat opinjoni dwaru.

(130) L-awtoritajiet Spanjoli jikkunsidraw li l-parti terza impliċitament tirrikonoxxi li l-kost nett ma jistax jiġi ddeterminat sakemm il-Plan de Prestación ġdid ma jkunx ġie adottat għax fil-kummenti tagħha tirreferi għan-noti fil-kontijiet annwali ta' Correos għall-2014 li jiddikjaraw: "Riżoluzzjoni mis-CNMC ([29]) dwar kalkolu tal-kost nett tal-UPS fl-2011, 2012 u 2013 differenti mill-kalkolu tal-Baġit Ġenerali tal-Istat, jista' possibilment ikollha impatt fuq l-ammonti mdaħħla fil-kontijiet. Ma jkunx possibbli li jiġi kkalkolat dan l-impatt finali sad-dħul fis-seħħ tal-Plan de Prestación il-ġdid, li se jistabbilixxi l-metodoloġija u l-komponenti għall-kalkolu tal-kost nett".

5.2.1.2. ***Il-vantaġġi allegati relatati mal-eżenzjoni tal-VAT***

(131) Fir-rigward tal-eżenzjoni tal-VAT, l-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li din hija stipulata fil-leġiżlazzjoni Spanjola f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE li tirregola din il-kwistjoni. L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw ukoll li l-kundizzjoni ta' imputabbiltà ma tkunx sodisfatta jekk miżura nazzjonali tittrasponi att Komunitarju li ma huwa soġġett għal ebda marġni ta' diskrezzjoni, kif ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2009 fil-Kawża C-460/07 (Puffer) ([30]).

5.2.1.3. ***L-allegati kumpensi mogħtija mill-Istat sabiex tiffinanzja l-kampanja pubbliċitarja u ta' komunikazzjoni tagħha***

(132) L-awtoritajiet Spanjoli jiċħdu li Correos setgħet ibbenefikat minn għajnuna maħsuba biex tiffinanzja l-kampanji ta' pubbliċità u ta' komunikazzjoni tagħha.

(133) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Spanjoli jiċċaraw li l-Pjanijiet ta' Pubbliċità u Komunikazzjoni Istituzzjonali relatati msemmija mill-parti terza anonima bħala indikazzjoni ta' appoġġ bħal dan jinkludu l-attivitajiet kollha mwettqa mill-korpi tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat, kif ukoll l-impriżi pubbliċi f'dan il-qasam għal finijiet statistiċi iżda li l-kostijiet tal-pubbliċità ta' Correos imsemmija f'dawn il-pjanijiet dejjem kienu koperti mir-riżorsi tal-kumpanija.

(134) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li, kif indikat fil-Pjan innifsu, il-Kummissjoni Istituzzjonali għall-Pubbliċità u l-Komunikazzjoni, li hija korp kollegġjali amministrattiv, tinkludi fil-Pjan il-kampanji istituzzjonali kollha li se jitwettqu mill-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat u korpi relatati. Bħal kwalunkwe impriża pubblika oħra, Correos y Telégrafos, S.A. tfassal il-pjanijiet ta' pubbliċità tagħha stess iffinanzjati mir-riżorsi tagħha, u tinkludihom fi ħdan dak il-Pjan sempliċement għal skopijiet ta' statistika.

5.2.2. L-OSSERVAZZJONIJIET DWAR IL-KUMMENTI MRESSQA MINN CORREOS

(135) L-awtoritajiet Spanjoli qablu mal-osservazzjonijiet magħmula minn Correos y Telégrafos, S.A.

(136) L-awtortitajiet Spanjoli rreaġixxew għat-talba magħmula minn Correos fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li jenħtieġ li d-dividendi distribwiti jiġu attribwiti għat-tnaqqis fil-kumpens żejjed indikat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016 billi tennew li sa issa ma ġiet ipprovduta l-ebda prova tal-eżistenza ta' xi kumpens żejjed.

(137) Madankollu, Spanja ttenni wkoll il-kummenti tagħha li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat il-pagament ta' dividendi sabiex titnaqqas kwalunkwe għajnuna potenzjali li tista' tiġi identifikata fit-tmiem tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, jenħtieġ li dawn id-dividendi straordinarji u nonrikorrenti mogħtija minn Correos lill-Istat jiġu meqjusa għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżorsi pubbliċi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Correos, f'konformità mad-deċiżjoni Statsbaner tal-Kummissjoni ([31]).

([29]) Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia: is-CNMC se tadotta r-riżoluzzjonijiet ladarba l-kost nett tas-servizz postali universali u l-piż inġust ikunu ġew stabbilitigħal dawn is-snin differenti.
([30]) C-460/07, Sandra Puffer vs Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Linz, ECLI:EU:C:2009:254
([31]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/3/UE tal-24 ta' Frar 2010 dwar Kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Dankse Statsbaner (C 41/08 (ex NN 35/08) (ĠU L 7,11.1.2011, p. 1).

5.3. *IL-KUMMENTI ADDIZZJONALI TA' SPANJA*

5.3.1. APPROĊĊI ALTERNATTIVI GĦALL-KALKOLU TAL-KUMPENS ŻEJJED TAL-USO GĦALL-PERJODU 2004-2010

(138) Filwaqt li jtennu li l-kumpensi tal-USO mogħtija matul l-2004-2010 lil Correos ma jinkludux għajnuna mill-Istat u jekk jagħmlu dan, jenħtieġ li tali għajnuna titqies kompatibbli, l-awtoritajiet Spanjoli jikkunsidraw li anki jekk jaċċettaw l-approċċ tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016 li tuża l-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet ([32]), il-kumpens żejjed potenzjali jista' jiġi kkalkolat biss skont il-premessi ta' hawn taħt:

(139) L-ewwel nett, jenħtieġ li s-settur riżervat u s-settur mhux riżervat jiġu trattati separatament: is-settur riżervat jikkorrisondi għas-servizzi postali tal-USO pprovduti taħt monopolju; is-settur mhux riżervat jinkludi servizzi postali tal-USO. Barra minn hekk, il-kumpens fis-settur riżervat segwa metodu li r-riżultati tiegħu qablu fis-sħiħ ma' dak tal-allokazzjoni tal-kostijiet, filwaqt li s-settur mhux riżervat japplika approċċ tal-NAC, fejn il-kumpens jiġi kkalkulat u stabbilit b'mod separat għal kull settur. Għalhekk, jenħtieġ li dawn is-setturi jiġu kkunsidrati bħala żewġ SGEIs distinti soġġetti għal valutazzjonijiet separati u għal metodoloġiji ta' kumpens differenti. Skont il-metodoloġija Spanjola, il-kumpens fis-settur riżervat jikkorrispondi għall-kost nett tal-kontabbiltà (kostijiet ġenerali bi tnaqqis tad-dħul), filwaqt li l-kumpens fis-settur mhux riżervat jiġi kkalkolat skont approċċ NAC li jkopri r-riżultati tas-segmenti li jagħmlu t-telf fis-settur mhux riżervat bil-preżunzjoni li kwalunkwe operatur privat kien iwaqqafhom fl-assenza ta' obbligi ta' servizz pubbliku.

(140) Skont dan ir-raġunament, minn total ta' madwar EUR 955,237 miljun ta' kumpens tal-USO totali mogħti lil Correos matul 2004-2010 madwar EUR 637,850 miljun (it-telf tal-kontabbiltà tas-settur riżervat) ikunu allokati għas-settur riżervat u EUR 317,387 miljun (il-bqija) għas-settur mhux riżervat (ara t-tabella 6).

Tabella 6

Kumpensi għas-settur riżervat u mhux riżervat tal-USO

(Miljuni ta' EUR)

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Ammont totali
Settur Riżervat	46,171	40,435	39,558	80,823	101,783	176,559	152,521	637,850
Settur Mhux Riżervat	44,859	47,294	55,199	39,441	40,863	45,919	43,812	317,387
Total	**91,030**	**87,729**	**94,757**	**120,264**	**142,646**	**222,478**	**196,333**	**955,237**

(141) L-awtoritajiet Spanjoli jikkunsidraw li ż-żewġ kumpensi għandhom imbagħad jiġu vvalutati separatment, li jwassal għal riżultat differenti minn dak milħuq mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016.

5.3.1.1. ***Il-valutazzjoni tal-kumpensi għas-settur riżervat tal-USO***

(142) L-awtoritajiet Spanjoli jissuġġerixxu li l-kumpensi għas-settur riżervat tal-USO jiġu evalwati bl-użu ta' metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet u parametru referenzjarju ta' Ritorn fuq il-Bejgħ ([33]) (minn hawn 'il quddiem "ROS") ta' 4,8 % tar-ROS (il-parametru referenzjarju applikat fil-każ bpost għal inkarigi ta' riskju baxx).

([32]) Il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet tikkonsisti fil-kalkolu tal-kost nett ta' obbligu ta' servizzi pubbliku (bħal USO) bħala d-differenza bejn il-kostijiet imġarrba u d-dħul miksub meta jitwettqu l-obbligi tas-servizz pubbliku. Skont il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet, profitt raġonevoli jista' jiżdied ma' dak il-kost nett biex jiġi kkalkolat l-ammont massimu ta' kumpens ammessibbli.

([33]) Ir-Ritorn fuq il-Bejgħ huwa miżura tal-profitabbiltà, magħrufa wkoll bħala l-marġni tal-profitt operatorju. Huwa kkalkolat bħala l-proporzjon bejn l-introjtu operatorju nett (qabel l-imgħax u t-taxxa) u d-dħul mill-bejgħ. B'mod aktar preċiż, l-introjtu operatorju nett huwa d-differenza bejn id-dħul u l-kostijiet fil-livell operazzjonali.

(143) Approċċ bħal dan jirriżulta b'mod ċar f'kumpens nieqes ta' Correos għal dan l-SGEI peress li l-għajnuna mogħtija għas-settur riżervat tal-USO tikkorrispondi eżattament mal-kost ta' kontabbiltà nett tagħha kif muri fit-tabella 7, fejn il-kumpens nieqes jammonta għal profitt raġonevoli mhux kontabilizzat.

Tabella 7

Kumpens nieqes tas-settur riżervat tal-USO

(Miljuni ta' EUR)

Settur riżervat tal-USO	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kostijiet	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kost nett = Kostijiet-Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Profitt raġonevoli (bbażat fuq ROS ta' 4,8 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kost nett + profitt raġonevoli	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kumpens permess lil Correos	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kumpens mogħti lil Correos	46,171	40,435	39,558	80,823	101,783	176,559	152,521	637,850
Kumpens nieqes = kumpens permess – kumpens mogħti	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**

(144) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li peress li Correos għandha kumpens nieqes għall-provvediment ta' servizzi riżervati tal-USO u li l-kundizzjonijiet l-oħra tal-Qafas tal-SGEI tal-2012 huma osservati, jenħtieġ li l-kumpens allokat għas-settur riżervat tal-USO jitqies kompatibbli.

5.3.1.2. ***Il-valutazzjoni tal-kumpensi għas-settur mhux riżervat tal-USO***

(145) L-awtoritajiet Spanjoli jqisu li fir-rigward tas-servizzi mhux riżervati tal-USO, il-parametru referenzjarju fil-każ ta' bpost għal mandati ta' riskju għoli jistgħu jiġu applikati.

(146) Madankollu, skont preżunzjoni bħal din, l-awtoritajiet Spanjoli jirrikonoxxu li s-settur mhux riżervat tal-USO jkun juri kost nett negattiv f'kull sena, jiġifieri, profitt nett li ma jippermetti ebda kumpens kif muri fit-tabella 8.

Table 8

Kumpens żejjed tas-settur mhux riżervat tal-USO

(Miljuni ta' EUR)

Settur mhux riżervat tal-USO	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kostijiet	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

(Miljuni ta' EUR)

Settur mhux riżervat tal-USO	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Kost nett = Kostijiet-Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Profitt raġonevoli (bbażat fuq ROS ta' 7,4 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kost nett + profitt raġonevoli	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kumpens permess	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Kumpens mogħti	44,859	47,294	55,199	39,441	40,863	45,919	43,812	317,387
Kumpens żejjed = kumens mogħti – kumpens permess	**44,859**	**47,294**	**55,199**	**39,441**	**40,863**	**45,919**	**43,812**	**317,387**

(147) Skont dan l-approċċ, il-kumpens allokat lis-settur USO mhux riżervat jista' jitqies inkompatibbli safejn kien hemm kumpens żejjed għal Correos. Madankollu, l-awtoritajiet Spanjoli jenfasizzaw ukoll li d-dividendi jenħtieġ li jitqiesu bħala li *de facto* naqqsu l-ammont ta' kumpens mogħti lil Correos kif spjegat fil-premessi 148 sa 152.

5.3.2. DIVIDENDI

(148) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li Correos ħallset dividendi matul l-2004-2010 (ara t-tabella 9).

Tabella 9

Dividendi mħallsa minn Correos

(Miljuni ta' EUR)

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Dividendi mħallsa	0,000	0,000	29,775	30,576	51,958	38,966	0,000	151,275

(149) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li jenħtieġ li dawn id-dividendi ma jiġux ikkunsidrati primarjament bħala remunerazzjoni tal-azzjonist, peress li huma kellhom pjuttost rwol ta' mekkaniżmu ta' rkupru impliċitu li ppermetta lill-awtoritajiet Spanjoli, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, inaqqsu l-finanzjament żejjed potenzjali billi jirkupraw ir-riżorsi mill-kumpanija. L-Istat, li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità tal-baġit, iddeċieda li jinkludi tali dividendi f'kull Baġit Ġenerali Statali adottat fil-perjodu 2005-2008 biex jindirizza l-finanzjament żejjed potenzjali identifikat fis-sena preċedenti għal dik meta kienu ttieħdu tali deċiżjonijiet baġitarji. Ma ġiet adottata l-ebda dispożizzjoni bħal din fl-2009 u l-2010, peress li l-previżjonijiet indikaw telf tal-kumpanija f'dawk is-snin.

(150) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li d-deċiżjoni li jitħallsu d-dividendi hija imputabbli għall-Istat Spanjol, bħala awtorità pubblika, aktar milli għall-maniġment ta' Correos. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li:

(a) Id-dispożizzjoni dwar il-ħlas tad-dividendi minn Correos hija riflessa fil-Baġit Ġenerali tal-Istat kemm taħt il-partita tal-Kapital tal-Kumpanija kif ukoll taħt il-Kapitolu dħul tal-Istat li mhuwiex taxxa. Il-Baġit Ġenerali tal-Istat huwa adottat permezz ta' abbozz ta' Liġi (Anteproyecto de Ley) approvat mill-Kunsill tal-Ministri u ppreżentat lill-Parlament għal deċiżjoni finali.

(b) Il-ħtieġa li jsiru aġġustamenti ta' finanzjament permezz ta' dividendi hija bbażata fuq ir-riżultati tal-Kumpanija tas-sena ta' qabel dik li fiha huma riflessi fil-Baġit Ġenerali tal-Istat, peress li riżultati bħal dawn huma l-uniċi disponibbli meta l-abbozz tal-Liġi tal-baġit jiġi adottat f'Settembru kull sena.

(c) Correos bħala kumpanija ma kellha l-ebda interess li tħallas id-dividendi lill-Istat, li xorta kien impenja ruħu li jħallas il-kumpens tal-USO sal-2010.

(151) It-tieni nett, l-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li ċ-ċirkostanzi kienu tali li d-dividendi kienu l-uniku mezz prattiku biex jimmodulaw il-finanzjament potenzjalment eċċessiv f'ċerti snin għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Fl-2000, Spanja adottat kuntratt ma' Correos li skont tiegħu ċertu ammont ta' kumpens kien pagabbli awtomatikament, fejn il-kalkolu tiegħu huwa bbażat fuq formola definita minn qabel, sal-2010.

(b) Filwaqt li Spanja ma għamlitx verifika formali bħal din għal kumpens żejjed, l-awtoritajiet Spanjoli kienu konxji li s-sitwazzjoni finanzjarja partikolarment pożittiva tal-kumpaniji f'ċerti snin ipprovdiet evidenza li parti mill-finanzjament seta' ma kienx kompletament meħtieġ f'dawn is-snin.

(c) F'ċirkostanzi bħal dawn, il-ġbir ta' dividendi kien l-uniku mod legali għall-Istat biex inaqqas il-finanzjament potenzjali żejjed mogħti lil Correos, billi ma ġie previst l-ebda mezz alternattiv fil-kuntratt. F'dan il-każ, id-dividendi ħadmu bħala tip ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

(d) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw ukoll li Correos ma kellha l-ebda vantaġġ ekonomiku partikolari milli tirċievi finanzjament żejjed u tħallsu lura permezz ta' dividendi. Il-kumpanija kienet profitabbli ħafna f'dawn is-snin (u ma kelliex bżonn il-fondi addizzjonali biex tiffunzjona), ma ħaditx self mill-banek (għalhekk ma bbenefikatx minn affidabbiltà kreditizja aħjar) u ma għamlitx akkwisti partikolari.

(152) Abbażi ta' din il-loġika, l-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw li d-dividendi mħallsa fis-sena N, ġew deċiżi fis-sena N-1 abbażi tar-riżultati tal-kontabbiltà disponibbli għas-sena N-2. Għalhekk, dawn id-dividendi mmiraw li jnaqqsu l-kumpens żejjed li rriżulta mis-sena N-2 kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 10.

Tabella 10

Dividendi u kumpens żejjed

(Miljuni ta' EUR)

	Ammont ta' dividendi	Sena ta' pagament	Sena relatata ta' kumpens żejjed	Ammont ta' kumpens żejjed ta' sena partikolari	Kumpens żejjed imnaqqas għas-sena partikolari
	29,775	2006	2004	44,859	15,084
	30,576	2007	2005	47,294	16,718
	51,958	2008	2006	55,199	3,241
	38,966	2009	2007	39,441	0,475
	0,000	2010	2008	40,863	40,863
	0,000	2011	2009	45,919	45,919
	0,000	2012	2010	43,812	43,812
Total	**151,275**			**317,387**	**166,112**

6. **OSSERVAZZJONIJIET ADDIZZJONALI MRESSQA MINN UNIPOST**

(153) Fl-20 ta' Marzu 2018, Unipost informat lill-Kummissjoni li kienet daħlet f'likwidazzjoni fid-19 ta' Frar 2018 u li hija tqis li għajnuna mill-Istat mogħtija lil Correos kellha rwol sinifikanti fil-falliment tagħha.

(154) Skont Unipost, kienet għajnuna mill-Istat inkompatibbli bħal din li għamlitha possibbli li Correos tapplika prezzijiet aktar baxxi fis-swieq mhux riżervati, billi tapplika politika ta' prezzijiet li ma kinitx relatata mal-kostijiet tagħha f'dawn is-swieq mhux riżervati.

7. IL-VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI

7.1. *IL-KUMPENSI TAL-USO MOGĦTIJA TAĦT IL-LIĠI POSTALI TAL-1998*

7.1.1. L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 107(1) TAT-TRATTAT

(155) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(156) Minn dan isegwi li, sabiex miżura finanzjarja tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin iridu jiġu ssodisfati: (i) il-miżura trid tkun imputabbli għall-Istat Membru u mogħtija mir-riżorsi tal-Istat, (ii) hija trid tagħti vantaġġ ekonomiku lil impriżi, (iii) dak il-vantaġġ għandu jkun selettiv, u (iv) il-miżura għandha tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni u tkun tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

7.1.1.1. ***Il-miżuri imputabbli għall-Istat u mogħtija minn riżorsi tal-Istat***

(157) Biex miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, hija trid tingħata mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat. Ir-riżorsi tal-Istat jinkludu r-riżorsi kollha tas-settur pubbliku ([34]), inklużi riżorsi tal-entitajiet intrastatali (deċentralizzati, federali, reġjonali jew oħrajn) ([35]).

(158) Il-kumpensi għall-forniment tal-USO skont il-Liġi Postali tal-1998 huma mħallsa direttament mill-Bażit Ġenerali tal-Istat u għalhekk huma b'mod ċar imputabbli għall-Istat u mogħtija minn riżorsi tal-Istat.

7.1.1.2. ***Vantaġġ ekonomiku selettiv mogħti lil impriża***

A. **Selettività**

(159) Biex taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, miżura tal-Istat trid tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi". Għalhekk, dawk il-miżuri li jiffavorixxu lill-impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv biss jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna.

(160) Il-kumpensi USO huma selettivi b'mod ċar peress li jibbenefikaw biss impriża waħda: Correos.

B. **Il-kunċett ta' impriża**

(161) Il-finanzjament mogħti lil entità jista' jikkwalifika biss bħala għajnuna mill-Istat jekk dik l-entità tkun "impriża" fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("Qorti tal-Ġustizzja") b'mod konsistenti ddefinixxiet impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika ([36]). Il-kwalifika ta' entità bħala impriża, għalhekk, tiddependi min-natura ta'attività tagħha, irrispettivament mill-istatus legali tal-entità jew mill-mod li bih hija ffinanzjata ([37]). Ġeneralment, attività trid tiġi kkunsidrata ta' natura ekonomika fejn tikkonsisti

([34]) Il-Kawża T-358/94 *Compagnie nationale Air France vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:T:1996:194, il-paragrafu 56.

([35]) Il-Kawża 248/84 *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:C:1987:437, il-paragrafu 17; u l-Każijiet Magħquda T-92/00 u T-103/00 *Territorio Histórico de Álava - Diputación Foral de Álava (T-92/00), Ramondín, SA and Ramondín Cápsulas, SA (T-103/00) vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:T:2002:61, il-paragrafu 57.

([36]) Il-Każijiet Magħquda C-180/98 sa C-184/98 *Pavel Pavlov et. vs Stichting Pensioenfonds Medische Specialisten* EU:C:2000:428, il-paragrafu 74.

([37]) Il-Kawża C-41/90 *Höfner u Fritz Elser vs Macrotron GmbH* EU:C:1991:161, il-paragrafu 21 u l-Każijiet Magħquda C-180/98 sa C-184/98 *Pavel Pavlov et. vs Stichting Pensioenfonds Medische Specialisten* EU:C:2000:428, il-paragrafu 74.

fil-provvediment ta' oġġetti u servizzi fis-suq ([38]). Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward ta' dawk tal-ewwel ([39]). Is-sempliċi fatt li entità ma jkollhiex skop ta' profitt mhux bilfors ifisser li l-attivitajiet tagħha mhumiex ta' natura ekonomika ([40]).

(162) Fil-każ attwali, Correos toffri servizzi postali bi ħlas fis-suq Spanjol u f'kompetizzjoni ma' forniturі oħra. L-offerta ta' servizzi postali fuq dan is-suq b'hekk tammonta għal attività ekonomika. Il-kumpensi tal-USO jikkumpensaw lil Correos għall-forniment ta' wħud minn dawn is-servizzi postali u b'hekk jikkumpensaw attività ekonomika. Għaldaqstant, fir-rigward tal-attivitajiet iffinanzjati mill-miżuri inkwistjoni, Correos trid tkun kwalifikata bħala impriża.

C. **Vantaġġ ekonomiku**

(163) Vantaġġ għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fl-assenza tal-intervent tal-Istat ([41]). Huwa biss l-effett tal-miżura fuq l-impriża li huwa rilevanti, u la l-kawża u lanqas l-objettiv tal-intervent tal-Istat ([42]). Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża titjieb bħala riżultat tal-intervent tal-Istat, ikun hemm vantaġġ.

(164) Il-kumpensi tal-USO huma mfassla li jkopru l-kost nett kollu kollu jew parti minnu li jiġi sostnut minn Correos fit-twettiq tal-USO. Mingħajr l-intervent mill-Istat, Correos kien ikollha tħallas dawn il-kostijiet hija stess. Il-miżura taħt valutazzjoni teħles lil Correos minn uħud mill-kostijiet tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha u b'hekk ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Correos. Konsegwenza ta' dan, u mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni jekk il-miżura tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Altmark, il-miżura taħt valutazzjoni *prima facie* tagħti vantaġġ lil Correos.

D. **Konformità mal-kriterji Altmark**

(165) Il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil kumpanija li tikkonforma mal-erba' kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ta' Altmark jitqies li ma jagħti l-ebda vantaġġ ekonomiku u b'hekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat ([43]). Dawk il-kriterji kumultattivi huma dawn li ġejjin:

(a) "(…) L-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja jrid effettivament ikollha twettaq obbligi tas-servizz pubbliku, u dawn l-obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar (…).

(b) (…) It-tieni, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti (…).

(c) (…) It-tielet, il-kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa neċessarju biex ikopri l-kostijiet kollha jew parti mill-kostijiet li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-irċevuti rilevanti kif ukoll redditu raġjonevoli (…).

(d) (…) Ir-raba', meta l-impriża li għandha twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku, f'każ speċifiku, ma tintgħażilx skont proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi dawk is-servizzi bl-inqas kost għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi

([38]) Il-Kawża C-118/85 *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs ir-Repubblika Taljana* EU:C:1987:283, il-paragrafu 7.
([39]) Il-Kawża C-82/01 P *Aéroports de Paris vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:C:2002:617, il-paragrafu 74; u l-Kawża C-49/07 *Motosykletistiki Omospondia Ellados NPID (MOTOE) vs Elliniko Dimosio* EU:C:2008:376, il-paragrafu 25. Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (2012/C 8/02), il-paragrafu 9.
([40]) Il-Kawża C-49/07 *Motosykletistiki Omospondia Ellados NPID (MOTOE) vs Elliniko Dimosio* EU:C:2008:376, il-paragrafu 27; u l-Kawża C-244/94 *Fédération Française des Sociétés d'Assurance, Société Paternelle-Vie, Union des Assurances de Paris-Vie and Caisse d'Assurance et de Prévoyance Mutuelle des Agriculteurs vs Ministère de l'Agriculture et de la Pêche* EU:C:1995:392, il-paragrafu 21.
([41]) Il-Kawża C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) et. vs La Poste et.* EU:C:1996:285, il-paragrafu 60; u l-Kawża C-342/96 *ir-Renju ta' Spanja vs. il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:C:1999:210, il-paragrafu 41.
([42]) Il-Kawża C-173/73 *ir-Repubblika Taljana vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:C:1974:71, il-paragrafu 13.
([43]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* EU:C:2003:415.

tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament ipprovduta fi ħdan l-istess settur kienet iġġarrab, filwaqt li jitqiesu l-irċevuti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi."

(166) Fir-rigward tal-kumpens mogħti lil Correos matul il-perjodu taħt rieżami, il-Kummissjoni tikkonferma l-fehmiet li ġew meħuda fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016 ([44]) li t-tielet u r-raba' kriterji Altmark mhumiex sodisfatti.

It-tielet kriterju Altmark

(167) Fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Jannar 2012 rigward bpost ([45]), il-Kummissjoni ddeterminat marġni ta' referenza tal-profitt raġonevoli applikabbli għall-operaturi postali fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ddeterminat dak il-marġni ta' referenza tal-livell ta' profitt fuq il-bażi ta' tlett studji esperti (rispettivament permezz ta' WIK Consult, Deloitte, u Charles River Associates). Dak il-marġni ta' referenza tal-profitt applikabbli għall-operaturi postali kollha tal-UE (espress bħala ROS) huwa bbażat fuq il-profittabbiltà osservata ta' settijiet ta' ditti komparabbli fis-settur postali u tal-pakketti f'diversi pajjiżi. B'mod partikolari, f'każijiet fejn operatur postali huwa espost għal grad sinifikanti ta' riskju, tapplika l-firxa ta' referenza [ROS ta' 5,4-7,4 %], filwaqt li f'każijiet fejn hemm biss riskju limitat, tintuża l-firxa ta' referenza [ROS ta' 3,6-4,8 %] ([46]).

(168) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016, il-Kummissjoni kienet esprimiet dubji li Correos setgħet irċeviet kumpens żejjed abbażi tal-kalkolu li ġej (ara t-tabella 11) bl-użu tal-ogħla parametru referenzjarju tar-ROS determinat fil-każ bpost.

Tabella 11

Kumpens żejjed potenzjali ta' Correos

(Miljuni ta' EUR)

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Dħul USO	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kostijiet USO	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kost nett = Kostijiet-Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Profitt raġonevoli (ibbażat fuq ROS ta' 7,4 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kost nett + profitt raġonevoli	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kumpens permess lil Correos	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kumpens mogħti lil Correos	91,030	87,729	94,757	120,264	142,646	222,478	196,333	955,237
Kumpens żejjed potenzjali = Kumpens mogħti – Kumpens permess	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**

([44]) Ara l-paragrafi 71-82 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016.
([45]) Ara l-premessi 296-320 tad-Deċiżjoni 2012/321/UE.
([46]) Fil-każ ta' bpost, ġie applikat livell raġonevoli ta' profitt ta' 4,8 % għas-snin 2004 u 2005 u ta' ROS ta' 7,4 % għas-snin 2006-2010. Abbażi ta' dawn il-livelli ta' profitt raġonevoli, il-Kummissjoni kkonkludiet li bpost kienet ġiet ikkumpensata żżejjed li wassal għall-irkupru ta' EUR 417 miljun (ara http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-45_en.htm)

(169) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos ([47]) għamlu xi kummenti rigward id-dubji espressi mill-Kummissjoni (ara t-taqsimiet 4.1.1 u 5.1.1):

(a) Il-metodoloġija tal-NAC tista' tintuża biex tivverifika jekk it-tielet (3) kriterju Altmark ġiex issodisfat.

(b) Il-metodoloġija Spanjola hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC.

(c) Il-kumpensi mogħtija lil Correos jikkorrispondu għall-NAC tal-USO, għalhekk ma jistax ikun hemm kumpens żejjed u għalhekk it-tielet (3) kriterju Altmark għandu jitqies sodisfatt.

(d) L-aspettattivi leġittimi japplikaw fir-rigward tat-twettiq tat-tielet (3) kriterju Altmark permezz tal-użu ta' metodoloġija tal-NAC u b'hekk permezz tal-użu tal-metodoloġija Spanjola.

(e) L-awtoritajiet Spanjoli pproponew ukoll alternattiva għall-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet li twassal għal riżultat differenti minn dak tal-Kummissjoni.

(170) Dawn l-argumenti differenti huma diskussi hawn taħt.

— Il-metodoloġija tal-NAC tista' tintuża biex tivverifika jekk it-tielet (3) kriterju Altmark ġiex issodisfat.

(171) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos jikkunsidraw li t-tielet (3) kriterju Altmark jista' jiġi vverifikat permezz ta' metodoloġija tal-NAC (jiġifieri l-assenza ta' kumpens żejjed mitlub mit-tielet (3) kriterju Altmark tista' tiġi vverifikata billi l-NAC tal-SGEI jitqabbel mal-kumpens mogħti lill-fornitur tal-SGEI).

(172) Il-Kummissjoni tfakkar li s-sentenza Altmark ġiet adottata fid-29 ta' Lulju 2003. Ma hemm l-ebda dubju li fil-mument tal-adozzjoni ta' dik is-sentenza, l-uniku metodu ta' kalkolu applikabbli għall-kost nett tal-SGEIs kien il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet. Is-sentenza Altmark innifisha tirreferi għall-kostijiet sostnuti u riċevuti li jidentifikaw mingħajr dubju l-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet filwaqt li l-NAC jistrieħ essenzjament fuq il-kunċett ta' kostijiet evitati (li min-natura tagħhom stess mhumiex sostnuti).

(173) Il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet ġiet inkluża fil-Qafas tal-SGEI tal-2005 ([48]) li kien japplika mid-29 ta' Novembru 2005 sal-31 ta' Jannar 2012, u serviet bħala l-bażi għal diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kumpens għall-USOs f'dak il-perjodu ([49]) Hija wkoll il-metodoloġija li għandha tintuża skont il-Qafas tal-SGEI tal-2012 jekk ma tkunx tista' tiġi applikata l-metodoloġija tal-NAC ([50]). Il-metodoloġija tal-NAC ġiet introdotta biss formalment mill-Kummissjoni, bħala mod validu kif jiġi kkalkolat il-kost nett tal-USO, fid-Direttiva 2008/6/KE (li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011) u l-Qafas tal-SGEI tal-2012 (li daħal fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2012).

(174) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkjarifikat li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv u legali definit direttament mit-Trattat ([51]). Jidher għalhekk żbaljat li l-metodoloġija użata tiġi modifikata maż-żmien għall-evalwazzjoni tal-preżenza ta' għajnuna skont is-sentenza Altmark sabiex tallinjaha mal-għażliet magħżula mill-Kummissjoni fil-qafas tal-SGEI tal-2012, li jiddeskrivi l-kundizzjonijiet għall-kompatibbiltà ta' ċerti kumpensi SGEI. Fi kwalunkwe każ, kif spjegat fil-premessa 172, interpretazzjoni bħal din hija kuntrarja għall-ittra tas-sentenza.

(175) Il-Kummissjoni, għalhekk, ma taqbilx li l-metodoloġija tal-NAC tista' tintuża biex tivverifika l-konformità mat-tielet (3) kriterju tas-sentenza Altmark.

— Il-metodoloġija Spanjola hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC.

(176) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos jiddefendu li l-metodoloġija Spanjola hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC rikonoxxuta bħala metodu xieraq biex jiġi kkalkolat il-kost nett tal-USO fid-Direttiva 2008/6/KE u fil-Qafas tal-SGEI tal-2012.

([47]) Peress li l-kummenti tal-Istat Spanjol u Correos huma konverġenti ħafna, il-Kummissjoni se tirreferi għall-kummenti magħmula mill-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos fil-bqija tad-dokument. Fil-maġġorparti tal-każijiet, l-istess kumment sar miż-żewġ partijiet. F'xi każijiet, sar biss minn wieħed minnhom.

([48]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Qafas tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku (2005) (ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4).

([49]) Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/321/UE u d-Deċiżjoni 2012/636/UE.

([50]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 2 tal-paragrafu 21 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012. Il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet hija deskritta fil-paragrafi 28 et seq. tal-Qafas tal-SGEI tal-2012.

([51]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs il-Kummissjoni, C-487/06 P, ECLI:EU:C:2008:757, il-paragrafu 111.

(177) Il-Kummissjoni tqis li, anki kieku l-metodoloġija tal-NAC tista' tintuża biex tivverifika l-konformità mat-tielet (3) kriterju Altmark, *quod non*, il-metodoloġija Spanjola evidentement ma tistax titqies bħala implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC.

(178) L-ewwel nett, jista' jiġi osservat li, kif rikonoxxut mill-awtoritajiet Spanjoli nfushom, il-metodu Spanjol japplika l-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet għas-Settur Riżervat tal-USO (ara l-premessa 139). Skont l-awtoritajiet Spanjoli, huwa biss l-approċċ applikat fis-settur mhux riżervat tal-USO (fejn il-kost nett huwa daqs is-somma tat-telf tas-segmenti li jagħmlu telf tas-settur mhux riżervat tal-USO) li jista' potenzjalment jiġi pparagunat mal-NAC (ara l-premessa 139). Dan l-approċċ doppju jidher fih innifsu li qed jikkontradixxi l-metodoloġija tal-NAC kif deskritta ([52]) u implimentata mill-Kummissjoni fil-prattika tad-deċiżjoni tagħha ([53]), li timplika li s-sitwazzjoni tal-kumpanija sħiħa tiġi mqabbla bl-obbligu tas-servizz pubbliku kif ukoll mingħajru (f'dan il-każ l-USO).

(179) Anke meta jrid jiġi kkunsidrat biss is-settur mhux riżervat tal-USO, il-metodoloġija Spanjola tippreżenta wkoll għadd ta' differenzi meta mqabbla mal-metodoloġija tal-NAC, kif deskritta u implimentata mill-Kummissjoni fil-prattika deċiżjonali tagħha.

(180) L-ewwel nett, il-metodoloġija Spanjola ma tidher li hi mibnija fuq l-ebda xenarju kontrofattwali realistiku li huwa element ewlieni tal-metodoloġija tal-kost evitat nett. Fil-fatt, hija tikkunsidra biss *ex-post* it-telf taċ-ċentri tal-kostijiet li jagħmlu t-telf. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li hija mibnija fuq xenarju kontrofattwali impliċitu: kwalunkwe operatur privat ma kienx ikompli dawn iċ-ċentri li jagħmlu t-telf fin-nuqqas ta' obbligi ta' servizz pubbliku (ara l-premessa 139). Madankollu, approċċ bħal dan ma jidhirx li jiddeskrivi strateġija kummerċjali reali li tkun teħtieġ li ċ-ċentri tal-kostijiet jiġu ddeterminati *ex-ante* biex operatur ma jkomplix, peress li ma jistax ikun mistenni li jkun jaf minn qabel eżattament liema ċentri tal-kostijiet qed jagħmlu t-telf Barra minn hekk, il-metodoloġija Spanjola tidher li timplika li ċ-ċentri tal-kostijiet jistgħu jitwaqqfu u jinħolqu mill-ġdid meta jridu minn sena għal oħra matul il-perjodu ta' valutazzjoni, li mhuwiex xenarju kontrofattwali realistiku.

(181) Barra minn hekk, il-metodoloġija Spanjola ma tikkorreġix għall-impatt tal-waqfien tal-forniment ta' dawk il-flussi tat-traffiku mhux profitabbli dwar il-profitabbiltà ta' prodotti u servizzi (USO jew mhux USO) oħrajn, kif mitlub ukoll mill-metodoloġija tal-NAC.

(182) Fl-aħħar nett, il-metodoloġija Spanjola ma tiħux inkunsiderazzjoni benefiċċji intanġibbli u tas-suq u lanqas ma għandha inċentivi għall-kosteffiċjenza, kif tesiġi l-metodoloġija tal-NAC.

(183) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma tqisx li l-metodoloġija Spanjola hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC.

— Il-kumpensi mogħtija lil Correos jikkorrispondu għall-NAC tal-USO, b'hekk ma jista' jkun hemm l-ebda kumpens żejjed u għalhekk it-tielet (3) kriterju Altmark jenħtieġ li jitqies sodisfatt.

(184) Kif spjegat fil-premessi 172 sa 175, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li l-metodoloġija tal-NAC hija xierqa biex tivverifika t-tielet (3) kriterju Altmark, barra minn hekk kif spjegat fil-premessi 176 sa 183, il-Kummissjoni ma tqisx li l-metodoloġija Spanjola hija implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC.

(185) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-kumpensi mogħtija lil Correos skont il-metodoloġija Spanjola ma jikkorrispondux għall-NAC tal-USO u li anki li kieku kienu jikkorrispondu, dan ma jkunx biżżejjed biex jiżgura l-konformità mat-tielet (3) kriterju Altmark.

([52]) Kif deskritt, pereżempju, fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkompanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali u b'mod partikolari l-Anness dwar il-kalkolu tal-kost nett tal-obbligu ta' servizz universali postali. Gwida ulterjuri tinsab fil-prattika deċiżjonali tal-għajnuna mill-Istat tal-Kummissjoni mill-2012.

([53]) Ara pereżempju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2015 fil-kawża SA.43243 (2015/N) - Kumpensi tal-Istat mogħtija lil Poste Italiane SpA għall-forniment tas-servizz postali universali matul il-perjodi 2012-2015 u 2016-2019 (ĠU C 104, 18.3.2016, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2014 fil-Kawża SA.35608 (2014/C) implimentata mill-Greċja favur Hellenic Post (ELTA) (ĠU C 348, 3.10.2014, p. 48), id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Awwissu 2016 fil-kawża SA.38869 (2014/N) Kumpens lil Poczta Polska għall-kost nett ta' USO 2013-2015 (ĠU C 284, 5.8.2016, p. 1).

— L-aspettittivi leġittimi japplikaw fir-rigward tat-twettiq tat-tielet (3) kriterju Altmark bl-użu tal-metodoloġija tal-NAC u għalhekk bl-użu tal-metodoloġija Spanjola.

(186) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos isostnu li Spanja jista' jkollha aspettattivi leġittimi rigward l-issodisfar tat-tielet (3) kriterju Altmark permezz tal-użu tal-metodoloġija tal-NAC u tal-metodoloġija Spanjola.

(187) Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ([54]), fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, li meta għajnuna ma tkunx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni, u għalhekk tkun għajnuna illegali, ma jista' jkun hemm l-ebda rikors għall-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Għaldaqstant, aspettattiva leġittima li l-għajnuna mogħtija hija legali ma tistax, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tiġi invokata jekk din l-għajnuna tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni.

(188) Spanja qatt ma nnotifikat kumpensi tal-USO lill-Kummissjoni minkejja l-pubblikità magħmula mill-Kummissjoni dwar il-prattika deċiżjonali tagħha tal-għajnuna mill-Istat fis-settur postali ([55]). B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet tal-għajnuna mill-Istat tal-Kummissjoni fis-settur postali disponibbli pubblikament jivvalutaw il-konformità mal-kundizzjonijiet Altmark u l-ebda waħda minnhom ma aċċettat il-metodoloġija tal-NAC bħala mezz xieraq biex jiġi vverifikat it-tielet (3) kriterju Altmark. Barra minn hekk, diversi deċiżjonijiet jipprovdu gwida dwar l-approċċ tal-Kummissjoni rigward il-metodoloġija tal-NAC ([56]) u fuq dik il-bażi huwa ċar li l-metodoloġija Spanjola ma tikkorrispondix mal-metodoloġija tal-NAC kif implimentata mill-Kummissjoni (kif spjegat fil-premessi 177 sa 183).

(189) Il-Kummissjoni tqis li r-rapport NERA, li ħareġ fl-1998 (li ma kellu ebda effett vinkolanti), ma jista joħloq ebda aspettattiva leġittima rigward il-valutazzjoni tal-preżenza tal-għajnuna fil-kumpensi għas-servizz pubbliku, li ġiet definita b'mod ċar mis-sentenza Altmark tal-2003 u mill-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni sa minn din is-sentenza.

— L-awtoritajiet Spanjoli pproponew ukoll alternattiva għall-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet li twassal għal riżultat differenti minn dak tal-Kummissjoni.

(190) L-awtoritajiet Spanjoli jissuġġerixxu approċċi differenti biex jiġi kkalkolat il-kumpens żejjed tal-USO (ara t-taqsima 5.3.1).

(191) Mingħajr ma tieħu pożizzjoni f'dan l-istadju dwar dawn l-approċċ alternattivi, il-Kummissjoni tinnota li huma jwasslu wkoll għall-konklużjoni li Correos ġiet ikkumpensata żżejjed għall-konsenja tas-servizzi mhux riżervati tal-USO. Fuq dak il-bażi, it-tielet (3) kriterju Altmark mhuwiex issodisfat.

Ir-raba' kriterju Altmark

(192) Rigward ir-raba' kriterju Altmark, il-fatt li l-USO ma ngħatax riżultat ta' proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa, iżda ġie fdat direttament lil Correos mill-awtoritajiet Spanjoli, mhuwiex ikkontestat.

(193) Madankollu, l-awtoritajiet Spanjoli argumentaw li Correos huwa kkumpensat skont il-kostijiet ta' impriża mmexxija tipikament tajjeb. B'appoġġ għal dik il-pretensjoni, l-awtoritajiet Spanjoli pprovdew studju minn Frontier Economics lill-Kummissjoni.

(194) L-istudju għandu l-għan li jippreżenta analiżi komparattiva tal-kostijiet ta' Correos mal-kostijiet ta' operaturi postali oħrajn Ewropej responsabbli sabiex jipprova li l-kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos jissodisfaw ir-raba' kriterju Altmark. L-istudju juża mudell ekonometriku biex jistima l-kostijiet ta' impriża ipotetika mmexxija tipikament tajjeb fuq il-bażi ta' informazzjoni minn diversi fornituri tal-USO postali Ewropej. Il-kostijiet reali ta' Correos huma mqabbla mal-kostijiet li din l-impriża mmexxija tipikament tajjeb kien ikollha li kieku kellha tkun f'sitwazzjoni (eż. fir-rigward tad-densità tan-netwerk) simili għal dik ta' Correos. Ir-riżultati tal-istudju jissuġġerixxu li l-kostijiet ta' Correos fil-perjodu 2005-2010 kienu aktar baxxi minn dawk tal-impriża ipotetika mmexxija tipikament tajjeb kif stmat mill-mudell ekonometriku.

([54]) Il-Kawża C-471/09 P Diputación Foral de Vizcaya et vs il-Kummissjoni, ECLI:EU:C:2011:521, il-paragrafu 65.
([55]) Stqarrijiet għall-istampa, pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet fuq is-sit web tagħha.
([56]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 53

(195) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016, il-Kummissjoni esprimiet dubji rigward il-fatt li l-impriża ipotetika mmexxija tipikament tajjeb ddefinita fl-istudju hija fil-fatt operatur postali effiċjenti. Fil-fatt, ma ġiex muri li l-forniturі tal-USO li ġew analizzati biex jistabbilixxu dan il-parametru referenzjarju huma nfushom operaturi effiċjenti. Minflok, l-istudju sempliċement isemmi li dawn l-operaturi postali huma kkunsidrati "mmexxija sew u pprovduti b'mod xieraq, għax ma hemm l-ebda evidenza ta' kwalunkwe tip li turi li dawn huma ineffiċjenti, jew li turi li għandhom inċentivi biex joperaw b'mod ineffiċjenti". Dan l-argument, madankollu, huwa aktar diffiċli li wieħed jaċċetta jekk jitqies li s-sett jinkludi fornituri tal-USO ([57]) li rċevew kumpens tal-USO, u li għalihom il-Kummissjoni diġà adottat deċiżjonijiet li jikkonkludu li l-kostijiet tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala kostijiet effiċjenti ([58]).

(196) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos jargumentaw li l-Kummisjoni ma ddikjaratx formalment fid-deċiżjonijiet dwar il-kumpensi tal-USO mogħtija lil Hellenic Post u Poste Italiane li l-operatur ma kienx effiċjenti (ara l-premessi 62 u 95). Jista' jiġi nnutat li l-Kummissjoni rrifjutat approċċ simili fid-deċiżjoni tal-2012 ta' Poste Italiane ([59]) abbażi ta' tqabbil ma' sett ta' operaturi postali minħabba l-fatt li l-informazjoni disponibbli ma kinitx tippermetti li jiġi konkluż li dawn l-operaturi kienu effiċjenti. Il-Kummissjoni ssostni l-opinjonijiet tagħha li mhuwiex possibbli li wieħed sempliċement jassumi li l-operaturi postali medji huma kosteffiċjenti, b'mod partikolari fid-dawl tar-ristrutturar kontinwu li qed ikollu impatt fuq dan is-settur.

(197) Barra minn hekk, il-kumpens tal-USO ta' Correos ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-metodoloġija Spanjola li, skont l-awtoritajiet Spanjoli, tikkostitwixxi applikazzjoni tal-metodoloġija tal-NAC. Dan l-aspett jidher li jikkontradixxi r-raba' kriterju Altmark li jirreferi għall-kost sostnut ta' impriża mmexxija tjjeb.

(198) Finalment, kif ġie spjegat fil-premessi 167-168, il-Kummissjoni tqis li t-tielet (3) kriterju Altmark mhuwiex issodisfat għax il-metodoloġija użata mill-awtoritajiet Spanjoli tidher li rriżultat f'ammonti ta' kumpens li qabżu l-kost nett tal-USO ta' Correos (inkluż profitt raġonevoli) Dan ifisser li anki jekk jiġi aċċettat li l-kostijiet ta' Correos huma dawk ta' impriża mmexxija tajjeb, xorta ma jistax jitqies li l-kumpens mogħti lil Correos ġie stabbilit fuq il-bażi ta' dawn il-kostijiet.

(199) Konsegwentent, ma jistax jiġi konkluż li l-livell ta' kumpens mogħti lil Correos ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-kostijiet, li kienet issostni impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat fl-istess settur, meta jitqiesu l-irċevuti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi.

Konklużjoni

(200) Il-Kummissjoni tikkonkludi li tnejn mill-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark mhumiex issodisfati fil-każ attwali, u għalhekk irid jitqies li l-kumpensi qed jikkonferixxu vantaġġ lil Correos.

7.1.1.3. ***Id-Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ***

(201) L-għajnuna pubblika għall-impriżi jammonta biss għal għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat jekk "twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni" u biss safejn "tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri".

(202) Rigward il-prinċipju tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, miżura mogħtija minn Stat titqies li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni meta huwa probabbli li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta mqabbla ma' dik ta' impriżi oħra li jikkompeti magħhom ([60]). Għall-finijiet prattiċi kollha, distorsjoni tal-kompetizzjoni hija għalhekk preżunta hekk kif Stat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn hemm, jew jista' jkun hemm, kompetizzjoni.

([57]) E.ż. Hellenic Post, Poste Italiane.

([58]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 fil-Kawża SA.33989 (2012/NN) implimentata mill-Italja favur Poste Italiane (ĠU C 77, 15.3.2013, p. 12) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.35608 (2014/C) implimentata mill-Greċja favur Hellenic Post (ELTA).

([59]) Ara l-paragrafu 50 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.33989 (2012/NN) implimentata mill-Italja favur Poste Italiane.

([60]) Il-Kawża 730/79 *Philip Morris Holland BV vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:C:1980:209, il-paragrafu 11; u l-Każijiet Magħquda T-298/97, T-312/97, T-313/97, T-315/97, T-600/97 sa 607/97, T-1/98, T-3/98 to T-6/98 u T-23/98 *Alzetta Mauro et. vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:T:2000:151, il-paragrafu 80.

(203) Rigward il-prinċipju tal-effett fuq il-kummerċ, il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li kwalunkwe għotja ta' għajnuna lil impriża li teżerċita l-attivitajiet tagħha fis-suq intern tista' possibilment taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri ([61]). Fil-qasam tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, effett fuq il-kummerċ mhuwiex preklużż *a priori* mill-karattru lokali jew reġjonali tas-servizz ipprovdut. Filwaqt li ma hemm ebda livell limitu strett jew perċentwal li taħthom jista' jitqies li l-kummerċ bejn l-Istati Membri mhuwiex affettwat, l-ambitu limitat tal-attività ekonomika, kif jista' jkun evidenzjat minn dħul baxx ħafna, jagħmel il-preżenza ta' effett fuq il-kummerċ anqas probabbli.

(204) Fir-rigward ta' dan il-każ, il-Kummisjoni tosserva li Correos kienet attiva fis-swieq għal oġġetti postali u pakketti li huma kkaratterizzati minn kompetizzjoni qawwija ma' fornituri oħra minn Stati Membri differenti (jiġifieri Deutsche Post, TNT, La Poste, UPS, CTT Correios Portugal u Royal Mail). Konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda dubju li kwalunkwe miżura li tibbenefika lil Correos tista' taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

7.1.1.4. ***Konklużjoni***

(205) Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998 jissodisfaw il-kriterji kumulattivi tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u li l-miżura, għalhekk, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dik id-dispożizjzoni.

7.1.2. GĦAJNUNA EŻISTENTI JEW ĠDIDA

(206) L-Artikolu 1(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([62]) jipprevedi li għajnuna eżistenti tfisser "l-għajnuna kollha qabel id-dħul fis-seħħ tat-TFUE fl-Istat Membri rispettivi." B'hekk isegwi li kwalunkwe skema ta' għajnuna li kienet teżisti fi Spanja qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 1986 jenħtieġ li titqies bħala għajnuna eżistenti.

(207) Skont l-Artikolu 1(c) tal-istess regolament: "għajnuna ġdida' tfisser kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti." Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li tistabbilixxi jekk għajnuna ġietx mibdula, huwa deċiżiv li jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet li jippreveduha ġewx mibdula ([63]). Fis-sentenzi sussegwenti, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali komplew elaboraw dwar x'tip ta' alterazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-għajnuna tibdel għajnuna eżistenti f'għajnuna ġdida. Skont il-Qorti Ġenerali, "huwa biss meta l-bidla taffettwa s-sustanza attwali tal-iskema oriġinali li din tal-aħħar hija ttrasformata fi skema ta' għajnuna ġdida. Ma jistax ikun hemm lok għal bidla sostantiva bħal din meta l-element il-ġdid ikun separat b'mod ċar mill-iskema inizjali." ([64])

(208) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Postali tal-1998, it-telf globali nett ta' Correos (irrispettivament minn jekk dan it-telf kienx ikkawżat minn attivitajiet inklużi fl-USO jew le) kien ikkompensat direttament mill-baġit tal-Istat Spanjol. Wara l-adozzjoni tal-Liġi Postali tal-1998, l-Istat illimita l-finanzjament pubbliku ta' Correos għall-kumpens għall-forniment ta' attività tal-USO definita ġdida u ċirkoskritta u mhux aktar għat-telf nett globali tal-kumpanija.

(209) Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsida li n-natura tal-kumpens tal-USO ġiet mibdula fundamentalment b'żewġ modi. L-ewwel, il-Liġi Postali tal-1998 naqqset l-ambitu tal-kumpens billi llimitatu għal attivitajiet tal-USO, filwaqt li qabel l-attivitajiet kollha ta' Correos (jiġifieri inkluż dawk mhux tal-USO) kienu eliġibbli għal kumpens. Ta' min jinnota li tali tnaqqis fl-ambitu huwa kkunsidrat li jikkostitwixxi bidla fundamentali u mhux

([61]) Il-Kawża 730/79 *Philip Morris Holland BV vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, EU:C:1980:209 il-paragrafi 11 u 12; u l-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest (Flemish Region) vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* EU:T:1998:77, il-paragrafi 48-50.

([62]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([63]) Il-Kawża C-44/93 *Namur-Les Assurances* EU:C:1994:311, il-paragrafi 28 u 35.

([64]) Ara l-Każijiet Maghquda T-195/01 u T-207/01 *Government of Gibraltar vs il-Kummissjoni* EU:T:2002:111, il-paragrafu 111.

sempliċi tnaqqis tal-kumpens ([65]). Fil-fatt, skont is-sitwazzjonijiet finanzjarji rispettivi tas-servizzi tal-USO u mhux tal-USO, il-bidla tista' tirriżulta f'żieda jew tnaqqis tal-kumpens ([66]). It-tieni, il-metodu li jiddetermina l-ammont ta' kumpens ġie mibdul ukoll permezz tal-*Plan de Prestación* tal-2000 (ara l-premessa 26). Fil-fatt, filwaqt li inizjalment il-kumpens USO kien ibbażat fuq it-telf nett imġarrab minn Correos, il-*Plan de Prestación* kien jirrikjedi l-użu ta' metodoloġija speċifika (ara l-premessi 27 u 28) biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' dan il-kumpens.

(210) Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra li l-iskema ġiet mibdula b'mod sinifikanti mill-adeżjoni ta' Spanja mal-Unjoni Ewropea fl-1986. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998 ma jistgħux jikkawlifikaw bħala għajnuna eżistenti għall-finijiet tal-għajnuna mill-Istat u għalhekk iridu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna ġdida, tal-anqas mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi Postali tal-1998 fis-sena 1998.

7.1.3. IL-LEGALITÀ TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA

(211) Il-Kummissjoni tinnota li l-kumpensi tal-USO koperti minn din id-deċiżjoni, safejn jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, ma kinux soġġetti għal notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Għalhekk, il-kumpensi USO jikkostitwixxu għajnuna illegali fis-sens tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament (UE) 2015/1589.

7.1.4. IL-KOMPATIBBILTÀ MAS-SUQ INTERN

7.1.4.1. ***Il-bażi ġuridika***

A. **Kompatibbiltà skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat**

(212) Safejn il-kumpensi tal-USO għall-benefiċċju ta' Correos jammontaw għal għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern għandha tiġi vvalutata. Ir-raġunijiet li għalihom miżura ta' għajnuna mill-Istat tista' jew trid tiġi ddikkjarata kompatibbli mas-suq intern huma elenkati fl-Artikoli 106(2), 107(2), u 107(3) tat-Trattat.

(213) Meta jitqies li l-awtoritajiet Spanjoli ddikkjaraw b'mod konsistenti li l-kumpensi USO mogħtija lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998 jikkostitwixxu kumpens għat-twettiq ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI"), il-kompatibbiltà ta' dawk il-kumpensi mas-suq intern se jkun jeħtieġ li tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat. Dan l-artikolu jipprovdi li

"impriżi nkarigati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom karattru ta' monopolju li jipproduċi d-dħul għandhom ikunu soġġetti għar-regoli li jinsabu fit-Trattati, b'mod partikolari għar-regoli dwar il-kompetizzjoni, sakemm l-applikazzjoni ta' tali regoli ma tostakolax il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari assenjati lilhom. L-iżvilupp tal-kummerċ ma jridx jiġi affettwat sa punt fejn ikun kuntrarju għall-interessi tal-Unjoni."

B. **Applikazzjoni temporanja tal-Pakkett tal-SGEI tal-2012**

(214) Il-Kummissjoni stabbiliet il-kundizzjonijiet skont liema hija tapplika l-Artikolu 106(2) tat-Trattat f'serje ta' strumenti, l-aktar riċenti, fost l-oħrajn, il-Qafas tal-SGEI tal-2012 u d-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2012 ([67]) (minn hawn 'il quddiem flimkien: "il-pakkett SGEI tal-2012"). Preċedentement, il-Kummissjoni kienet ħarġet u applikat il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat stabbiliti fil-Qafas tal-SGEI tal-2005 ([68]) u fid-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 ([69]).

([65]) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1), il-modifiki ta' natura purament formali jew amministrattivi li ma jistgħux jaffettwaw il-kompatibilità tal-miżura tal-għajnuna mas-suq komuni, kif ukoll żieda fil-baġit oriġinali ta' skema tal-għajnuna eżistenti sa 20 % ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala bidla f'għajnuna eżistenti.

([66]) Pereżempju, jekk is-servizzi tal-USO kienu qed jagħmlu telf iżda b'mod ġenerali l-kumpanija kienet qed tagħmel profitt, l-ebda kumpens ma kellu jiġi mogħti, filwaqt li xi kumpens setgħa jingħata wara l-bidla. Alternattivament, jekk il-kumpanija tkun qed tagħmel telf b'mod ġenerali b'USO profittabbli ħafna, hija tirċievi kumpens.

([67]) Id-Deċiżjoni 2012/21/UE.

([68]) Il-Qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz publiku (ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4).

([69]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67).

(215) Fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-SGEI tal-2012, peress li l-ammont ta' kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos matul il-perjodu 2004-2010 huma aktar minn EUR 15 miljun fis-sena, dak il-kumpens ma jaqax fl-ambitu tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2012, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tagħha. Huma ma jaqgħux ukoll fl-ambitu tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tagħha.

(216) Fl-istadju attwali tal-iżvilupp tas-suq intern, l-għajnuna mill-Istat li taqa barra mill-ambitu tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2012 tista' tiġi ddikjarata inkompatibbli mal-Artikolu 106(2) tat-Trattat jekk hija meħtieġa għall-operazzjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali kkonċernat u ma taffettwax l-iżvilupp tal-kummerċ sal-punt li tkun kontrarja għall-interessi tal-Unjoni ([70]).

(217) Il-Qafas tal-SGEI tal-2012 jiddeskrivi l-kundizzjonijiet skont liema jinkiseb bilanċ bħal dan. Madankollu, f'konformità mal-paragrafu 69 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012, peress li l-kumpensi tal-USO matul il-perjodu 2004-2010 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin ta' dak il-qafas ma japplikawx għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat:

— Paragrafu 14: tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku meta fornitur jiġi fdat b'SGEI partikolari;

— Paragrafu 19: Konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE meta jiġi fdat SGEI;

— Paragrafu 20: nuqqas ta' diskriminazzjoni;

— Paragrafu 24 (u 'l quddiem): applikazzjoni tal-metodoloġija tal-NAC biex jiġi kkalkolat il-kost nett;

— Paragrafu 39 (u 'l quddiem): inċentivi tal-effiċjenza;

— Paragrafu 60: trasparenza.

(218) Għalhekk, fit-taqsima li ġejja, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kumpensi tal-USO skont il-Qafas tal-SGEI tal-2012, eskluża l-paragrafi msemmija hawn fuq, u tiddetermina jekk dawn il-kumpensi jikkonformawx mal-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dak il-qafas.

7.1.4.2. ***Il-kompatibilità skont il-Qafas SGEI tal-2012***

A. **Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġenwin kif imsemmi fl-Artikolu 106 tat-Trattat**

(219) Is-servizz fdat lil Correos mill-Istat Spanjol huwa s-servizz postali universali kif meħtieġ mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/6/KE li jaqra: "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jgawdu d-dritt ta' servizz universali li jinvolvi l-forniment permanenti ta' servizz postali ta' kwalità speċifikata fil-punti kollha fit-territorju tagħhom bi prezzijiet li wieħed jaffordja għall-konsumaturi kollha.". Kif spjegat fil-premessi 4 sa 8 tad-Direttiva 2008/6/KE li temenda d-Direttiva 97/67/KE l-obbligi tas-servizz postali universali kif definiti fid-Direttiva dwar is-Servizzi Postali huma rikonoxxuti mill-Unjoni bħala li jikkostitwixxu servizzi ġenwini ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

B. **Ħtieġa ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens**

(220) Kif indikat fit-taqsima 2.3 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012, il-kunċett tal-SGEI skont it-tifsira tal-Artikolu 106 tat-Trattat ifisser li l-impriża inkwistjoni ġiet inkarigata bl-operat tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali permezz ta' att uffiċjali wieħed jew aktar.

(221) Dawk l-atti jridu jispeċifikaw, b'mod partikolari:

(1) In-natura preċiża tal-obbligu tas-servizz pubbliku u d-durata tiegħu;

(2) L-impriża u t-territorju konċernat;

([70]) Ara l-paragrafu 11 tal-Qafas tal-SGEI tal-2012.

(3) In-natura tad-drittijiet esklussivi assenjati lill-operatur;

(4) Id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens u l-parametri għall-kalkolu, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-kumpens;

(5) L-arranġamenti biex jiġi evitat u mħallas lura kull kumpens żejjed.

(222) Il-Liġi Postali tal-1998 u l-Plan de Prestación tal-2000 li kkostitwew l-atti ta' inkarigu rilevanti għall-perjodu 2004-2010 jiddefinixxu b'mod ċar u jinkarigaw lil Correos bl-USO. It-territorju kkonċernat huwa t-territorju nazzjonali sħiħ ta' Spanja.

(223) Fl-Artikolu 19 tagħha, il-Liġi Postali Spanjola tal-1998 tindika wkoll id-drittijiet esklussivi mogħtija lil Correos. Dawk id-drittijiet jinkludu, pereżempju, l-użu tal-marka "España", il-kelma "Correos" u s-simboli relatati.

(224) Il-*Plan de Prestación* tal-2000 jipprevedi mekkaniżmu li jikkalkola l-kost nett tal-USO (il-metodoloġija Spanjola) li jintuża bħala l-bażi għall-ammont ta' kumpens ([71]). Il-mekkaniżmu ta' kumpens u l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens jistgħu għalhekk jiġu meqjusa definiti.

(225) Peress li l-metodoloġija Spanjola pprevediet li jenħtieġ li l-ammont tal-kumpensi tal-USO jikkorrispondi għall-kalkolu *ex-post* tal-kost nett, jista' jiġi aċċettat li s-sistema kienet imfassla biex tevita l-kumpens żejjed safejn il-metodoloġija għall-kalkolu tkun ġiet meqjusa affidabbli. Filwaqt li l-Kummissjoni tikkontesta l-applikabbiltà tal-metodoloġija Spanjola, din mhijiex meqjusa li taffettwa l-konformità mal-kundizzjoni li jkunu previsti mekkaniżmi biex jiġi evitat il-kumpens żejjed.

(226) Il-Kummissjoni, għalhekk, tqis li l-inkarigu ta' Correos jista' jitqies li hu konformi mal-Qafas tal-SGEI tal-2012.

C. **Durata tal-perjodu tal-inkarigu**

(227) Kif indikat fit-taqsima 2.4 tal-qafas tal-SGEI tal-2012, "id-durata tal-perjodu tal-inkarigu għandha tiġi ġustifikata b'referenza għall-kriterji oġġettivi bħall-ħtieġa li tamortizza assi fissi mhux trasferibbli. Fil-prinċipju, id-durata tal-perjodu tal-inkarigu ma għandiex teċċedi l-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-assi l-aktar sinifikanti meħtieġa biex jipprovdi l-SGEI."

(228) Il-Liġi Postali Spanjola tal-1998 ma speċifikatx id-durata tal-inkarigu tal-USO lil Correos. Madankollu, l-inkarigu ntemm fl-2011, meta l-Liġi Postali Spanjola ġdida tal-2010 daħlet fis-seħħ, u għalhekk id-durata attwali tal-inkarigu kienet ta' 12-il sena.

(229) L-ewwel nett, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li dan ir-rekwiżit tal-Qafas tal-SGEI tal-2012 jista' jwassal għal inkompatibbiltà tal-għajnuna li tiġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Qafas. Fil-fatt, l-objettivi tad-dispożizzjoni tad-durata limitata inklużi fil-Qafas tal-SGEI tal-2012 huma li jiżguraw li l-Istat jirrieżamina s-sitwazzjoni tas-suq regolarment biex jivverifika li ż-żamma tas-servizz pubbliku għadha ġustifikata u tippermetti l-kompetizzjoni għall-għoti ta' dan is-servizz pubbliku permezz tal-applikazzjoni ta' regoli tal-akkwist pubbliku. Objettivi bħal dawn ma jistgħux jiġu segwiti għal miżura li tiġi kompluta fil-passat u li għalhekk ma tistax twassal għal inkompatibbiltà tal-kumpensi tal-USO mogħtija sal-2010 ([72]).

(230) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li t-tul ta' żmien ta' 12-il sena tal-inkarigu ma jidhirx eċċessiv u huwa simili għall-perjodi ta' inkarigu li japplikaw għal forniturі oħra ta' USO fl-UE ([73]).

(231) Għalhekk jista' jiġi aċċettat li t-tul ta' żmien ta' 12-il sena ma jaqbiżx il-perjodu ta' deprezzament tal-aktar assi sinifikanti użati minn Correos għall-forniment tal-USO kif meħtieġ mill-Qafas SGEI tal-2012.

([71]) Ara l-premessa 28.
([72]) Id-dispożizzjoni tista' tapplika għal miżura li tibda fil-passat u li għadha għaddejja. F'każ bħal dan, tista' possibilment tintalab modifika jew terminazzjoni tal-inkarigu.
([73]) Ara pereżempju *La Poste* (Franza), *Poste Italiane* (l-Italja) u *ELTA* (il-Greċja): ħmistax-il sena kollha.

D. **Konformità mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE** ([74])


(232) Skont il-paragrafu 18 tal-Qafas SGEI tal-2012, "l-għajnuna se titqies kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat biss meta l-impriża tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2006/111/KE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi"

(233) L-Artikolu 29 tal-Liġi Postali Spanjola tal-1998 jimponi kontijiet separati fis-sistema interna ta' kontabilità tal-fornitur tas-servizz universali.

(234) Dan l-obbligu huwa implimentat b'mod partikolari permezz tal-Ordni FOM/2447/2004 tat-12 ta' Lulju dwar "il-kontabilità analitika u s-separazzjoni tal-kontijiet". Il-Kummissjoni vverifikat li l-prinċipji stabbiliti f'dak ir-regolament huma konformi, f'termini ta' allokazzjoni ta' kostijiet diretti u mhux korretti, mal-prinċipji stabbiliti fil-Qafas SGEI tal-2012 ([75]).

(235) Barra minn hekk, wara t-talba tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016, l-awtoritajiet Spanjoli pprovdew lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dettaljata tas-sistema kontabilistika analitika ta'

Correos li hija miġbura fil-qosor fil-figura.



(236) Kif muri fil-premessa 235, is-sistema kontabilistika tal-kostijiet ta' Correos hija bbażata fuq il-metodoloġija tal-kontabbiltà tal-kostijiet imsejħa kkostjar ibbażat fuq l-attività. Is-sistema tal-kostijiet ibbażata fuq l-attività hija metodu partikolari tal-metodu ta' allokazzjoni tal-kostijiet imqassma b'mod sħiħ, li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Qafas SGEI tal-2012 ([76]) u hija konformi wkoll mar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur dwar il-kontabbiltà separata stabbiliti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali.

(237) Il-mudell analitiku ta' Correos essenzjalment jinkludi l-fażijiet li ġejjin:

(1) Id-determinazzjoni tal-kostijiet li għandhom jiġu attribwiti mill-kont tal-Profitt u t-Telf: Fl-2005, il-kostijiet imputabbli kienu jammontaw għal madwar […] biljun EUR.

([74]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).
([75]) Ara l-paragrafu 31 tal-Qafas SGEI tal-2012.
([76]) Ara l-paragrafu 44 tal-Qafas SGEI tal-2012.

(2) L-imputazzjoni tal-kostijiet għal ċentri tal-kostijiet:

(a) Perċentwal żgħir tal-kostijiet ([…]% — madwar EUR […] miljun fl-2005) huwa attribwit direttament għall-prodotti finali.

(b) Il-biċċa l-kbira tal-kostijiet imputabbli ([…]% - EUR […] biljun) huma attribwiti lil ċentri ta' kostijiet (CeCoS).

Is-CeCoS (kien hemm […] CeCoS fl-2005) huma l-unità bażika tas-sistema kontabilistika analitika. Huma definiti bħala unità ta' konsum ta' riżorsi li huma rilevanti minn perspettiva ta' kontabilità tal-kostijiet.

Is-sistema kontabilistika analitika ta' Correos tagħmel distinzjoni bejn:

— CeCoS operattivi: li jikkonsmaw riżorsi li huma direttament relatati mal-prodotti u s-servizzi finali (pereżempju l-uffiċċju postali). Kien hemm […] CeCoS operattiv fis-sistema kontabilistika analitika ta' Correos fl-2005. Fl-2005, kien qed jingħata ammont ta' EUR […] biljun lil CeCoS operattivi.

— CeCos strutturali: li jikkonċentraw il-kostijiet strutturali li mhumiex direttament relatati mal-prodotti u s-servizzi finali. Dawn jikkorrispondu b'mod partikolari mal-appoġġ, l-amministrazzjoni, il-ġestjoni tar-riżorsi umani, il-funzjonijiet tal-IT. Kien hemm 180 CeCoS strutturali fis-sistema kontabilistika analitika ta' Correos fl-2005. Fl-2005, kien attribwit ammont ta' EUR […] miljun lil CeCoS strutturali.

(c) Il-kostijiet imputati lis-CeCoS strutturali jiġu mbagħad distribwiti lil CeCoS operattivi abbażi ta' relazzjoni ta' kawżalità bejn is-CeCoS operattivi u s-CeCoS strutturali.

(3) L-imputazzjoni tal-attivitajiet tal-kostijiet attribwiti lis-CeCoS:

L-attivitajiet huma grupp ta' kompiti omoġeni li għandhom l-għan li jipprovdu servizzi finali jew li jappoġġjaw il-provvista tagħhom (pereżempju separazzjoni manwali, issortjar awtomatiku, trasport...). 16-il attività huma distinti fis-sistema kontabilistika analitika ta' Correos fl-2005.

Il-kostijiet attribwiti lil CeCoS operattivi huma distribwiti lil attivitajiet ibbażati fuq il-konsum mill-attivitajiet tar-riżorsi tas-CeCoS.

(4) Imputazzjoni għal kull prodott finali u għal kull servizz tal-kostijiet tal-attivitajiet:

Il-kostijiet huma attribwiti għal prodotti u servizzi finali abbażi tar-rabta kawżali tagħhom mal-attivitajiet.

(5) Id-determinazzjoni tad-dħul għal kull prodott u servizz finali

Sabiex jiġi ddeterminat id-dħul, jiġu segwiti l-passi li ġejjin:

(a) L-ewwel nett, id-dħul tal-ammont li għandu jiġi distribwit huwa ddeterminat mill-kont tal-Profitt u t-Telf: Fl-2005, id-dħul imputabbli kien jammonta għal madwar EUR […] biljun.

(b) Parti minn dan id-dħul ([…]%-EUR […] biljun fl-2005) jikkorrispondi għall-bejgħ dirett irreġistrat fis-sistema ta' fatturar ta' Correos u jista' jiġi imputat direttament għall-prodotti u s-servizzi finali.

(c) Il-bqija tad-dħul ([…]% - EUR […] miljun fl-2005) li mhux irreġistrat fis-sistema ta' fatturazzjoni iżda li għandu oriġini differenti huwa allokat għal prodotti u servizzi finali fuq il-bażi ta' tabella ta' perċentwali derivati minn studji magħmula minn Correos fuq ir-rabta ta' kawżalità bejn id-dħul reġistrat u l-prodotti u s-servizzi li ġġeneraw dan id-dħul.

(6) Il-marġni għal kull prodott finali u għal kull servizz jista' għalhekk jiġi kkalkolat.

(238) Il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema kontabilistika analitika stabbilita minn Correos hija xierqa sabiex jiġu separati l-attivitajiet USO mill-attivitajiet mhux USO kif ukoll fi ħdan l-USO, l-attivitajiet riżervata mill-attivitajiet mhux riservati.

(239) Il-Kummissjoni tikkonkludi li Correos ikkonformat mad-Direttiva 2006/111/KE.

A. **L-Ammont ta' kumpens**

Metodu ta' kalkolu xieraq

(240) Il-paragrafu 21 tal-Qafas SGEI tal-2012 jgħid li "(…) l-ammont tal-kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kost tat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż profitt raġonevoli". Jindika wkoll li "(…) Meta l-impriża twettaq ukoll attivitajiet li jaqgħu barra mill-ambitu tal-SGEI, il-kostijiet li għandhom jiġu kkunsidrati jistgħu jkopru l-kostijiet diretti kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku u kontribuzzjoni xierqa għall-kostijiet indiretti komuni kemm għas-SGEI kif ukoll għall-attivitajiet l-oħra. Il-kostijiet marbuta ma' kull attivitajiet li jkunu barra mill-ambitu tas-SGEI għandhom jinkludu l-kostijiet diretti kollha u kontribuzzjoni xierqa għall-kostijiet komuni."

(241) Il-paragrafu 24 tal-Qafas SGEI tal-2012 jgħid li "Il-kost nett meħtieġ, jew li huwa mistenni li jkun meħtieġ, għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku għandu jiġi kkalkulat billi tintuża l-metodoloġija tal-kostijiet netti evitati fejn din tkun meħtieġa mill-Unjoni jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u f'każijiet oħra fejn dan huwa possibbli."

(242) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2016, il-Kummissjoni stmat li, peress li l-kumpensi tal-USO mogħtija skont il-Liġi Postali tal-1998 ingħataw bħala għajnuna illegali qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas SGEI tal-2012 fil-31 ta' Jannar 2012, il-paragrafu 69 ta' dak il-qafas speċifikament eskluda l-applikazzjoni tal-paragrafu 24 tal-qafas u għalhekk l-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-NAC għal għajnuna illegali.

(243) Tabilħaqq, in-nota 2 ta' qiegħ il-paġna tal-premessa 21 tal-Qafas SGEI tal-2012 tiċċara li jekk ma tkunx tista' tiġi applikata l-metodoloġija tal-NAC (jew, bħal f'dan il-każ, ma tapplikax) il-kost nett irid jiġi ddeterminat bħala l-kostijiet mingħajr id-dħul tal-obbligi tas-servizz pubbliku. Din il-"metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet" hija deskritta fil-paragrafi 28 *et seq*. tal-Qafas SGEI tal-2012. Kienet meqjusa l-metodoloġija xierqa għall-kalkolu tal-kumpens tas-SGEI taħt il-Qafas tas-SGEI tal-2005, li kienet tapplika mid-29 ta' Novembru 2005 sal-31 ta' Jannar 2012, u serviet bħala l-bażi għal diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kumpens għall-USOs f'dak il-perjodu ([77]).

(244) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos ikkontestaw speċifikament l-argument fil-kummenti tagħhom li jargumenta li l-Qafas SGEI tal-2012 ma evitax l-użu tal-NAC iżda sempliċiment ippermetta li ma jintużax qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu (ara b'mod partikolari l-premessa 98).

(245) Il-Kummissjoni tqis li l-aċċettazzjoni tal-użu tal-metodoloġija tal-NAC għall-għajnuna illegali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas SGEI tal-2012 tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu vantaġġ min-nuqqas ta' notifika ta' tali miżura ta' għajnuna illegali peress li tkun tista' tagħżel bejn il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet u l-NAC filwaqt li l-Istati Membri li nnotifikaw il-kumpensi tagħhom għas-SGEI, kif previst mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kienu obbligati li jużaw metodu wieħed biss jiġifieri l-metodu tal-allokazzjoni tal-kostijiet. Dan l-approċċ għalhekk jippermetti li Spanja tieħu vantaġġ minħabba ksur tal-obbligi ta' notifika u tinvolvi ksur possibbli tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Il-Kummissjoni għalhekk issostni li l-metodu ta' kontabilità biss jista' jintuża f'dan il-każ.

(246) Fi kwalunkwe każ, anki li kieku jiġi aċċettat li l-metodoloġija tal-NAC kif preskritt mill-Qafas SGEI tal-2012 u d-Direttiva 2008/6/KE tista' tintuża f'dan il-każ, kif spjegat fil-premessi 176 sa 183, il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija Spanjola ma tistax titqies bħala implimentazzjoni valida tal-metodoloġija tal-NAC kontra dak li huwa argumentat mill-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos.

(247) Għalhekk, il-metodoloġija Spanjola mhijiex, irrispettivament mill-merti intrinsiċi potenzjali tagħha, metodu li l-Kummissjoni qatt irrikonoxxiet, la qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas SGEI tal-2012 u lanqas wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

(248) F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Kummissjoni tqis li l-uniku metodu li jista' jintuża huwa l-metodu ta' kontabilità li kien l-uniku metodu ta' referenza fil-mument meta ngħataw il-kumpensi USO u li kien il-bażi għal diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kumpens għall-USOs f'dak il-perjodu.

([77]) Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni 2012/321/UE u d-Deċiżjoni 2012/636/UE.

Parametri referenzjarji xierqa għall-profitt raġonevoli

(249) Kif spjegat fil-premessa 167, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Jannar 2012, iddeterminat parametru referenzjarju tal-marġni ta' profitt raġonevoli applikabbli għall-operaturi postali kollha fl-Unjoni.

(250) L-awtoritajiet Spanjoli kkontestaw l-applikabbiltà ta' dawn il-parametri referenzjarji għal Correos, u argumentaw li kull każ għandu jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli biex jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar is-suq postali Spanjol li tippermetti valutazzjoni tal-opportunità li jkun hemm parametri referenzjarji differenti għal Correos. Madankollu, ma ġietx ipprovduta informazzjoni ta' dan it-tip. Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni se tapplika l-parametru referenzjarju ta' medda ta' profitt raġonevoli stabbilit fil-każ bpost għal dan il-każ.

Valutazzjoni tal-approċċ alternattiv issuġġerit mill-awtoritajiet Spanjoli

(251) F'każ li l-Kummissjoni tapplika l-metodu kontabilistiku għall-kumpensi USO mogħtija lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998, l-awtoritajiet Spanjoli argumentaw li għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi li ġejjin (ara t-taqsima 5.3.1):

— Valutazzjoni separata tal-kumpensi mogħtija lis-settur riżervat tal-USO u lis-settur mhux riżervat tal-USO

— Tnaqqis permezz tal-kumpens żejjed permezz ta' dividendi mħallsa minn Correos.

(252) Dawn is-suġġerimenti huma analizzati fil-premessi 253 sa 263.

— Valutazzjoni separata tal-kumpensi mogħtija lis-settur riżervat tal-USO u lis-settur mhux riżervat tal-USO

(253) L-awtoritajiet Spanjoli argumentaw li l-kumpensi tal-USO riċevuti minn Correos għall-konsenja ta' servizzi riżervati u mhux riżervati għandhom jiġu vvalutati separatament.

(254) Wara li analizzat l-argumenti pprovduti mill-awtoritajiet Spanjoli matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni tqis li l-qasma bejn is-settur Riżervat/Mhux Riżervat tista' tiġi aċċettata peress li:

— L-argumenti li jappoġġjaw id-differenzazzjoni taż-żewġ SGEI differenti jidhru raġonevoli (b'mod partikolari l-kuntest tat-twettiq tal-obbligi huwa differenti bejn is-settur riżervat tal-USO u s-settur mhux riżervat tal-USO);

— Il-qasma hija koerenti għal kollox mal-mod kif ġie kkalkolat il-kumpens tal-USO li jiddistingwi b'mod ċar is-servizzi riżervati u mhux riżervati u li huma differenti b'mod sinifikanti bejn iż-żewġ setturi. Kif spjegat mill-awtoritajiet Spanjoli, filwaqt li l-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet ġiet applikata għas-servizzi riżervati tal-USO, ġie applikat approċċ ieħor għas-servizzi mhux riżervati USO li l-awtoritajiet Spanjoli jidentifikaw għall-metodoloġija tal-NAC. Filwaqt li l-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-kwalifika, hija taqbel li l-metodoloġija tal-kalkolu hija fundamentalment differenti bejn is-settur riżervat tal-USO u s-settur mhux riżervat tal-USO.

(255) Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-aċċettazzjoni ta' din il-qasma tinvolvi li l-kumpensi tal-USO lis-settur riżervat u l-kumpensi tal-USO lis-settur mhux riżervat għandhom jiġu vvalutati separatament mingħajr ebda rikonċiljazzjoni ulterjuri taż-żewġ valutazzjonijiet.

Bil-qasma, il-Kummissjoni tikkonferma li r-riżultati ppreżentati fit-taqsima 5.3.1 huma korretti:

— l-ebda kumpens żejjed ta' Correos għall-forniment tas-servizzi riżervati għall-USO peress li l-kumpens għas-servizzi riżervati tal-USO huwa eżattament daqs il-kost nett tal-kontabilità ta' Correos

— kumpens żejjed ta' Correos għat-twassil tas-servizzi mhux riservati USO ugwali għall-ammont ta' kumpensi tal-USO allokati lis-settur mhux riżervat tal-USO billi l-livell ta' profitt tas-servizzi mhux riżervati tal-USO kien dejjem ogħla mil-livell tal-parametru referenzjarju massimu tal-profitt ikkunsidrat fil-każ bpost.

(256) Il-kumpens żejjed ta' Correos għall-forniment ta' servizzi mhux riżervati huwa għalhekk ugwali għal EUR 317,387 miljun (f'termini nominali).

— Tnaqqis permezz tal-kumpens żejjed permezz ta' dividendi mħallsa minn Correos.

(257) L-awtoritajiet Spanjoli argumentaw li l-kumpens żejjed ta' Correos għandu jitnaqqas mid-dividendi mħallsa minn Correos matul l-2004–2010 (madwar EUR 151 miljun).

(258) Bħala prinċipju, il-Kummissjoni ma tqisx li d-dividendi huma mezz xieraq biex jitnaqqas il-kumpens żejjed kif imsemmi fil-każ Dansk Statsbaner ([78]). Madankollu, f'dan il-każ, il-Kummissjoni tifhem li ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ kienu għamlu l-ħlas ta' dividendi probabbilment l-uniku mod prattiku biex jiġi limitat l-impatt ta' kumpens żejjed ta' Correos li jirriżulta mill-profitti għolja ta' Correos fis-settur mhux riżervat.

(259) L-ewwel nett, il-Kummissjoni taqbel li Spanja pprovdiet biżżejjed evidenza li turi li d-deċiżjoni li jitħallsu d-dividendi oriġinat pjuttost mill-Istat Spanjol (bl-użu tal-pożizzjoni tiegħu bħala azzjonist uniku ta' Correos) milli mill-maniġment ta' Correos innifisha.

(260) Minbarra l-inklużjoni ta' dawn id-dividendi mill-Istat fil-baġit tiegħu ferm qabel il-pagament reali tagħhom li għandha t-tendenza li turi li l-Istat kien qed jikkontrolla d-deċiżjoni, huwa wkoll diffiċli li jiġi identifikat l-interess ekonomiku għal Correos, bħala kumpanija, biex id-dividendi jitħallsu lill-Istat f'dak il-perjodu. L-inċentivi tipiċi għal kumpanija biex tirremunera l-azzjonist tagħha (tattira investituri, fondi futuri siguri, turi s-saħħa finanzjarja tajba tal-kumpanija) ma jidhrux rilevanti fis-sitwazzjoni inkwistjoni meta l-Istat ikun l-uniku azzjonist u fejn il-kumpanija kienet assigurata li tirċievi finanzjament kontinwu sal-2010 mill-Istat. Għal dawn ir-raġunijiet, meta wieħed iqis il-qafas legali speċifiku li kien fis-seħħ, jista' jiġi aċċettat li d-deċiżjoni li jiġu mħallsa d-dividendi toriġina essenzjalment mill-Istat li uża din l-għodda biex jiġbed fondi mill-kumpanija.

(261) Fir-rigward tal-Istat Spanjol, il-ħlas ta' kumpensi sinifikanti għall-USO u fl-istess ħin il-ġbir tad-dividendi jista' jidher inkonsistenti iżda jista' jinftiehem fil-kuntest fejn id-dividendi kienu fil-fatt mezz biex jitnaqqas il-finanzjament żejjed potenzjali li xorta kellu jitħallas lil Correos skont il-Plan de Prestación tal-2000. Tabilħaqq, peress li Spanja kienet iffirmat kuntratt ta' servizz pubbliku li jiddefinixxi b'mod awtomatiku l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lil Correos irrispettivament mil-livell ta' profitt attwali tal-kumpanija, jista' jinftiehem li d-dividendi jistgħu jaqdu f'ċirkostanzi bħal dawn ir-rwol ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

(262) Il-Kummissjoni tqis ukoll li dawn id-dividendi essenzjalment joriġinaw minn servizzi mhux riżervati tal-USO li ġew ikkumpensati żżejjed, li kienu s-sors tal-profitt ta' Correos. Barra minn hekk, Correos li kienet profittabbli ħafna fis-snin korrispondenti ma tidhirx li ġibdet xi benefiċċju partikolari mill-fondi miżmuma temporanjament: b'mod partikolari, ma kisbitx self mill-banek li setgħu bbenefikaw minn affidabbiltà kreditizja aħjar u ma għamlitx akkwiżizzjonijiet partikolari.

(263) F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Kummissjoni taċċetta li tnaqqas il-kumpens żejjed imħallas minn Correos bid-dividendi mħallsa minn Correos matul l-2004–2010.

(264) It-tabella 12 tiġbor fil-qosor il-kalkolu tal-ammont nominali tal-irkupru:

Tabella 12

Kalkolu tal-kumpens żejjed

(f'miljuni ta' EUR)

Settur mhux riżervat tal-USO	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kostijiet	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

([78]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 31. Anki li kieku d-dividendi tqiesu f'dak il-każ, il-Kummissjoni indikat ukoll fil-paragrafu 345 tad-deċiżjoni, il-Kummissjoni indikat b'mod partikolari li "*l-politika tad-dividendi ma tistax tiġi mqabbla ma' klawżola ta' rifużjoni li tagħmilha possibbli li jiġi aġġustat il-kumpens għat-twettiq ta' obbligu ta' servizz pubbliku u li jiġi evitat kumpens żejjed.*"

(f'miljuni ta' EUR)

Settur mhux riżervat tal-USO	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Kost nett = Kostijiet - Dħul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Profitt raġonevoli (ibbażat fuq ROS ta' 7.4 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kost nett + profitt raġonevoli	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kumpens permess lil Correos	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Kumpens mogħti lil Correos	44,859	47,294	55,199	39,441	40,863	45,919	43,812	317,387
Kumpens żejjed = kumpens mogħti – kumpens permess	44,859	47,294	55,199	39,441	40,863	45,919	43,812	317,387
Dividend imputat	29,775	30,576	51,958	38,966	0,000	0,000	0,000	151,275
Kumpens żejjed aġġustat = kumpens żejjed - dividendi	**15,084**	**16,718**	**3,241**	**0,475**	**40,863**	**45,919**	**43,812**	**166,112**

7.1.5. KONKLUŻJONI

(265) Il-Kummissjoni tikkonkludi l-ewwel li l-kumpensi tal-USO mogħtija lil Correos taħt il-Liġi Postali 1998 jikkostitwixxu għajnuna illegali mill-Istat.

(266) Barra minn hekk, dawn il-kumpensi tal-USO jikkostitwixxu għajnuna inkompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat sal-punt li dawn jingħataw kumpens żejjed lil Correos.

(267) Wara t-tnaqqis tad-dividend, il-kumpens żejjed huwa ta' EUR 166,112 miljun.

(268) L-ammont attwali li għandu jiġi rkuprat jista' jqis aġġustament tat-taxxa ([79]) kif previst mill-Avviż dwar l-Irkupru ([80]) li jiddikjara fil-paragrafu 50 tiegħu li "L-awtoritajiet nazzjonali huma permessi li jqisu l-inċidenza tassistema tat-taxxa sabiex jiddeterminaw l-ammont li għandu jiġi rimborżat. Meta benefiċjarju ta' għajnuna illegali u inkompatibbli jkun ħallas it-taxxa fuq l-għajnuna li rċieva, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, skont ir-regoli nazzjonali tagħhom tat-taxxa, iqisu l-ammont tat-taxxa mħallsa qabel billi jirkupraw biss l-ammont nett li l-benefiċjarju jkun irċieva. Il-Kummissjoni tqis li f'każijiet bħal dawn, jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw li l-benefiċjarju ma jkunx jista' jgawdi minn tnaqqis ieħor mit-taxxa billi jiddikjara li r-rimborż naqqas id-dħul taxxabbli tiegħu, peress li dan ikun ifisser li l-ammont nett tal-irkupru kien aktar baxx mill-ammont nett riċevut inizjalment."

(269) Għaldaqstant, l-ammont effettiv li għandu jiġi rkuprat jista' jqis aġġustament tat-taxxa bis-suppożizzjoni li Spanja tirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 50 tal-avviż ta' rkupru. Se jinkludi wkoll interessi mid-data li fiha kull kumpens tal-USO tpoġġa għad-dispożizzjoni ta' Correos sal-irkupru.

([79]) L-awtoritajiet Spanjoli indikaw l-intenzjoni tagħhom li jitolbu aġġustament fiskali għall-kalkolu tal-ammont ta' rkupru.
([80]) Avviż mill-Kummissjoni - Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata l-Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li nghatat kontra l-liġi (ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4).

7.2. *L-EŻENZJONIJIET MIT-TAXXA MIKSUBA MINN CORREOS: IT-TAXXA FUQ IL-PROPJETÀ IMMOBBLI (IBI) U T-TAXXA FUQ L-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI (IAE)*

7.2.1. L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 107(1) TAT-TRATTAT

7.2.1.1. ***Il-miżuri imputabbli għall-Istat u mogħtija minn riżorsi tal-Istat***

(270) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jeħtieġ li l-miżura tingħata minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma. Telf ta' dħul mit-taxxa hu ekwivalenti għall-konsum ta' riżorsi tal-Istat fil-forma ta' nefqa fiskali.

(271) Kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Banco Exterior de España*, miżura li biha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi eżenzjoni mit-taxxa li, għalkemm ma tinvolvix trasferiment ta' flus kontanti tar-riżorsi tal-Istat, tqiegħed lill-persuni li għalihom tapplika l-eżenzjoni mit-taxxa f'sitwazzjoni finanzjarja aktar favorevoli minn kontribwenti oħrajn, tissodisfa l-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([81]).

(272) Bl-eżenzjoni ta' Correos mit-Taxxa fuq il-Proprjetà Immobbli u mit-Taxxa fuq l-Attivitajiet Ekonomiċi, l-awtoritajiet Spanjoli jitilfu dħul li jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat.

(273) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa jinvolvu telf ta' riżorsi tal-Istat u konsegwentement jingħataw mill-Istat permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(274) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos argumentaw fil-kummenti tagħhom li l-eżenzjoni mit-taxxa tal-IBI mhijiex imputabbli għall-Istat minħabba li tirriżulta mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Nazzjonali u mhux l-Istat innifsu (ara l-premessi 67 u 102).

(275) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dak l-argument, tabilħaqq f'każijiet fejn awtorità pubblika tagħti vantaġġ lil benefiċjarju, il-miżura hija skont id-definizzjoni imputabbli lill-Istat, anki jekk l-awtorità inkwistjoni tgawdi awtonomija legali minn awtoritajiet pubbliċi oħra ([82]). Għalhekk, l-għajnuna mogħtija permezz ta' sentenzi li joħorġu mill-qrati nazzjonali hija imputabbli għall-Istat u, b'hekk, tista' tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat.

7.2.1.2. ***Vantaġġ ekonomiku selettiv lil impriża***

A. **Il-kunċett ta' impriża**

(276) Kif indikat fil-premessa 162, Correos għandha tiġi kkwalifikata bħala impriża għall-provvista tas-servizzi tal-USO li huma s-suġġett tal-eżenzjoni mit-taxxa.

B. **Vantaġġ ekonomiku**

(277) Il-forma preċiża ta' miżura hija irrilevanti biex jiġi stabbilit jekk tagħtix vantaġġ ekonomiku lill-impriża ([83]). Il-kunċett ta' vantaġġ ikopri mhux biss il-benefiċċji pożittivi iżda wkoll interventi li, f'diversi forom, itaffu l-imposti li normalment jitħallsu mill-baġit tal-impriża ([84]). Għalhekk, ħelsien minn piżijiet ekonomiċi (bħal obbligi tat-taxxa) jista' wkoll jikkostitwixxi vantaġġ.

(278) Correos ġiet totalment jew parzjalment eżentata minn ċerti taxxi, bħall-IBI u l-IAE, filwaqt li impriżi oħra, involuti wkoll f'attivitajiet ekonomiċi inkluż l-għoti ta' servizzi postali, fil-prinċipju huma kompletament soġġetti għal dawn it-taxxi. Għalhekk, Correos tibbenefika minn vantaġġ ekonomiku għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(279) L-eżenzjonijiet mit-taxxa mogħtija lil Correos inaqqsu l-imposti li normalment jiġu inklużi f'kostijiet operatorji tagħha. Konsegwentement, dan jibbenefika lil Correos meta mqabbla ma' impriżi oħra soġġetti għall-IBI jew l-IAE, li ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa.

([81]) Il-Kawża C-387/92, *Banco Exterior de España*, EU:C:1994:100, il-paragrafu 14.
([82]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, Air France vs Il-Kummissjoni, T-358/94, ECLI:EU:T:1996:194, il-paragrafu 62.
([83]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans* EU:C:2003:415, il-paragrafu 84.
([84]) Il-Kawża 30/59 *De Gezamenlijke Steenkolenmijnen f'Limburg vs l-Awtorità Għolja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar* EU:C:1961:2, p. 19; U l-Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* EU:C:2001:598, il-paragrafu 38.

C. **Selettività**

(280) Miżura hija selettiva sa fejn tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(281) It-tassazzjoni differenzjali trid tiġi eżaminata fid-dawl tal-ġurisprudenza dwar il-kunċett tas-selettività ([85]). Miżura tat-taxxa hija *prima facie* selettiva jekk tikkostitwixxi devjazzjoni mill-qafas ġenerali (jew referenza) tat-taxxa. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat jekk il-miżura tiffavorixxix ċerti impriżi meta mqabbla ma' impriżi oħra, li huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli fid-dawl tal-objettiv imfittex mis-sistema ta' taxxa ta' referenza. Skont il-każistika tal-Qorti, miżura selettiva *prima facie* tista' tiġi ġġustifikata mil-loġika tas-sistema tat-taxxa. Madankollu, f'dan ir-rigward, jistgħu jitqiesu biss ir-raġunijiet intrinsiċi inerenti għas-sistema fiskali u l-ebda raġunijiet ta' politika esterna. Jekk il-miżura *prima facie* selettiva ma tistax tiġi ġġustifikata mil-loġika tas-sistema fiskali, din tkun tammonta għal vantaġġ selettiv u, jekk il-kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat ikunu ssodisfati, dik il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni ([86]).

Taxxa fuq il-Propjetà Immobbli (IBI)

Qafas ta' referenza

(282) Id-determinazzjoni tas-sistema ta' tassazzjoni ta' referenza (jew il-qafas ta' referenza) għandha importanza partikolari fil-każ ta' miżuri fiskali, peress li l-eżistenza nnifisha ta' vantaġġ tista' tiġi biss meta mqabbla mas-"sistema ta' tassazzjoni normali" ([87]).

(283) F'dan il-każ, il-qafas ta' referenza għandu jiġi definit bħala IBI, kif stipulat fid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004, tal-5 ta' Marzu 2004. Isegwi minn din il-liġi li, skont ir-regoli normali, impriżi - fost persuni oħra legali u fiżiċi - huma soġġetti għal IBI għad-drittijiet ta' proprjetà stipulati fl-Artikolu 61 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 dwar proprjetajiet rurali u urbani u fuq proprjetà b'karatteristiċi speċjali.

Deroga mill-qafas ta' referenza

(284) Skont l-Artikolu 60 tad-Digriet Irjali Leġiżlattiv, l-IBI "hija taxxa diretta oġġettiva imposta fuq il-valur tal-proprjetà skont it-termini stabbiliti f'dan id-Digriet Leġiżlattiv Irjali". L-avveniment taxxabbli tal-IBI huwa l-intitolament għal kwalunkwe wieħed mid-drittijiet stipulati fl-Artikolu 61 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 ([88]) dwar proprjetajiet rurali u urbani u fuq proprjetà b'karatteristiċi speċjali. L-IBI mhijiex imposta fuq l-ebda attività, iżda fuq il-valur tal-proprjetà.

(285) Skont l-Artikolu 19(1)(b) tal-Liġi Postali tal-1998 u l-Artikolu 22(2) tal-Liġi Postali tal-2010, Correos fil-prinċipju hija intitolata għal eżenzjoni mit-taxxi fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati mas-servizzi tagħha fis-settur riżervat (skont il-Liġi Postali 1998) jew l-USO (skont il-Liġi Postali 2010). Għalkemm l-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li l-IBI mhijiex direttament marbuta ma' attività ekonomika partikolari u għalhekk Correos ma setgħetx tibbenefika mill-eżenzjoni, fil-prattika Correos ressqet ilmenti quddiem il-Qrati lokali minħabba li temmen li kienet intitolata għall-eżenzjoni IBI għall-uffiċji postali f'ċerti muniċipalitajiet.

(286) L-eżenzjoni mit-taxxa minn IBI applikabbli lil Correos tikkostitwixxi deroga mis-sistema tat-taxxa IBI ġenerali applikabbli fi Spanja u tagħti vantaġġ selettiv lil Correos. Tabilħaqq, bl-applikazzjoni tal-eżenzjoni tat-taxxa, Correos, li hija involuta fit-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli bħal impriżi oħra, tgawdi minn benefiċċju tat-taxxa li kumpaniji oħra mhumiex intitolati għalih. Għalhekk, il-miżura tidderoga mir-reġim komuni tat-taxxa tal-IBI sa fejn din tiddistingwi bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-objettiv tas-sistema tat-taxxa IBI (li huwa li tintaxxa d-drittijiet ta' proprjetà immobbli stipulati fl-Artikolu 61, id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 fuq rurali u urban), huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli ([89]).

([85]) Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos et*. EU:C:2011:550, il-paragrafi 49 *et seq*.
([86]) Ara l-Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* EU:C:2001:598.
([87]) Il-Każijiet T-211/04 u T-215/04, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit* EU:T:2008:595, il-para. 80.
([88]) Konċessjoni amministrattiva fuq il-proprjetà nnifisha jew fuq is-servizzi pubbliċi li għalihom tintuża l-proprjetà, id-dritt *in rem* għal kiri, dritt *in rem* għall-użufrutt u d-dritt tas-sjieda.
([89]) Ara, *inter alia*, il-Kawża C-88/03 *Il-Portugall vs il-Kummissjoni* EU:C:2006:511, il-paragrafu 56; Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos*, EU:C:2011:550, il-paragrafu 49.

Loġika intrinsika tas-sistema tat-taxxa

(287) Il-Kummissjoni b'mod preliminari tikkonkludi li l-eżenzjoni mit-taxxa IBI applikabbli għall-Correos hija *prima facie* selettiva. Madankollu, għadu meħtieġ li jiġi ddeterminat (kif imsemmi fil-premessa 281), jekk l-eżenzjoni mit-taxxa mill-IBI tistax tiġi ġġustifikata min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa IBI billi jintwera li l-miżura tirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema fiskali tagħha.

(288) L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos ma pprovdewx qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2016 jew matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali kwalunkwe argument li juri li l-eżenzjoni mit-taxxa mill-IBI tirriżulta mill-applikazzjoni ta' prinċipju ta' gwida tas-sistema tat-taxxa IBI. Il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tidentifika tali ġustifikazzjoni. Il-loġika inerenti tas-sistema tat-taxxa IBI hija li tintaxxa d-drittijiet tal-proprjetà stipulati fl-Artikolu 61 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 dwar proprjetajiet rurali u urbani u fuq proprjetà b'karatteristiċi speċjali. L-applikazzjoni ta' eżenzjoni totali minn IBI esklużivament għal Correos ma taqbilx mal-loġika tas-sistema tat-taxxa tal-IBI.

Konklużjoni

(289) Billi l-awtoritajiet Spanjoli ma pprovdewx, matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kwalunkwe argument li jikkontradixxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni preliminari li ntlaħqet fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2016 li l-eżenzjoni mit-taxxa mill-IBI mogħtija lil Correos tikkostitwixxi vantaġġ selettiv li ma jistax jiġi ġġustifikat min-natura u l-loġika tas-sistema tat-taxxa IBI.

Taxxa fuq l-Attivitajiet Ekonomiċi (IAE)

Qafas ta' referenza

(290) Isegwi mill-Artikolu 78 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004 li l-impriżi li jwettqu attivitajiet ekonomiċi, kummerċjali, professjonali jew artistiċi huma soġġetti għall-IAE. It-taxxa tal-IAE fuq servizzi postali u telekomunikazzjonijiet hija stabbilita fil-Grupp tat-Tariffi 847 "Servizzi Postali u telekomunikazzjonijiet" tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1175/1990 tat-28 ta' Settembru. Għaldaqstant, il-qafas ta' referenza huwa l-IAE, kif stabbilit fid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2004, tal-5 ta' Marzu 2004.

Deroga mill-qafas ta' referenza

(291) In-nota 3 għall-Grupp tat-Tariffi tal-847 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1175/1990 tistipula li l-Entità tan-Negozju Pubbliku ta' Correos hija intitolata tħallas biss 50 % tal-ammont tat-taxxa stipulat għall-impriżi soġġetti għall-Grupp ta' Tariffi 847 "Servizzi postali u telekomunikazzjonijiet".

(292) L-eżenzjoni parzjali mit-taxxa mill-IAE applikabbli għal Correos tikkostitwixxi deroga mis-sistema fiskali tal-IAE applikabbli għal attivitajiet ekonomiċi, kummerċjali, professjonali u artistiċi b'mod ġenerali, u b'mod partikolari għas-servizzi postali u għat-telekomunikazzjoni. Għalhekk, dik l-eżenzjoni tista' titqies li tagħti vantaġġ selettiv lil Correos. Fil-fatt, bl-applikazzjoni tal-eżenzjoni tat-taxxa ta' 50 %, Correos, li hija involuta f'attivitajiet ekonomiċi b'mod ġenerali u s-servizzi postali b'mod partikolari, tgawdi minn benefiċċju tat-taxxa li b'mod ġenerali, impriżi oħrajn b'mod ġenerali u operaturi postali oħrajn b'mod partikolari mhumiex intitolati għalihom. Għalhekk, il-miżura tidderoga mir-reġim tal-IAE komuni applikabbli għall-impriżi kollha b'mod ġenerali u għas-servizzi postali u l-operaturi tat-telekomunikazzjoni b'mod partikolari, peress li tiddistingwi bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-objettiv tal-IAE (li huwa li tintaxxa t-twettiq ta' attività ekonomika), huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli ([90]). Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-eżenzjoni parzjali mill-IAE applikabbli għal Correos hija *prima facie* selettiva.

Loġika intrinsika tas-sistema tat-taxxa

(293) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit, skont il-każistika tal-Qorti, jekk l-eżenzjoni mit-taxxa mill-IAE mogħtija lil Correos tistax tkun iġġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa tal-IAE billi jintwera li l-miżura tirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema tat-taxxa tagħha.

([90]) Ara, *inter alia*, il-Kawża C-88/03 *Il-Portugall vs il-Kummissjoni* EU:C:2006:511, il-paragrafu 56; Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos*, EU:C:2011:550, il-paragrafu 49.

(294) Correos targumenta li l-eżenzjoni mill-IAE tkun ġustifikata mil-loġika tas-sistema tat-taxxa tal-IAE għaliex il-loġika intrinsika tal-IAE tkun li tintaxxa l-attivitajiet ekonomiċi bl-għan li tintervjeni fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni ta' oġġetti u servizzi u Correos hija involuta mhux biss f'attivitajiet ekonomiċi li jikkonsistu fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi, iżda wkoll fil-forniment ta' servizzi pubbliċi bħall-USO, li ma jsegwux għan ekonomiku (ara l-premessa 70).

(295) Il-Kummissjoni ma tistax taqbel ma' dak l-argument. L-għoti tal-USO huwa attività ekonomika u eżenzjoni mit-taxxa li jkollha fil-mira tagħha l-USO jenħtieġ li tiġi kkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat li tista' possibbilment tkun kompatibbli jekk tikkonforma mar-regoli tal-SGEI dwar il-kompatibbiltà. Dan l-argument jidher li jikkontradixxi t-talba ta' Correos li l-eżenzjonijiet ta' IAE u IBI ma jiġux ivvalutati fid-dawl tal-Liġi Postali tal-1998 jew tal-2010 li jinkarigaw lil Correos bl-USO iżda b'referenza diretta għal-leġiżlazzjoni li tirregola kull taxxa (ara l-premessa 66). Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li Correos ma argumentatx li l-eżenzjonijiet tat-taxxa tal-IAE jistgħu jikkostitwixxu kumpensi tal-USO.

(296) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tqis li ma ntweriex li l-eżenzjoni mill-IAE tista' tiġi ġġustifikata mil-loġika tas-sistema tat-taxxa tal-IAE.

Konklużjoni

(297) Il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni preliminari li ntlaħqet fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2016 li l-eżenzjoni parzjali mit-taxxa IAE mogħtija lil Correos tikkostitwixxi vantaġġ selettiv li ma jistax jiġi ġġustifikat min-natura u l-loġika tas-sistema tat-taxxa tal-IAE.

7.2.1.3. ***Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ***

(298) Kif spjegat fil-premessa 204, kwalunkwe miżura li tibbenefika lil Correos aktarx li taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

7.2.1.4. ***Konklużjoni***

(299) Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tikkonferma l-valutazzjoni preliminari tagħha li l-eżenzjonijiet minn IBI u IAE mogħtija lil Correos jissodisfaw il-kriterji kumulattivi tal-għajnuna mill-Istat u għalhekk jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.2.2. GĦAJNUNA EŻISTENTI JEW ĠDIDA

(300) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa lill-IBI, l-eżenzjonijiet mit-taxxa nkisbu minn Correos bejn l-2008 u l-2013, għalhekk wara l-adeżjoni ta' Spanja mal-Unjoni fl-1986. Għalhekk, l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli ma tistax titqies bħala għajnuna eżistenti.

(301) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa IAE, it-taxxa ġiet introdotta mill-Artikoli 79 sa 92 tal-Liġi 39/1988, li tirregola l-Finanzi Lokali, tat-28 ta' Diċembru 1988. It-taxxa ġiet introdotta wara l-adeżjoni ta' Spanja mal-Unjoni. Għalhekk, l-eżenzjoni tat-taxxa IAE normalment ma tistax tiġi kkwalifikata bħala għajnuna eżistenti.

(302) Jista' jiġi nnotat li l-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos jargumentaw li l-eżenzjoni mit-taxxa IAE hija għajnuna eżistenti minħabba li l-eżenzjoni tirriżulta mill-ħekk imsejħa Kwota ta' Liċenzja, li kienet modalità tat-Taxxa fuq Attivitajiet u Benefiċċji Kummerċjali u Industrijali, adottata bid-Digriet 3313/1966 tad-29 ta' Diċembru 1966 (ara l-premessi 71 u 103).

(303) L-awtoritajiet Spanjoli ma pprovdewx informazzjoni lill-Kummissjoni li tista' turi kontinwità bejn it-Taxxa tal-1966 dwar l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Industrijali u Kummerċjali u t-Taxxa IAE tal-1988 li introduċiet sistema speċifika ħafna (ara l-premessi 42 sa 44). Barra minn hekk, anki jekk wieħed jassumi li t-taxxa tal-IAE introdotta fl-1988 tista' tirriżulta mit-Taxxa tal-1966 dwar l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Kummerċjali u Industrijali,

il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Spanjoli jirrikonoxxu wkoll li Correos kellha eżenzjoni sħiħa mit-Taxxa tal-1966 fuq l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Industrijali u Kummerċjali meta kienet korp amministrattiv minħabba n-natura tagħha (ara l-premessa 103). Correos kienet korp amministrattiv sal-1990 (ara l-premessa 22) u għalhekk qatt ma kienet soġġetta a priori għat-Taxxa tal-1966 dwar l-Attivitajiet u l-Benefiċċji Kummerċjali u Industrijali filwaqt li s-sistema ta' Taxxa IAE kklassifikat b'mod ċar lil Correos f'kategorija taxxabbli speċifika u Correos ibbenefikat minn tnaqqis ta' 50 % tal-ammont pagabbli f'dik il-kategorija.

(304) Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li l-eżenzjoni mit-taxxa IAE ma tikkostitwixxix għajnuna eżistenti.

7.2.3. IL-LEGALITÀ TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA

(305) Il-Kummissjoni tinnota li l-eżenzjonijiet fiskali tal-IBI u tal-IAE ma kinux soġġetti għal notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(306) Għalhekk, l-eżenzjonijiet mit-taxxa mogħtija lil Correos jikkostitwixxu għajnuna illegali skont it-tifsira tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament (UE) 2015/1589.

7.2.4. IL-KOMPATIBBILTÀ MAS-SUQ INTERN

(307) L-għajnuna mill-Istat għandha titqies kompatibbli mas-suq intern jekk tkun inkluża fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 107(2) tat-Trattat ([91]) u tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern jekk il-Kummissjoni jirriżultalha li hija inkluża f'xi waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 107(3) tat-Trattat ([92]). Madankollu, huwa l-Istat Membru li jagħti l-għajnuna li jerfa' r-responsabbiltà li jagħti prova li l-għajnuna mill-Istat mogħtija minnu hija kompatibbli mas-suq intern skont il-paragrafi (2) jew (3) tal-Artikoli 107 tat-Trattat.

(308) Il-Kummissjoni tosserva li l-eżenzjonijiet fiskali tal-IBI u tal-IAE jeħilsu lil Correos mill-kostijiet li normalment kien ikollha ġġarrab fil-ġestjoni ta' kuljum jew fl-attivitajiet normali tagħha. Fi kliem ieħor, dawk l-eżenzjonijiet jikkostitwixxu għajnuna operattiva, mingħajr ebda limitu ta' żmien. Bħala regola ġenerali, l-għajnuna operattiva ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern skont il-paragrafi (2) jew (3) tal-Artikolu 107 tat-Trattat.

(309) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli ma avvanzaw l-ebda argument, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2016 jew matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, li juri li l-eżenzjonijiet tat-taxxa tal-IBI u tal-IAE mogħtija lil Correos setgħu jaqgħu taħt xi waħda mill-eżenzjonijiet elenkati fil-paragrafi (2) jew (3) tal-Artikolu 107 tat-Trattat.

(310) L-awtoritajiet Spanjoli ma pprovdew l-ebda ġustifikazzjoni, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2016 jew matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, li skonthom l-eżenzjonijiet tal-IBI u tal-IAE (li f'kull każ japplikaw mhux biss għas-SGEI iżda wkoll għal attivitajiet purament kummerċjali) jistgħu jkunu kompatibbli skont l-Artikolu 106(2).

7.2.5. KONKLUŻJONI

(311) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjonijiet tat-taxxi IBI u IAE jikkostitwixxu għajnuna inkompatibbli mill-Istat u l-ammonti korrispondenti għandhom jiġu rkuprati.

(312) Correos targumenta f'dan ir-rigward li anki kieku l-Kummissjoni kellha ssib l-eżenzjonijiet fiskali tal-IBI inkompatibbli, dawn ma setgħux jiġu rkuprati minħabba l-prinċipju *res judicata* li kieku jinvolvi, skont Correos, li s-sentenza tal-Qorti Suprema Spanjola ma setgħetx tibqa' tiġi ddubitata (ara l-premessa 69).

(313) Il-Kummissjoni ma tikkondividix il-fehmiet ta' Correos dwar dan il-punt.

([91]) L-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 107(2) tat-Trattat jikkonċernaw: (a) għajnuna ta' karattru soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali; (b) għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali; u (c) għajnuna mogħtija lill-ekonomiji ta' ċerti reġjuni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

([92]) L-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 107(3) tat-Trattat jikkonċernaw: (a) għajnuna maħsuba biex tippromwovi l-iżvilupp ta' ċerti żoni; (b) għajnuna għal ċerti proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew jew biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija tal-Istat Membru; (c) għajnuna biex jiġu żviluppati ċerti attivitajiet jew oqsma ekonomiċi; (d) għajnuna biex tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju; u (e) għajnuna speċifikata minn deċiżjoni tal-Kunsill

(314) L-ewwelnett, il-Qorti Suprema Spanjola ma ddeċidietx dwar l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' għajnuna fl-eżenzjonijiet mill-IBI mogħtija mill-Qrati lokali (ara l-premessi 40 u 41). L-unika konklużjoni tal-Qorti Suprema kienet li l-eżenzjonijiet tal-IBI ma kinux ġustifikati. Kif spjegat mill-awtoritajiet Spanjoli, il-Qorti lanqas ma kellha s-setgħat biex tordna l-irkupru. Għalhekk ir-res judicata ma tistax tiġi evokata f'dan il-kuntest minħabba li fil-fatt ma hemm l-ebda sentenza li tikkonkludi li Correos ma għandhiex tħallas lura l-ammonti korrispondenti.

(315) It-tieni nett, il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna hija kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni u sal-punt li jkun hemm Għajnuna mill-Istat, il-Qrati nazzjonali ma jistgħux jesprimu ruħhom dwar il-kompatibbiltà u l-irkupru.

(316) L-ammont ta' rkupru għall-eżenzjoni tal-IBI f'termini nominali jikkorrispondi għas-somma tal-eżenzjonijiet mogħtija lil Correos mill-Qrati lokali bejn l-2008 u l-2013 u huwa ugwali għal EUR 752 840,50. L-ammont reali li għandu jiġi rkuprat se jinkludi interessi mid-data li fiha tħallas kull rimborż tat-taxxa lil Correos sal-irkupru attwali tagħhom.

(317) L-ammont ta' rkupru għall-eżenzjoni parzjali tal-IAE f'termini nominali jikkorrispondi għall-ammont totali tat-tnaqqis IAE mogħti lil Correos minn 2004 sa 2017: EUR 113 591,24. L-ammont reali li għandu jiġi rkuprat se jinkludi interessi mid-data li fiha t-taxxi tal-IAE mnaqqsa tħallsu minn Correos sal-irkupru attwali tagħhom.

7.3. *IT-TLIET ŻIDIET TA' KAPITAL MOGĦTIJA RISPETTIVAMENT FL-2004, FL-2005 U FL-2006 RISPETTIVAMENT*

7.3.1. GĦAJNUNA MILL-ISTAT SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 107(1) TAT-TRATTAT

(318) L-awtoritajiet Spanjoli argumentaw li t-tliet żidiet ta' kapital mogħtija lil Correos fl-2004 (EUR 16-il miljun), fl-2005 (EUR 16-il miljun) u l-2006 (EUR 16-il miljun) kienu konformi mal-MEIP u għalhekk ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(319) Skont l-awtoritajiet Spanjoli, dawk iż-żidiet ta' kapital kienu parti mill-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' Correos għall-perjodu 2001-2006 sabiex jikkumpensa għat-tnaqqis fir-ritmu tas-suq postali. Dan kien jinkludi investimenti fl-infrastruttura ta' Correos, l-istruttura tal-organizzazzjoni u l-proċess ta' awtomazzjoni.

(320) Wara d-dubji li esprimiet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2016, l-awtoritajiet Spanjoli pprovdew lill-Kummissjoni b'argumenti addizzjonali favur il-konformità mal-MEIP (ara t-taqsima 4.1.3), jiġifieri:

— il-prospetti ta' Correos kienu tajbin fil-mument tal-investiment fuq il-bażi ta' pjanijiet pluriennali ex-ante. B'mod partikolari, il-pjanijiet pluriennali 2004-2006 ipprevedew titjib fil-profittabbiltà tal-istabbiltà ta' Correos f'każ ta' ebda attività ta' investiment. F'dak is-sens iż-żidiet ta' kapital kienu element ewlieni fil-kisba tal-profittabbiltà mbassra *ex-ante* tal-kumpanija.

— il-modernizzazzjoni tal-kumpanija kienet deċiżjoni koerenti ta' negozju li kull azzjonist kien kieku jaqbel magħha, speċifikament għall-2004-2006, l-attività ta' investiment kienet ogħla mill-medja tal-1994-2004, u għalhekk iż-żidiet ta' kapital kienu parti mir-reazzjoni għall-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali.

— il-kumpanija għamlet profitti wara l-investimenti (anki esklużi l-kumpens USO riċevut minn Correos),

— studju indipendenti *ex-post* (minn Ernst-Young) ibbażat fuq *data ex-ante* kkonkluda li r-redditu mistenni tal-investiment tal-Istat Spanjol f'Correos kien akbar mill-kost tal-kapital tiegħu fiż-żmien tal-investiment.

(321) Il-Kummissjoni taqbel li l-investimenti ffinanzjati parzjalment mill-Istat Spanjol f'Correos huma tipiċi ta' miżuri ta' modernizzazzjoni meħuda fis-settur postali b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-pass tas-suq postali tal-ittri. Id-deċiżjonijiet tal-Istat kienu bbażati fuq pjanijiet pluriennali li kienu jipprevedu b'mod ċar titjib fil-profitabbiltà ta' Correos u li dan kien ikkonfermat ulterjorment mill-fatti. L-istudju ta' Ernst-Young jikkonferma wkoll li l-investiment kien deċiżjoni ekonomika razzjonali f'dak iż-żmien.

7.3.2. KONKLUŻJONI

(322) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-injezzjonijiet ta' kapital tal-2004-2006 jistgħu jitqiesu bħala konformi mal-MEIP u għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.4. *IL-KUMPENSI MOGĦTIJA LIL CORREOS GĦALL-ORGANIZZAZZJONI TAL-ELEZZJONIJIET*

7.4.1. L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 107(1) TAT-TRATTAT

7.4.1.1. ***Il-miżuri imputabbli għall-Istat u mogħtija minn riżorsi tal-Istat***

(323) Il-kumpens jitħallas direttament mill-Baġit Ġenerali tal-Istat u huwa imputabbli lill-Istat u jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

7.4.1.2. ***Vantaġġ ekonomiku selettiv lil impriża***

A. **Il-kunċett ta' impriża**

(324) Mill-każistika jirriżulta li l-Artikolu 107 tat-Trattat ma japplikax fejn l-Istat jaġixxi "billi jeżerċita setgħa pubblika ([93])" jew fejn l-entitajiet pubbliċi jaġixxu "fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi" ([94]). Entità tista' titqies li tkun qed taġixxi billi teżerċita setgħat pubbliċi, meta l-attività inkwistjoni tkun kompitu li jifforma parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat jew li huwa marbut ma' dawk il-funzjonijiet min-natura tiegħu, l-għan tiegħu u r-regoli li għalihom huwa suġġett ([95]). Ġeneralment, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx iddeċieda li jdaħħal mekkaniżmi tas-suq, attivitajiet li intrinsikament jiffurmaw parti mill-prerogattivi ta' awtorità uffiċjali u jitwettqu mill-Istat ma jikkostitwixxux attivitajiet ekonomiċi.

(325) F'dan il-każ, is-servizzi pprovduti minn Correos huma parti mill-obbligu tal-Istat li jirregola u li jorganizza l-proċedura tal-elezzjoni, li tirrikonoxxi d-dritt li tivvota jew personalment jew permezz ta' votazzjoni bil-posta. L-awtoritajiet Spanjoli u/jew Correos jargumentaw li l-attivitajiet kollha mwettqa minn Correos fil-kuntest tal-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet għandhom jitqiesu li huma parti mill-prerogattivi tal-Istat u li għalhekk Correos ma għandhiex titqies bħala impriża meta twettaq dawn l-attivitajiet (ara l-premessi 79-81, 118 u 119).

(326) Il-Kummissjoni tikkunsidra l-attivitajiet li huma direttament relatati mal-proċedura ta' votazzjoni bħat-trattament tal-vot postali, il-kunsinna ta' materjali mill-Uffiċċju tar-Reġistru Elettorali (pereżempju karti tar-reġistrazzjoni tal-votanti) u l-ġbir ta' dokumentazzjoni elettorali ladarba l-għadd ikun lest bħala parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni taqbel mal-awtoritajiet Spanjoli li dawk l-attivitajiet ma jistgħux jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi u li l-finanzjament tagħhom ma jammontax għal għajnuna mill-Istat, peress li għal dawk l-attivitajiet Correos ma tistax titqies li tikkostitwixxi impriża.

(327) Madankollu, fir-rigward tal-immaniġġjar postali ta' materjal elettorali mibgħut mill-kandidati politiċi, is-sitwazzjoni hija differenti. Fid-Deċiżjoni tagħha dwar Poste Italiane ([96]), il-Kummissjoni qieset li d-distribuzzjoni ta' materjal elettorali minn Poste Italiane b'tariffa mnaqqsa sussidjata kienet tikkostitwixxi attività ekonomika u, għalhekk, li l-kumpens għal dan is-servizz kien jammonta għal għajnuna mill-Istat. Din il-miżura hija simili ħafna għas-sistema Taljana (jiġifieri l-kandidati elettorali jistgħu jibagħtu fuljetti lill-votanti b'tariffi mnaqqsa soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet u l-Istat jikkumpensa lill-operatur postali għall-kost residwu) u hija b'mod ċar separabbli mill-attivitajiet mhux ekonomiċi direttament relatati mal-proċedura ta' votazzjoni mwettqa minn Correos. Għaldaqstant, fir-rigward tal-immaniġġjar postali ta' materjal elettorali mibgħut minn kandidati politiċi, Correos għandha titqies bħala li tikkostitwixxi impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

([93]) Il-Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, EU:C:1987:283, il-paragrafi 7 u 8.
([94]) Il-Kawża C-30/87 *Bodson* EU:C:1988:225, il-paragrafu 18.
([95]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża C-364/92 *SAT* EU:C:1994:7, il-paragrafu 30 u l-Kawża C-343/95, *Calì & Figli* EU:C:1997:160, il-paragrafi 22 sa 23.
([96]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.33989 (2012/NN) implimentata mill-Italja favur Poste Italiane.

(328) Minħabba l-kontenut tas-servizz, operaturi postali oħrajn jistgħu wkoll iwettqu dan is-servizz bi skambju għal kumpens pubbliku ([97]). Dan huwa evidenzjat mill-fatt li l-kandidati elettorali attwalment jużaw is-sistema stabbilita mill-Istat (u b'hekk jagħżlu Correos) biex jibagħtu l-fuljetti tagħhom peress li jkollhom iħallsu biss prezz baxx għal kull oġġett. Madankollu, jekk jixtiequ jibagħtu aktar minn oġġett wieħed għal kull ċittadin, iridu jħallsu l-prezz sħiħ u f'dan il-każ jagħżlu liberament li jużaw Correos jew operaturi postali oħra (speċjalment fiż-żoni urbani) biex jagħmlu dan.

B. **Vantaġġ ekonomiku**

(329) Il-kumpens mogħti lil Correos għat-trattament postali ta' materjal elettorali mibgħut minn kandidati politiċi huwa mfassal biex ikopri l-ispiża netta kollha mġarrba minn Correos fit-twettiq tas-servizz inkwistjoni jew parti minnha. Mingħajr dak il-kumpens, Correos ikollha tħallas dawk l-ispejjeż hi stess. Għalhekk, il-kumpens jikkostitwixxi vantaġġ għal Correos peress li jeħles lil dan tal-aħħar minn piż li kieku kien ikollha tħallas fin-nuqqas ta' dak il-kumpens.

C. **Selettività**

(330) Il-miżura hija b'mod ċar selettiva peress li tibbenefika biss lil impriża waħda: Correos.

7.4.1.3. ***Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ***

(331) Kif spjegat fil-premessa 204, kull miżura li tibbenefika lil Correos aktarx li taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

7.4.1.4. ***Konklużjoni***

(332) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-finanzjament tad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali għal kandidati elettorali jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.4.2. GĦAJNUNA EŻISTENTI JEW ĠDIDA

(333) Skont l-awtoritajiet Spanjoli u Correos (ara l-premessi 83-85 u 121), jekk il-finanzjament tad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali għal kandidati elettorali jikkostitwixxi għajnuna, ikun għajnuna eżistenti minħabba li beda qabel l-adeżjoni ta' Spanja mal-Komunità Ekonomika Ewropea fl-1986.

(334) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw b'mod partikolari li l-kumpens mogħti lill-kandidati elettorali għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali ilu fis-seħħ mill-1977 mingħajr ebda modifika sostanzjali.

(335) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Spanjoli, il-Kummissjoni tinnota li l-iskema li tmur lura għall-1977, kienet tipprovdi għal tariffi baxxi fissi li kienu applikabbli għall-elezzjonijiet kollha (lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni). Correos irċeviet ukoll għal kull elezzjoni finanzjament parzjali tal-kost sħiħ tal-konsenja matul il-perjodu kollu.

(336) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament tad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali għall-kandidat elettorali jikkwalifika bħala għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b) tar-Regolament (UE) 2015/1589.

7.4.3. KONKLUŻJONI

(337) Il-kumpens mogħti lil Correos għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali mibgħut minn kandidati politiċi jikkostitwixxi għajnuna eżistenti u se jiġi ttrattat separatament skont l-Artikoli 17, 18 u 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([98]).

([97]) Tabilħaqq, skont il-paragrafu 13 tal-Komunikazzjoni dwar is-SGEI tal-Kummissjoni: "[*i*]*d-deċiżjoni ta' awtorità li ma tippermettix lil partijiet terzi jipprovdu ċertu servizz (pereżempju, minħabba li tixtieq tipprovdi s-servizz internament) ma teskludix l-eżistenza ta' attività ekonomika*".

([98]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

8. **KONKLUŻJONIJIET FIL-QOSOR**

(338) Il-kumpens għal USO mogħti lil Correos taħt il-Liġi Postali tal-1998, l-eżenzjonijiet mit-taxxa mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (IBI) u t-taxxa fuq l-attivitajiet ekonomiċi (IAE), u l-kumpens mogħti lil Correos għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali jikkostitwixxu miżuri ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat minħabba li huma eżentaw lil Correos minn kostijiet li normalment jingarru minn impriżi privati.

(339) It-tliet żidiet ta' kapital mogħtija fl-2004, fl-2005 u fl-2006, ma jikkostitwixxux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat minħabba li l-Istat aġixxa f'konformità mal-MEIP.

(340) Il-Kummissjoni ssib li Spanja implimentat b'mod illegali l-miżuri ta' għajnuna msemmija fil-premessa 338 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-kumpens mogħti lil Correos għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali mibgħut minn kandidati politiċi li jikkostitwixxi għajnuna eżistenti.

(341) Il-kumpens tal-USO mogħti lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998 jikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat sal-punt li dan ta kumpens żejjed lil Correos.

(342) L-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (IBI) u t-taxxa fuq l-attivitajiet ekonomiċi (IAE) jikkostitwixxu għajnuna inkompatibbli.

(343) Il-kumpens mogħti lil Correos għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali mibgħut minn kandidati politiċi jikkostitwixxi għajnuna eżistenti u se jiġi ttrattat separatament skont l-Artikoli 17, 18 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

9. **L-IRKUPRU**

(344) Skont it-Trattat u l-każistika stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat irid jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ([99]). Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jannulla għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ([100]).

(345) F'dan il-kuntest, il-Qorti ddeċidiet li dan l-objettiv jintlaħaq meta r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna illegali, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu minflok il-kompetituri tiegħu fis-suq, u tkun ġiet irkuprata s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna ([101]).

(346) F'konformità mal-każistika, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 iddikjara li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju […]".

(347) B'hekk, minħabba li l-kumpens tal-USO mogħti lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998 (sal-punt li ta kumpens żejjed lil Correos) u l-eżenzjonijiet mit-taxxa mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (IBI) u t-taxxa fuq l-attivitajiet ekonomiċi (IAE) ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat, u għandhom jitqiesu bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, iridu jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma ngħataw.

(348) L-ammonti nominali ta' rkupru li jikkorrispondu għall-miżuri ta' għajnuna inkompatibbli differenti huma ta' EUR 166,112 miljun għall-kumpens ta' USO mogħti lil Correos skont il-Liġi Postali tal-1998 (ara l-premessa 267), EUR 752 840,50 għall-eżenzjonijiet tal-IBA (ara l-premessa 316) u EUR 113 591,24 għall-eżenzjonijiet parzjali tal-IAE (ara l-premessa 317).

([99]) Ara l-Kawża C-70/72 *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* [1973] il-Ġabra 813, il-paragrafu 13.
([100]) Ara l-Każijiet Magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni* [1994] ECR I-4103, il-paragrafu 75.
([101]) Ara l-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* [1999] ECR I-030671, il-paragrafi 64 u 65.

(349) L-irkupru għandu għalhekk ikopri ż-żmien minn meta seħħ il-vantaġġ għall-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv tagħha u s-somom li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax sal-irkupru effettiv. Jista' wkoll iqis l-aġġustament tat-taxxa kif imsemmi fil-premessi 268-269.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont li jikkorrispondi għal EUR 317,387 miljun, mogħti lil Correos fil-forma ta' kumpens għall-obbligu ta' servizz universali skont il-Liġi Postali tal-1998, implimentat minn Spanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Mill-ammont imsemmi fil-paragrafu preċedenti, l-ammont li jikkorrispondi għal EUR 166,112 miljun huwa inkompatibbli mas-suq intern, peress li jikkostitwixxi kumpens żejjed lil Correos.

Artikolu 2

L-għajnuna mill-Istat, li tammonta għal EUR 752 840,50, mogħtija lil Correos fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (*Impuesto sobre Bienes Inmuebles*), implimentata illegalment minn Spanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

L-għajnuna mill-Istat, li tammonta għal EUR 113 591,24, mogħtija lil Correos fil-forma ta' eżenzjoni parzjali mit-taxxa fuq l-attivitajiet ekonomiċi (*Impuesto de Actividades Económicas*), implimentata illegalment minn Spanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 4

Il-kontribuzzjonijiet ta' kapital f'Correos magħmula minn Spanja fl-2004, fl-2005 u fl-2006 ma jikkostitwixxux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 5

L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens mogħtija lil Correos għad-distribuzzjoni ta' materjal elettorali tikkostitwixxi għajnuna eżistenti fit-tifsira tal-Artikolu 1(b) tar-Regolament (UE) 2015/1589.

Artikolu 6

1. Spanja għandha tirkupra l-għajnuna inkompatibbli mogħtija skont il-miżuri msemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3.

2. L-ammont ta' għajnuna mill-Istat imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1 jista' jitnaqqas billi titnaqqas it-taxxa li tħallset mill-għajnuna riċevuta bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ma jkunx jista' jgawdi minn tnaqqis ieħor mit-taxxa kif imsemmi fil-paragrafu 50 tal-Avviż ta' Rkupru.

3. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati għandhom iġorru mgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru attwali tagħhom.

4. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004.

5. Spanja għandha tikkanċella l-pagamenti pendenti kollha tal-għajnuna msemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 7

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Spanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 8

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Spanja għandha tippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (kapital u imgħax ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni;

(c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

2. Spanja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm jitlesta l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3. Hija għandha tissottometti minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda u dawk ippjanati sabiex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni. Għandha wkoll tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u interess ta' rkupru diġà rkuprat mill-benefiċjarju.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kumissjoni